**MALTA**

# DIBATTITI TAL-KAMRA TAD-DEPUTATI
**(Rapport Uffiċjali u Rivedut)**

## L-ERBATAX-IL PARLAMENT

**Seduta Nru 172**
**L-Erbgħa, 15 ta' Novembru 2023**

**Stampat fl-Uffiċċju tal-Iskrivan**
**Kamra tad-Deputati**
**MALTA**

**Prezz €2.50**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**Seduta Nru 172**
**L-Erbgħa, 15 ta' Novembru 2023**

**Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament,**
**il-Belt Valletta, fid-9.03 a.m.**

**Talba**

**Seduta Nru 172**

**L-Erbgħa, 15 ta' Novembru 2023**

**WERREJ**

MINUTI ........ 581

MISTOQSIJIET – TWEĠIBIET ORALI ........ 581

TQEGĦID TA' KARTI ........ 585

ORDNIJIET TAL-ĠURNATA
ESTIMI ĠENERALI 2024 - KUMITAT TA' PROVVISTA
IS-SEBA' SEDUTA STABBILITA - MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA,
IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI ........ 586

AĠĠORNAMENT ........ 617

MISTOQSIJIET GĦAL TWEĠIBIET ORALI MWIEĠBA BIL-MIKTUB ........ 618

## MINUTI

*Il-Minuti tas-Seduta Nru 171, li saret fl-14 ta' Novembru 2023, ġew ikkonfermati.*

## MISTOQSIJIET – TWEĠIBIET ORALI

### ASSISTENZA GĦAL DIŻABILITÀ SEVERA - DIĊEMBRU 2014 - SPIŻA

**11280. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI (f'isem l-Onor. Graziella Attard Previ)** staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm persuni li bbenefikaw mill-Assistenza għal Diżabilità Severa f'Diċembru tal-2014 u kemm kienet l-ispiża?

**ONOR. MICHAEL FALZON (Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal):** Ninforma lill-Onor. Interpellant li n-numru ta' benefiċjarji għas-sena 2014 kien ta' 2,530, bi spiża ta' €12.8 miljun.

**L-ISPEAKER (Onor. Anġlu Farrugia):** L-Onor. Katya De Giovanni, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. KATYA DE GIOVANNI:** Sur President, nixtieq nistaqsi lill-Ministru proprju x'qiegħed isir dwar il-vjolenza domestika u t-tip ta' taħriġ li qed jingħata lill-professjonisti li jaħdmu f'dan il-qasam.

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru Michael Falzon.

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Sur President, naħseb li l-fenomenu - jekk trid issejjaħlu fenomenu - tal-vjolenza domestika sfortunatament jeżisti f'kull soċjetà. Hija xi ħaġa verament kerha li fil-post fejn inti suppost l-aktar li tistenna li hemm min jifhmek, min se jgħinek, dak il-post li għalih inħobbu nużaw l-espressjoni "immur id-dar u nirrilassa", dak l-ambjent fejn inti suppost tkun protett, issib li ma' wiċċek il-vjolenza domestika.

Hemm każijiet ta' vjolenza domestika li jvarjaw, u l-ewwel li tiġi f'moħħok hija l-vjolenza fiżika, imma hemm ukoll tip ta' vjolenza li hija emozzjonali u anke finanzjarja, fejn wieħed jista' jġib lill-ieħor totalment dipendenti fuqu. Ma nixtieqx insemmi ismijiet, imma wara l-aħħar każ ta' qtil ta' mara, kienet saret inkjesta u rapport minn eks imħallef. Kien hemm diversi rakkomandazzjonijiet u waħda mill-ewwel rakkomandazzjonijiet kienet li għandna naraw jekk il-famuża tool imsejħa "DASH" hijiex qed isservi, tistax tiġi mtejba u tistax tiġi mibdula. U dik il-biċċa saret. Minn hemm imbagħad ħarisna lejn mezzi oħrajn ta' kif wieħed jista' jipprova jassessja kemm hija kbira t-theddida fil-każ ta' vjolenza domestika.

Illum nista' ngħid li ġiet identifikata danger assessment tool li tintuża fl-Istati Uniti tal-Amerika, li nstab li hija aktar effiċjenti mid-DASH. M'iniex qed ngħid li d-DASH kienet ħażina għax din hija sistema li għadha tintuża partikolarment fl-Ingilterra, u aħna l-Maltin għandna t-tendenza li nsegwu l-prattika Ingliża. Imma aħna mexjin biex inħaddmu danger assessment tool li tidher li tista' tkun aktar effiċjenti. Fil-frattemp ukoll waqqafna l-Multi-Agency Risk Assessment and Management Meeting (MARAM) li jekk, permezz tagħha, jirriżulta li hemm ċertu element ta' periklu, jiltaqgħu d-diversi aġenziji, fosthom il-Pulizija u d-Domestic Violence Unit u oħrajn, u jidentifikaw x'passi hemm bżonn li jieħdu.

Fil-preżent għaddej it-taħriġ għall-istakeholders fuq din id-danger assessment tool minn żewġ esperti, li waħda minnhom tista' tgħid li hija waħda minn dawk li ħolquha. Nieħu pjaċir ninnota li kellna aktar minn 200 stakeholder li resqu għal dan it-taħriġ. Issa l-pass li jmiss huwa li nitilqu bid-danger assessment tool li tintuża b'mod ġenerali fejn ikun hemm każijiet ta' vjolenza domestika.

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Carmelo Mifsud Bonnici, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI:** Sur President, ma nafx jekk il-Ministru huwiex mgħarraf biżżejjed, però hawn ħafna nies fis-soċjetà li qed isibu li l-paga tagħhom qed tinqabad fil-mandati ta' sekwestru. Għandna kwantità kbira ta' nies, speċjalment dawk li qed jaħdmu fuq bażi part-time, li qed ibatu fil-ħajja tagħhom għax is-salarju tagħhom, minħabba l-mekkaniżmu li għandna llum, jidħol direttament fil-bank u għandna sitwazzjoni li kif jidħlu l-flus fil-bank, minkejja d-dispożizzjoni tal-liġi li tgħid li parti mis-salarju tagħhom għandu jiġi protett biex dawn ikunu jistgħu jkomplu jgħixu, dawn il-

flus jiġu kkonsidrati bħala parti sħiħa mill-flus depożitati hemmhekk.

Billi smajt li dan huwa Gvern li għamel baġit soċjalista, ma jidhirlux il-Ministru li wasal iż-żmien li nagħmlu dispożizzjoni ċara lill-banek u lil kulħadd li dawk il-flus huma protetti għall-ħaddiema? (Onor. Membri Hear, hear) Ma jidhirlux ukoll il-Ministru li wasal iż-żmien li l-capping li kien hemm u li ilu li sar - ma ngħidx 30 sena ilu imma ngħid 20 sena ilu - għandu jogħla? Illum huwa possibbli li ħaddiema fil-livell l-aktar baxx jispiċċaw f'din is-sitwazzjoni u jidħlu fil-problemi, imbagħad isibu mandati ta' sekwestru varji li jsiru qishom in-nemus u d-dubbien kollu ta' Malta! Biex nipproteġuhom! Nifhem li l-Ministru se jgħidli li hu mhuwiex il-Ministru għall-Ġustizzja, però almenu nista' nitlob lill-Ministru biex jimpenja ruħu ħalli jqajjem dan il-punt fil-Kabinett għax huwa verament importanti għan-nies li huma l-aktar 'l isfel u għall-klassi tal-ħaddiem li aħna nħobbu wkoll. Grazzi.

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru Michael Falzon.

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ħalli nibda nirrispondi b'mod li forsi mhuwiex mistenni, u naqbel mal-kollega. Jien kont bankier u l-liġi tgħid li suppost sa €699 - għax għadna nitkellmu fuq il-Lm300 Maltin - ma tistax twaqqafhom b'sekwestru. Hawnhekk hawn bankiera oħrajn kollegi quddiemi, jiġifieri se noqgħod attent x'se ngħid għax jien m'għadnix hemm issa. Iżda għalkemm il-liġi tgħid hekk, kien hemm diversi sentenzi tal-Ġudikatura - u mhu se ngħid xejn aktar - li ddeċidew li hemm mument, 'unidentifiable moment in time', li l-flus jiġu tal-bank u għalhekk il-bank ikun marbut bl-ordni.

Fil-każ tal-benefiċċji soċjali rnexxielna naslu billi tkellimna mal-banek kollha u anke mal-Assoċjazzjoni Maltija tal-Bankiera u għamilna t-tibdil fil-liġi. B'dan it-tibdil fil-liġi l-ewwel nett qed nagħmluha ċara li l-benefiċċji soċjali mhumiex attachable u għamilnieha ċara wkoll li hu kemm hu l-benefiċċju soċjali, jiġifieri jekk inti għandek pensjoni ta' €900 jew ta' €1000, dik ma jistax iżommhielek il-bank. Biex inkun onest u sinċier irrid ngħid li kien hemm daqsxejn intoppi fil-bidu, imma fl-aħħar donnu li wasalna mal-banek. Kellna xi naqra diffikultajiet żgħar, il-banek ħadu l-inizjattiva, u nixtieq nirringrazzjahom għaliex fl-aħħar għamilnieha b'kunsens mal-bankiera kollha, jiġifieri jiftħu kont separat u f'dak il-kont jidħol il-benefiċċju soċjali li ma jintmissx.

Li nista' ngħid huwa li jien ukoll nixtieq li nagħmluha ġenerali, u naħseb li ġieli tkellimt dwarha hawnhekk. U jekk qed tistaqsini jekk hux se nimpenja ruħi li nagħmilha, ngħidlek li trid tapprezza li din – mhu qed inwaddab xejn fid-direzzjoni ta' sħabi – mhijiex xi ħaġa li nista' naqbad mal-Assoċjazzjoni tal-Bankiera Maltija direttament jien, imma naħseb li wasal iż-żmien li, l-ewwel nett nirrevedu l-limitu ta' €699, bħalma għamilna bil-benefiċċji soċjali. Naħseb li wasal iż-żmien li nagħmluha, għax fl-aħħar mill-aħħar, għamel x'għamel bniedem, dan irid jiekol u jixrob, speċjalment jekk ikollu t-tfal jiġifieri se nimpenja ruħi li mmexxiha 'l quddiem. Naqbel li wasal iż-żmien! (Onor. Membri: Hear, hear)

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Romilda Zarb.

**ONOR. ROMILDA ZARB:** Sur President, bħala Gvern dejjem inkomplu nħarsu 'l quddiem li ninċentivaw l-anzjani biex kemm jista' jkun jibqgħu jgħixu b'mod indipendenti fil-komunità fid-djar tagħhom. Għaldaqstant jista' l-Ministru jispjega lil din il-Kamra eżattament x'tip ta' inċentivi qegħdin inressqu 'l quddiem biex inkunu nistgħu nassiguraw dan?

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru Michael Falzon.

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Sur President, se naċċenna ftit għall-benefiċċji. Hawnhekk hawn il-Ministru Abela, li huwa direttament responsabbli għall-anzjanità attiva u għal persuni ta' ċerta età. Għandna realtà demografika bħalma għandu kulħadd, u wieħed mill-effetti tar-realtà demografika huwa li l-popolazzjoni tagħna qiegħda dejjem tixjieħ. Huwa fatt ukoll li mhux biss f'Malta imma fil-pajjiżi kollha tad-dinja, għal raġunijiet varji, jagħmel aktar sens jekk il-persuna tibqa' fil-komunità milli tidħol f'dar tal-anzjani. Meta persuna tibqa' fil-komunità ma toħroġhiex mill-ambjent li forsi tkun għexet fih għal madwar 40 sena jew 50 sena.

Hemm diversi inċentivi oħrajn li wieħed jista' jiggwadanja minnhom. Wieħed minnhom, li erġajna żidnieh ukoll din id-darba, huwa li persuna li għandha 75 sena u għadha tgħix fil-komunità tingħata forma ta' grant, u min għandu aktar minn 80 sena u għadu jgħix fil-komunità jingħata grant akbar. Lil dak li għandu aktar minn 80 sena erġajna żidnieh b'miżura ta' dan il-Baġit

li se jiġi attwat is-sena d-dieħla u, jekk m'iniex sejjer żball, dik l-għotja se titla' għal €450 fis-sena. Ma' dik hemm għajnuna li naħseb li hija b'saħħitha ħafna; il-parti li jagħmel tajjeb għaliha l-Gvern meta anzjan jew anzjana jimpjegaw magħhom carer full-time u ma jidħlux f'dar residenzjali. Dik il-grant tal-Gvern kienet ta' €7,000 fis-sena, u mill-1 ta' Jannar li ġej din se titla' għal €8,000. Jiġifieri fil-każ ta' dawk l-anzjani li baqgħu jgħixu fil-komunità u ma marrux f'dar tal-anzjani u għandhom carer magħhom full-time, il-Gvern se jagħmel tajjeb għalihom sa €8,000 fis-sena.

Imbagħad għandek inċentivi oħrajn, bħall-inċentiv għal min qiegħed f'dar tal-anzjani privata u jħallas hu minn butu. U hekk għandu jkun. Għaliex m'għandekx tgħin lil dak ukoll! Fl-aħħar mill-aħħar, tajjeb jew ħażin, l-Istat qiegħed inaqqas il-piż minn fuqu. Irridu naraw li nagħmlu aktar inizjattivi f'dan is-sens, u hawnhekk naħseb li l-benefiċċju li jingħata lil dawk li għandhom ċerta età u forsi l-grant ta' €8,000 fis-sena li huwa aktar b'saħħtu, huwa wieħed mill-inċentivi li għandu jwassal biex l-anzjani tagħna, kemm jista' jkun, jibqgħu jgħixu fil-komunità, xi ħaġa li huma stess ġeneralment ikunu jixtiequ. Fl-aħħar mill-aħħar, permezz ta' din l-għotja, qed ngħinu lill-anzjani biex jibqgħu jgħixu fil-komunità. Imbagħad hemm diversi servizzi oħrajn li wkoll jgħinu lil dawk l-anzjani li jibqgħu jgħixu fil-komunità.

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Abigail Camilleri, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. ABIGAIL CAMILLERI:** Sur President, jista' l-Ministru jgħidilna jekk kienx hemm xi tibdil fir-rati li bih jingħataw il-pagamenti tal-In-Work Benefit?

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru Falzon

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Sur President, l-In-Work Benefit huwa benefiċċju li, jekk niftakar sewwa, daħal fis-seħħ fl-2015 u kien parti minn pakkett ta' miżuri li l-għan tagħhom kien li jaqbillek taħdem, 'making work pay'. Naħseb li ħadd ma jista' jmeri l-fatt li kellna realtà fejn id-differenza bejn id-dħul li wieħed ikollu jekk joħroġ jaħdem u d-dħul li jkollu jekk joqgħod fuq il-benefiċċji soċjali ma kinitx daqshekk kbira u allura l-inċentiv li wieħed joħroġ jaħdem għal dawn in-nies ma kienx xi inċentiv daqshekk b'saħħtu.

Hemmhekk bażikament kellek pakkett ta' tliet miżuri. Kellek fuq quddiem nett iċ-childcare b'xejn li kienet miżura li kienet qiegħda twassal biex jekk xi ħadd joħroġ jaħdem u l-Gvern jagħmel tajjeb għaċ-childcare ikun qed jiffranka madwar €4,000 fis-sena. Hemm is-sistema l-ġdida tat-tapering of benefits għax filwaqt li qabel, meta kont tkun fuq il-beneficcju soċjali u tidħol fid-dinja tax-xogħol kien jinqatagħlek il-benefiċċju li kont tieħu b'mod immedjat, issa dak ġie mifrux fuq medda ta' żmien u b'hekk il-persuna jkollha dħul mill-impjieg tagħha u parti mill-benefiċċji soċjali. L-iskop kien li nħeġġu lin-nies joħorġu fid-dinja tax-xogħol għax b'hekk tkun qed tagħti nifs lil dawk li jibdew jaħdmu b'paga minima għax iridu jgħaddu sena, sentejn, tlieta sakemm jinqatgħulhom il-benefiċċji kollha. B'dan il-mod id-dħul tagħhom jissaħħaħ ftit mhux ħażin.

Il-benefiċċju l-ieħor li ġie introdott, l-In-Work Benefit, jagħti ammont skont kemm ikun hemm ulied fil-familja fejn il-ġenituri jkunu qegħdin fid-dinja tax-xogħol. L-In-Work Benefit oriġinarjament kien parti minn pakkett ta' inċentivi mmirat biex in-nies jidħlu fid-dinja tax-xogħol u, kif diġà għedt, ġie introdott fl-2015, u matul iż-żmien kien hemm dejjem diversi żidiet. Jiġifieri anke fil-Baġit għas-sena d-dieħla hemm żieda oħra. L-In-Work Benefit ismu miegħu, imma llum imxejna għat-threshold li għandek. Filwaqt li qabel dan il-limitu kien marbut purament jew maġġorment mal-aspett ta' dħul, fejn il-ġenituri jkunu qegħdin fid-dinja tax-xogħol, li għadu marbut ma' hekk, issa, minbarra li żdiedu r-rati, żdied ħafna t-threshold tan-nies li jikkwalifikaw għall-In-Work Benefit, li minn €26,000 tela' għal €35,000, żieda qawwija ħafna. L-istess fejn koppja jaħdmu t-tnejn. Jekk inti ma taqlax €50,000, imma taqla' €49,999, xorta tikkwalifika għall-In-Work Benefit. Jiġifieri mhux żdied biss il-benefiċċju imma anke l-eliġibbiltà. Miżura oħra f'dan il-Baġit kienet il-Cost of Living Adjustment (COLA) addizzjonali, li permezz tiegħu rajna li minbarra li mmorru għall-faxxa t'isfel, ngħinu wkoll l-hekk imsejħa middle class. Koppja bi dħul ta' €50,000 mhuwiex xi dħul li jkollhom koppji fil-faxxa t'isfel.

Pass interessanti ieħor li sar dan l-aħħar għall-ewwel darba huwa li llum lanqas għandek għalfejn tapplika għall-In-Work Benefit. Jiġifieri filwaqt li għal benefiċċji oħrajn trid tapplika, u r-

regola hija li inti tieħu l-benefiċċju li stajt kont intitolat għalih mid-data tal-applikazzjoni 'l quddiem, fil-każ tal-In-Work Benefit inti m'għandekx għalfejn tapplika, għax awtomatikament bis-sistema tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali - ovvjament illum bl-awtomatizzazzjoni hija xi ħaġa relattivament faċli li ssir - jekk id-dħul tal-familja tiegħek ma jaqbiżx il-€50,000 fejn hemm tnejn jaħdmu jew ma jaqbiżx il-€35,000 fejn hemm persuna waħda taħdem, il-Gvern jibda joħroġlok l-In-Work Benefit. Li nista' ngħid huwa li n-numru ta' benefiċjarji minn meta daħlet is-sistema awtomatika żdied konsiderevolment. Kien hemm numru mhux ħażin ta' nies li għalkemm kienu intitolati għalih, forsi ma kenux konxji ta' dan u ma applikawx għalih.

Mis-sena d-dieħla l-istess prinċipju se jibda jitħaddem ukoll għall-benefiċċju ta' €500 kull sena għal tliet snin għal dawk il-familji li jkollhom tifel jew tifla li għandhom 'il fuq minn 16-il sena li jkunu baqgħu studenti full-time fi skola tal-Gvern jew f'istituzzjoni edukattiva tal-privat. Hemmhekk, għall-ewwel darba wkoll, se nagħmlu pass ieħor biex dan il-benefiċċju, li jista' jlaħħaq €1,500 mifrux fuq tliet snin, min qiegħed f'istituzzjoni edukattiva tal-Gvern, m'għandux għalfejn japplika għalih. Iżda f'każ ta' persuna li qiegħda f'istituzzjoni edukattiva tal-Knisja jew tal-privat, dik trid tapplika għalih. Illum, l-In-Work Benefit huwa intiż mhux biss għal dik hekk imsejħa l-faxxa t'isfel imma wkoll għall-faxxa tan-nofs.

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Katya De Giovanni, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. KATYA DE GIOVANNI:** Sur President, il-Fondazzjoni għas-Servizzi ta' Ħarsien Soċjali hija l-pern li wieħed juża f'dan il-pajjiż biex jagħti assistenza lill-poplu fejn ikun hemm bżonnha. Jista' l-Ministru jgħidilna l-professjonisti fiex l-aktar qed jagħtu dan is-sapport tant meħtieġ?

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru Michael Falzon.

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Sur President, il-Fondazzjoni għas-Servizzi ta' Ħarsien Soċjali (FSWS) li ilha mwaqqfa 25 sena tipprovdi mhux il-benefiċċji soċjali - dawk jipprovdihom il-Ministeru u l-Gvern – imma servizzi soċjali fil-komunità. Illum il-Baġit ta' din l-entità jaqbeż it-€30 miljun. Hija entità ta' ċerta importanza, tħaddem numru ta' ħaddiema, fosthom professjonisti. Nieħu pjaċir nirrimarka li l-parti kbira ta' dawn il-ħaddiema mhumiex ħaddiema back office, kif xi kultant għandna t-tendenza li naħsbu, u li l-back office jikber b'mod konsiderevoli. Il-persentaġġ ta' ħaddiema front line f'din l-entità huwa relattivament wieħed qawwi. Dejjem se jibqa' x'tagħmel, u se nsemmi ftit, għax kieku nibqa' sejjer sa għada.

L-FSWS toffri diversi servizzi. Pereżempju, servizz li qed ikun ta' piż għall-pajjiż, mhux għall-FSWS biss, huwa dak tas-Supervisors Access Visits (SAVs) meta jkollok kwestjonijiet maritali u l-ġenituri jkollhom laqgħat taħt superviżjoni mat-tfal tagħhom. Għamilna wkoll, u għad hemm fejn nagħmlu aktar, servizzi fejn nagħmlu outreach. Għalkemm huwa tajjeb li tgħin lil min jiġi 'l quddiem, jien nemmen li jkun aħjar meta tkun inti li toħroġ idejk. Hemmhekk qed naraw li kemm jista' jkun inżidu dawn is-servizzi, li hemm sezzjoni partikolari li tieħu ħsiebhom, li wkoll assumiet ċertu xogħol li kien isir mil-LEAP. Filwaqt li qabel għal dawn is-servizzi kont trid tmur fuq il-post, illum dawn is-servizzi ta' terapija qed jingħataw fid-djar. Hemm servizzi oħrajn, fosthom l-addozzjonijiet. Għalkemm fil-każ ta' addozzjonijiet ir-rwol tal-FSWS mhuwiex daqshekk prinċipali, fejn jidħol matching jingħata wkoll is-servizz tal-fostering, li kelli l-opportunità nitkellem dwaru lbieraħ.

Il-firxa hija wiesgħa, Sur President. Ir-realtà hija li l-kwestjonijiet soċjali mhumiex se jispiċċaw, lanqas se jiħfiefu, anzi pjuttost se jiġu aktar kumplessi. Dan ix-xogħol mhuwiex bħal kwalunkwe xogħol ieħor. Huwa xogħol emozzjonali, tkun qed titkellem man-nies, u r-reazzjoni tiegħek mal-uman tkun għaddejja l-ħin kollu. Hawnhekk mhux qed nitkellmu fuq kwestjonijiet fejn inkunu qed nindirizzaw xi problema fuq il-karta jew nikkonsidraw l-għoti ta' xi permess jew xi liċenzja. Għalkemm napprezza li bħala aġenzija qiegħda taqdi r-rwol tagħha, naħseb li anke bħala pajjiż irridu naħsbu fi rwoli oħrajn. Se nsemmi wieħed u nieqaf minħabba l-ħin.

Se nsemmi, pereżempju, il-kwestjoni tas-solitudni. Minkejja li llum għandna biex nikkuntattjaw lil xulxin - tista' tgħid tmur fejn tmur fil-globu, jekk għandek telefon ċellulari tista' taqbad ma' kulħadd - xorta waħda qed naraw l-element ta' solitudni jiżdied. Dan ħareġ aktar fid-deher waqt il-pandemija tal-COVID-19

meta kellna servizz ta' linja speċifika fejn wieħed jista' jċempel, u hemmhekk rajna li dak is-servizz kellna nżommuh. Jiġifieri hemm realtajiet ġodda li qed jinbidlu l-ħin kollu.

**ASSISTENZA GĦAL DIŻABBILTÀ SEVERA: DIĊEMBRU 2015 - SPIŻA**

**11281. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI (f'isem l-Onor. Graziella Attard Previ)** staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm persuni li bbenefikaw mill-Assistenza għal Diżabiltà Severa f'Diċembru tal-2015 u kemm kienet l-ispiża?

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Sur President, ninforma lill-Onor. Interpellant li n-numru ta' benefiċjarji għas-sena 2015 kien ta' 2,812 bi spiża ta' €14.1 miljun.

Huwa tajjeb li jingħad illi matul dawn l-għaxar snin il-Gvern introduċa diversi riformi għall-persuni b'diżabilità, b'waħda minn tal-bidu tkun l-infurzar ta' liġi li kienet ilha fis-seħħ 50 sena, illi min iħaddem irid jingaġġa mill-inqas 2% tal-ħaddiema tiegħu li jkunu persuni b'diżabbiltà. Dan xpruna lill-Gvern sabiex fl-2015 jemenda l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Kap. 318) sabiex persuni li jgawdu mill-Assistenza għal Diżabbiltà Severa, li dak iż-żmien kienet għadha tissejjaħ pensjoni, ma jitnaqqsilhom xejn mill-benefiċċju jekk ikunu qed jaħdmu, ikun xi jkun is-salarju tagħhom.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Il-ħin tal-Mistoqsijiet għadda. Ngħaddu issa għat-Tqegħid ta' Karti u nsejjaħ lill-Ministru Jo Etienne Abela.

## TQEGĦID TA' KARTI

**ONOR. JO ETIENNE ABELA (Ministru għall-Anzjanità Attiva):** Sur President, f'isem il-Ministru għal Għawdex inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

> Tabella li turi informazzjoni dwar toroq f'Għawdex li l-Ministeru għal Għawdex applika biex isiru taħt ir-Rural Development Programme – European Agricultural Fund for Rural Development għas-snin 2022 u 2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 12878; u

f'isem il-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali nqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

> Lista ta' Liċenzji ta' Operaturi u n-numru ta' vetturi bil-pjanċi jispiċċaw bl-ittri "GY" u "LY" reġistrati magħhom, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 13186; u

> Dettalji ta' vetturi bil-pjanċi li jispiċċaw bl-ittri "GY" u "LY" maqsuma skont il-Liċenzja tal-Operatur, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 13187.

**L-ISPEAKER:** Is-Segretarju Parlamentari Alison Zerafa Civelli.

**ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI (Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali):** Sur President, f'isem il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali nqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

> Korrezzjoni għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13233 dwar salarji ta' persuni li jokkupaw Position of Trust fid-dekasteru li jaqa' taħt il-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali li ngħatat fis-seduta 171 tal-14 ta' Novembru 2023.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Ngħaddu issa għall-Ordnijiet tal-Ġurnata.

## ORDNIJIET TAL-ĠURNATA

## ESTIMI ĠENERALI 2024
## KUMITAT TA' PROVVISTA
## IS-SEBA' SEDUTA STABBILITA

## MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI

*L-ordni għall-Kumitat ġie moqri.*

**FIL-KUMITAT**

*L-Onor. Michael Farrugia, Viċi President tal-Kumitat, ippresieda.*

**ID-DEPUTY CHAIRPERSON:** Illum il-Kumitat għandu quddiemu biex jiġu diskussi l-Voti tal-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali. Nixtieq ninforma lill-Kumitat li skont il-Mozzjoni Nru 183 tal-31 ta' Ottubru, 2023, il-ħin tad-diskussjoni tal-lum huwa ta' tliet sigħat u għandu jinqasam indaqs bejn kelliema tal-Gvern u kelliema tal-Oppożizzjoni, bl-aħħar nofs għall-Gvern.

Insejjaħ issa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittjiet tal-Annimali, l-Onor. Anton Refalo, biex jekk jogħġbu jressaq ir-riżoluzzjonijiet tiegħu.

**ONOR. ANTON REFALO (Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittjiet tal-Annimali):** Sur President, inressaq dawn ir-Riżoluzzjonijiet:

**VOT 20 - MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI**

Illi s-somma ta' mhux iżjed minn €74,933,000 li titħallas mill-Fond Konsolidat tiġi applikata taħt il-Vot 20 - Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali, kif dettaljata fl-Abbozz tal-Estimi Ġenerali ta' Nefqa għas-sena 2024.

**VOT VIII - MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI – KAPITAL**

Illi s-somma ta' mhux iżjed minn €39,436,000 li titħallas mill-Fond Konsolidat tiġi applikata taħt il-Vot VIII - Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali - Kapital, kif dettaljata fl-Abbozz tal-Estimi Ġenerali ta' Nefqa għas-sena 2024.

Sur President, bħalma hija l-prassi, inħalli issa f'idejn l-Oppożizzjoni ħalli tagħmel il-kritika tagħha. Jien irrid minn hawn nirringrazzjaha għas-sena li għaddiet għax-xogħol li għamlet tajjeb f'dan il-qasam u mxejna flimkien u naħseb li dan is-settur saħħaħnieh u ġibnieh 'il quddiem. Grazzi lilkom ukoll u grazzi wkoll lis-Segretarju Parlamentari u lit-tim kollu li ħadem taħti.

**IĊ-CHAIRPERSON:** Grazzi. Insejjaħ lill-Onor. Toni Bezzina biex iressaq l-emenda tal-Oppożizzjoni.

**ONOR. TONI BEZZINA:** Sur President, se nipproponi din l-emenda:

**VOT 20 - MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI**

**Personal Emoluments**
**Item 11 - Holders of Political Office**

Ħassar iċ-ċifra "€105,985" u ssostitwixxi minflok iċ-ċifra "€105,982".

Delete the figure "€105,985" and substitute therefor the figure "€105,982".

Sur President, bħalma hi l-prassi tiegħi f'kull diskors li nagħmel waqt id-diskussjoni tal-Estimi nixtieq nibda billi minn qalbi nirringrazzja lill-ħaddiema kollha; ħaddiema tal-id, ħaddiema klerikali, maniġerjali, professjonisti, bdiewa, raħħala, sajjieda, kif ukoll ħaddiema ta' diversi dipartimenti, azjendi u awtoritajiet li jaqgħu taħt dan id-dekasteru, għax nemmen li f'ħidmiethom jagħmlu l-almu kollu biex lil dan is-settur jgħinuh jimxi 'l quddiem. Hemm ċerti affarijiet li naqblu magħhom u hemm affarijiet li ma naqblux però sinċerament inħoss li kulħadd ikun qed jipprova jagħmel il-parti tiegħu.

Dan huwa settur għal qalbi ħafna għax jagħtini l-opportunità li niltaqa' ma' diversi bdiewa, raħħala u sajjieda kif ukoll diversi professjonisti f'dan is-settur. Meta tidħol fil-fond x'qiegħed jipproponi l-Gvern għal dawn is-setturi ssib li dan huwa baġit xott ħafna; xott mal-bidwi, mar-raħħal u s-sajjied, aktar u aktar meta l-prezzijiet tal-materja prima, l-għalf, l-inġenji u mitt elf ħaġa

oħra qed jogħlew kuljum. Meta tistaqsi lill-ħaddiema ta' dan is-settur, jiġifieri l-bdiewa, ir-raħħala u s-sajjieda x'jidhrilhom mill-Baġit, fil-maġġorparti jgħidulek "more of the same", ebda viżjoni fit-tul biex l-oqsma tal-agrikoltura u s-sajd jimxu 'l quddiem biex b'hekk il-bdiewa, ir-raħħala u s-sajjieda ta' pajjiżna jibda jkollhom qligħ diċenti għalihom u għall-familja tagħhom.

Il-bdiewa kollha jgħidulek li r-raba', ir-raba' kien u r-raba' se jibqa' f'dan il-Baġit, jekk mhux sejjer jirrigressa xi ftit ukoll. U dan id-diskors iweġġagħni għaliex is-setturi tal-agrikoltura u s-sajd, għalkemm forsi mhumiex kontributi kbar għall-Prodott Domestiku Gross ta' pajjiżna, huma s-sinsla tal-għajxien u tal-eżistenza ta' kull wieħed u waħda minna. Kif dejjem ngħid, allaħares jinqala' xi ħaġa u l-importazzjoni tal-ikel ġewwa pajjiżna jkollha tieqaf. Għalhekk xbajt inħambaq li hemm bżonn li dawn is-setturi nġibuhom fuq saqajhom darba għal dejjem u nibdew nattiraw kwantità sostanzjali ta' bdiewa, raħħala u sajjieda żgħażagħ għax sfortunatament l-ammont ta' żgħażagħ li qegħdin jidħlu jaħdmu f'dan is-settur huwa ftit wisq. U dan għal diversi raġunijiet, Sur President. Hemm raġunijiet li jiddependu mill-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali, però hemm aspetti li jiddeterminaw l-ammont ta' bdiewa u sajjieda żgħażagħ li ma jaqgħux taħt ir-responsabbiltà ta' dan il-Ministeru. U għalhekk, kif ilni ngħid għal diversi snin kemm ilni f'dan il-Parlament, kull meta kont kelliem għall-agrikoltura u s-sajd, hemm bżonn li dak kollu relatat ma' dawn is-setturi jrid ikun taħt il-kappa tal-Ministeru responsabbli mill-agrikoltura u s-sajd għax b'hekk biss nistgħu nifhmuhom u forsi nagħmlu dak il-pass biex lil dawn is-setturi mmexxuhom 'il quddiem.

Anke l-problemi u xi kultant burokrazija żejda żgur mhux se jwasslu biex ikollna awtosostenibbiltà f'termini ta' provvista tal-ikel f'pajjiżna. Forsi dalgħodu hawn min jgħid li qed noħlom! Però, iva, il-ħolma tiegħi hija li xi darba, anzi llum qabel għada, u kieku nista', ilbieraħ, pajjiżna ma jiddependi fuq ħadd biex jitma' lill-poplu tagħna, anzi nkunu qegħdin nipprovdu l-ikel kollu li l-poplu tagħna għandu bżonn biex jgħix f'pajjiżna stess. U għalhekk dan is-settur dejjem rajt li ma nagħmilx minnu ballun politiku. Napprezza li l-Ministru jifhimha wkoll u nemmen li bħali għandu għal qalbu dawn is-setturi tal-agrikoltura u sajd.

Sur President, id-differenzi bejnietna ġeneralment huma l-mod kif nindirizzaw il-problemi li għandna f'dawn is-setturi, li għandhom problemi kbar, però t-tnejn konxji li dawn is-setturi għandhom problemi li rridu nsolvuhom. Jien mgħallem li l-barri rrid naqbdu minn qrunu u dak li stajt nagħmel ilbieraħ ma nipprovax nagħmlu llum. B'dan l-atteġġjament xi kultant toqros lil xi wħud, però lil dawn is-setturi għal qalbek tagħmel minn kollox biex tarahom jimxu mqar ftit 'il quddiem.

Każ tipiku huwa l-Att dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba' u kemm il-Gvern kif ukoll l-Oppożizzjoni konna nafu li jekk din il-problema ma kinitx se tinqatgħalha rasha darba għal dejjem mill-ewwel kien se jkollna l-inkwiet, aktar u aktar meta l-bdiewa bdew jitilfu r-raba' li kienu qed jaħdmu meta s-sidien tar-raba' tagħhom kienu qegħdin itellgħuhom il-Qorti. Kien hemm kawżi li ntrebħu u oħrajn li ntilfu. Li ma bdejniex naqblu fuqu kien fuq kif se tiġi solvuta din il-problema.

Huwa veru li ridna noqogħdu b'seba' għajnejn li filwaqt li s-sid jieħu dak li ħaqqu, mill-banda l-oħra ridna nħallu lill-bidwi u lir-raħħal iħallas prezz ġust fil-kontest ta' dak li jaqla' mix-xogħol tar-raba'. Però ma stajniex inġibu lill-bidwi f'sitwazzjoni fejn ma setax ilaħħaq mal-qbiela li kien se jkollu jħallas. Kien hawn fejn ma qbilniex. Aħna min-naħa tal-Oppożizzjoni xtaqna li jkun l-Istat li jagħmel tajjeb għal spejjeż żejda li kien se jidħol għalihom il-bidwi u xtaqna wkoll li lill-bdiewa u lir-raħħala nagħtuhom aktar serħan il-moħħ li, jekk xejn, ma konniex se ntellfuhom mill-ftit qligħ li għandhom.

Wasalna, Sur President? Ejjew ngħidu li qrobna, però nemmen li fadal ħafna u ħafna aktar xi jsir. Però huwa fatt magħruf li l-bdiewa u r-raħħala ta' pajjiżna huma l-gwardjani naturali tal-ambjent ta' madwarna, individwi li l-professjoni tagħhom tagħmilhom ħaġa waħda man-natura li minnha fl-aħħar mill-aħħar iridu jaqilgħu x'jieklu. Dawn il-persuni huma l-aktar nies kwalifikati biex jieħdu ħsieb u jsaħħu l-ambjent naturali ta' pajjiżna, u għalhekk aħna l-politiċi rridu nassiguraw li lill-bdiewa u r-raħħala nħeġġuhom ikomplu jaħdmu fil-qasam agrikolu. Saħansitra rridu nipprovaw nattiraw nies ġodda jidħlu fil-qasam agrikolu, partikolarment żgħażagħ. Għalhekk l-ewwel kmandament biex aktar individwi jidħlu f'dan is-settur u jibdew jaqilgħu l-ħobża ta' kuljum minn dan is-settur hu li nipprovdulhom art agrikola li tkun affordabbli u li ma jiġux imsallba bi

prezzijiet esaġerati. Għalhekk ir-riforma fil-qasam tar-raba' għandha tidħol fis-seħħ mill-aktar fis.

Madwar sena ilu l-Gvern kien nieda White Paper. Min-naħa l-oħra l-Oppożizzjoni kienet ressqet diversi osservazzjonijiet u proposti wara numru ta' laqgħat ta' konsultazzjoni ma' diversi bdiewa u raħħala kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex sabiex din ir-riforma tindirizza l-problemi li l-bdiewa u raħħala ġenwini qed iħabbtu wiċċhom magħhom ta' kuljum. Għalkemm il-Gvern ilu li ħareġ ir-rapport finali ta' din il-konsultazzjoni, li issa għaddiet kważi sena minn fuqha, il-konklużjoni prinċipali tiegħu kienet li mhu se jagħmel xejn qabel titwaqqaf l-Awtorità li se tkun responsabbli mir-raba' u sfortunatament spiċċa hawn l-urġenza kemm biex toħroġ il-White Paper kif ukoll biex jaslu għall-konklużjonijiet finali ta' din il-konsultazzjoni.

Għalkemm l-Oppożizzjoni għamlet diversi proposti biex din l-Awtorità jkollha s-snien biex tmexxi 'l quddiem il-qasam agrikolu, dawn ġew kważi injorati kollha mill-Gvern. Fosthom, konna pproponejna li l-Awtorità responsabbli għar-raba', apparti li tkun responsabbli mir-raba' agrikola privata, tiġġestixxi r-raba' agrikola tal-Gvern biex b'hekk raba' agrikolu tal-Gvern jaqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Ministeru responsabbli mill-agrikoltura u s-sajd u mhux taħt ministeru ieħor li ma jkunx relatat ma' dan is-settur. B'hekk fl-istess ħin ikun assigurat li jkunu mħarsa l-interessi tal-bdiewa u tal-agrikoltura lokali.

Proposta oħra li konna għamilna kienet li l-Bord tal-Awtorità jrid ikun jinkludi fih ukoll numru ta' esperti, bħal perit u avukat, rappreżentanti tal-awtoritajiet u d-dipartimenti kompetenti, rappreżentanti tal-bdiewa u r-raħħala kif ukoll rappreżentanti ta' għaqdiet li jirrappreżentaw lill-bdiewa u lir-raħħala biex jiġi assigurat li l-interess pubbliku jiġi salvagwardat f'kull ħin u f'kull ċirkostanza. L-iżvilupp tal-katast u r-reġistru tal-bejgħ għandu wkoll jinkludi art agrikola li hija proprjetà tal-Gvern u mhux kif qed jiġi propost, li jkun hemm katast ta' art agrikola li hija tal-privat ukoll. Anke l-istatus tal-bidwi għandu jiġi definit darba għal dejjem permezz ta' klassifikazzjoni tal-bdiewa, fejn tiġi implimentata sistema ġusta kif jiġi kompjut l-istandard output ta' kull bidwi, speċjalment fil-konfront ta' bdiewa Għawdxin peress li preżentement m'hemmx pitkalija. Barra minn hekk irċevuti ta' bejgħ ta' prodotti agrikoli lill-privat għandhom ikunu meħudin inkonsiderazzjoni meta jiġi biex jinħadem l-istandard output ta' kull bidwi.

Proposta oħra li konna għamilna hija li kellu jiġi rivedut il-proċess ta' evalwazzjoni ta' artijiet agrikoli tal-Gvern mill-Awtorità tal-Artijiet biex b'hekk jiġu evitati prezzijiet esaġerati li qegħdin jingħataw artijiet agrikoli tal-Gvern, li ġieli telgħu għas-somma ta' €2,000 u €3,000-il tomna għal sena. Għidli liema bidwi jista' jħallas €2,000 jew €3,000 għal tomna raba' għal skop agrikolu?! Għandu wkoll jiġi assigurat li art tal-Gvern tkun mikrija u disponibbli għall-bdiewa ġenwini u mhux jispiċċaw jeħduha nies għall-passatemp biex jgħaddu siegħa żmien fl-għalqa.

Jien nemmen li l-aktar ħaġa importanti biex jiġi assigurat li dan li għadni kemm għedt jitwettaq hija li art agrikola tal-Gvern għandha tiġi ġestita mill-Awtorità li se titwaqqaf. Għaldaqstant jien nemmen li jekk l-Awtorità se titwaqqaf biex tissalvagwardja l-interessi tal-bdiewa u r-raħħala, biex ngħid hekk, kważi kważi jekk dak se jkun l-iskop tal-Awtorità, jista' jkollna serħan il-moħħ li art agrikola tal-privat tmur għand bdiewa u raħħala ġenwini u mhux tispiċċa tinkera biex forsi bniedem jgħaddi ftit ħin fiha bħala passatemp.

Jien naħseb li kif l-Awtorità se tkun notifikata meta jsir bejgħ ta' raba' privat, l-istess għandu jiġi applikat f'każ ta' bejgħ jew inkella kiri ta' raba' tal-Gvern, anzi kważi kważi ngħid li aktar għandha tkun informata u notifikata b'kirjiet ta' art tal-Gvern ħalli fl-aħħar mill-aħħar, inkunu nistgħu nassiguraw li l-ftit art agrikola, li tant hija skarsa hawn Malta, - u waħda mir-raġunijiet li inqas bdiewa żgħażagħ jidħlu fis-settur huwa minħabba n-nuqqas tagħha - nibżgħu għaliha u nkunu ċerti li nagħtuha lil min verament għandu bżonnha. Għalhekk irridu nagħtuha lill-bdiewa u jien ngħid li għandu jkun hemm preferenza li tingħata lill-bdiewa żgħażagħ biex ikunu jistgħu jidħlu fis-settur.

Rigward il-perjodu biex bniedem jinvesti fl-għelieqi rrid ngħid li fil-White Paper dan kien ta' tmien snin. Jien naħseb li wieħed irid jikkonsidra sew għax fi tmien snin żgur li mhux se jirrendilek proġett. Illum il-ġurnata anke ġiebja taf tiswiek għexieren ta' eluf ta' ewro u fi tmien snin mhux se tirkupraha żgur. Għalhekk f'dan il-każ fis-sottomissjonijiet kien hemm li perjodu ta' tmien snin huwa ftit. Jien naħseb li wieħed għandu

jaħdem is-somom sewwa, jara r-return on investment kemm jieħu snin, biex kull min jinvesti f'għelieqi li jkunu bi qbiela jew kera fl-aħħar mill-aħħar jieħu lura dak li jkun nefaq u investa fl-għelieqi tiegħu.

Proposta oħra kienet li l-Awtorità li se titwaqqaf għandha tkun bħala pont mal-Awtorità tal-Ippjanar fuq kull tip ta' żvilupp. Qed ngħid dan għax sfortunatament meta jkollok applikazzjoni għal xi razzett jew inkella għal xi kamra fejn tinżamm l-għodda, dawn in-nies ikunu l-aktar li jieħdu torturi u daqqiet fl-istonku tagħhom. Tapplika għar-razzett u ma nafx x'ma jitolbukx, fosthom photo montages li jiswew eluf ta' ewro u rapporti kontra rapporti, u biex joħroġ permess għal daqsxejn ta' razzett għid li se tkaxkar tliet snin jew erba' snin mal-Awtorità tal-Ippjanar. Għaldaqstant jien nemmen li wieħed mill-għanijiet prinċipali ta' din l-Awtorità għandu jkun pont bejn il-bidwi u r-raħħal u l-Awtorità tal-Ippjanar u diversi entitajiet oħrajn għax illum il-ġurnata fuq razzett tidħol is-Sovrintendenza tal-Wirt Kulturali, anke fuq estetika. Għalhekk din l-Awtorità għandha sservi ta' pont ma' dawn l-entitajiet, fosthom mal-Awtorità tal-Ippjanar.

Ħalli nkun ċar, huwa veru li trid tibża' għaż-żona barra ż-żona ta' żvilupp, però ma tistax titfa' razzett tal-baqar fil-pjazza tar-raħal! Bilfors fuq barra trid iżżommu! Trid tagħmel l-almu tiegħek biex tinkorporah mal-ambjent. Dwar dan naqbel mija fil-mija, però fl-aħħar mill-aħħar wieħed irid jifhem li l-irziezet posthom huwa barra ż-żona ta' żvilupp, għax ma nistgħux nitfgħuhom ġewwa ż-żoni ta' żvilupp. Għalhekk wieħed għandu jikkonsidra l-qagħda ta' dawn in-nies, jifhimhom u jipprova jgħinhom, fis-sens li meta jkun hemm applikazzjonijiet ta' dan it-tip irid iżomm quddiem għajnejh li jekk għandek raħħal żagħżugħ għadu jibda u forsi qed jipprova jinvesti f'razzett, ma taqtagħlux qalbu qabel ikun kważi kważi beda jimxi biex jaqbad dik il-linja.

Proposta oħra kienet dwar iż-żieda fil-prezz tal-qbiela. Kif diġà għedt, għaddiet il-liġi tal-qbiela, u xi ftit jew wisq il-qbiela se togħla minn kif kienet qabel. Mhux se jkunu żidiet ta' barra minn hawn però, tajjeb jew ħażin, ftit żieda se jkun hemm, u fl-opinjoni tagħna l-Gvern kellu jagħmel tajjeb għal din iż-żieda. Meta tkellimt mal-Ministru qalli li se jkun hemm inċentiv u għotjiet lil kull min jaħdem ir-raba', li huwa tajjeb, però wieħed irid joqgħod attent jekk se jagħti l-istess ammont ta' inċentiv lil kull min għandu raba' tal-Gvern u lil kull min għandu raba' privat.

Dan għax jekk ma noqogħdux attenti se jkun hemm kompetizzjoni inġusta għax min ħa l-finanzjament jew l-għajnuna u għandu raba' tal-privat se jkollu juża dik l-għajnuna biex jagħmel tajjeb għaż-żieda fil-qbiela. Min għandu raba' tal-Gvern s'issa, għall-glorja t'Alla, il-prezz ma għoliex, u nispera li ma jogħliex, u allura wieħed kellu jieħu ftit konsiderazzjoni li jkun hemm għajnuna diretta speċifikament għal dawk il-bdiewa li jkunu se jintlaqtu miż-żieda fil-qbiela tar-raba' tagħhom.

Sur President, nixtieq nirreferi għall-prodotti agrikoli lokali li biċ-ċokon ta' pajjiżna u l-popolazzjoni dejjem tikber, waħda mill-isfidi prinċipali tagħna tibqa' dik li niddependu żżejjed fuq l-importazzjoni tal-ikel minn barra, partikolarment frott u ħaxix. Kif dejjem ngħid, id-dipendenza fuq l-ikel importat tħalli l-ewwel nett impatt negattiv fuq l-ambjent anke minħabba ż-żieda fl-emissjonijiet. Dan għax il-merkanzija bilfors trid iġġorrha fuq l-art, apparti li biċċa minnha mbagħad trid taqsam bil-baħar u allura żgur ma nkunux qed ngħinu lill-ambjent. Barra minn hekk, din tagħti daqqa lill-bdiewa u raħħala Maltin li jkunu qed joffru prodotti lokali. Però fl-aħħar mill-aħħar, jien daqskemm inserraħ rasi bi prodotti lokali li huma ġenwini, ma nistax nagħmel l-istess forsi b'ċerti prodotti li jiġu minn barra, għax minn prodotti li għandna Malta wieħed jista' jkun jaf x'qed jiekol u mhux jiekol.

Fil-Baġit tħabbar li se jiġu introdotti tikketti li jidentifikaw prodotti lokali u jipprovdu traċċabbiltà għall-ħaxix, frott u ħut frisk sabiex jiġu promossi l-prodotti lokali. Jien nemmen li dawn jistgħu jgħinu, mela le, però żgur li mhuwiex biżżejjed biex nagħtu l-imbottatura li hemm bżonn għall-prodotti lokali Maltin. U peress li l-prodott lokali Malti jrid jikkompeti, l-aktar bħala prezz, mal-prodotti li jiġu importati minn barra l-pajjiż, il-Gvern diġà ħareġ xi sussidju bħal, pereżempju, biex jinxtara l-fertilizzant. Però fil-każ tal-fertilizzant għaliex bħala pajjiż m'għandniex ninvestu biex jibda jkollna fertilizzant lokali? L-ewwel nett b'hekk jiġi stabbilit, tajjeb jew ħażin, prezz u, it-tieni, jiġu ffrankati ħafna flus li fl-aħħar mill-aħħar inkunu qed niffrankawhom lill-bdiewa u lir-raħħala Maltin u Għawdxin.

Kemm fl-agrikoltura kif ukoll f'xogħol relatat mat-trobbija tal-annimali hemm bosta materja prima li trid tiġi importata minn barra l-pajjiż. Bħalma tafu, kulma jiġi minn barra żdied fil-prezz, apparti li żdiedu wkoll b'mod sostanzjali l-ispejjeż relatati mat-trasport. Għalhekk naħseb li ma jagħmilx ħażin jekk il-Gvern jikkonsidra li ċerta materja prima jew ċerti prodotti bħal, pereżempju, pajpijiet tad-drip, plastik għas-serer, jgħin ftit il-Gvern biex kemm jista' jkun innaqqsulhom ftit mill-piż biex inżommu l-agrikoltura sostenibbli f'pajjiżna. Jien nemmen li l-qasam agrikolu huwa dak li l-bidwi u r-raħħal Malti jrid jopera minnu u li fl-aħħar mill-aħħar irid jaqla' l-għajxien minnu.

Ladarba qed nitkellmu fuq l-agrikoltura llum, u għalkemm diġà kelli l-opportunità li nitkellem fuqha din il-ġimgħa, nixtieq nagħmel żewġ punti fuq il-provvista tan-new water. Ħalli nkun ċar, il-konċett tan-new water huwa konċett tajjeb ħafna għax l-ewwel nett inserrħu l-ilma tal-pjan, u wkoll huwa tajjeb għax jerġa' jiġi utilizzat ċertu ilma illi kieku kien jispiċċa jintrema. Però sfortunatament l-għan aħħari tiegħu, għalkemm ta' min jgħid li ntnefqu l-miljuni ta' ewro f'fondi mill-Unjoni Ewropea, għadu ma ntlaħaqx, u dan għal diversi raġunijiet. L-ewwel nett għandek id-distribuzzjoni ta' dan l-ilma, li nerġa' ngħid, jien nemmen li bħan-new water, għandu jkun ġestit mill-Ministeru responsabbli mill-agrikoltura u sajd, għax daqskemm jaf dan il-Ministeru fejn hemm bżonn li jgħaddi n-network, fejn l-aktar hemm bżonn li forsi ċertu network jitwassal f'post qabel jitwassal f'ieħor, ma nimmaġinax li dan ikun jafu l-Ministeru responsabbli mill-enerġija.

Imbagħad l-aktar ħaġa li tinkwetani hija li għandi d-dubji tiegħi kemm ikun hemm kordinament u komunikazzjoni bejn dawn iż-żewġ Ministeri biex jiġi deċiż fejn għandu jasal in-network, f'liema preċedenza, u anke dwar in-numru ta' dispensers li jkun hemm bżonn. Jien nitkellem ma' bdiewa li jgħidulek li ilma jkun jmissek darba f'ġimgħa. Jgħidulek li jiġi volum ta' ilma u mbagħad jispiċċa ma jkollokx. Biex inkunu qed ngħidu kollox, dan trid iġġorru bil-bowser, jiġifieri jekk id-dispenser ma jkunx viċin l-għalqa tiegħek, mela hemm ċerti spejjeż involuti. It-tajba hi li l-bdiewa fil-maġġorparti assoluta tagħhom iriduh, però l-ħażin hu li ħafna u ħafna bdiewa sal-lum għadhom mhux jinqdew.

Sur President, se nsemmi lokalitajiet li qegħdin fid-distrett tiegħi, iż-Żurrieq, l-Imqabba u Ħal Safi, fejn għadhom kemm saru diversi toroq fil-kampanja biex jipprovdu aċċess lill-bdiewa u r-raħħala tagħna, fost oħrajn, però issa għadhom kif ħarġu tenders biex dawn l-istess toroq li għadhom kif saru bit-tarmak jew bil-konkos jerġgħu jitqattgħu biex nerġgħu ngħaddu n-network tan-new water. Apparti l-isparpaljar ta' flus, huwa inkonvenjent kbir għall-bdiewa li għandhom l-għelieqi hemmhekk kif ukoll għar-raħħala li għandhom l-irziezet hemmhekk. Għalija huwa ġenn li wara li tonfoq miljuni ta' ewro biex isiru l-uċuħ ta' dawn it-toroq, imbagħad tmur tqattagħhom biex tipprova tgħaddi n-network tan-new water!

Jien xbajt neqred f'dan il-Parlament, xbajt ngħid f'diskussjoni waħda wara l-oħra li jrid ikun hemm kordinament serju bejn il-Ministru responsabbli mit-toroq u l-Ministru responsabbli mill-provvista tal-infrastruttura ta' taħt it-triq biex ma nagħmlux xogħol doppju u ma narmux flus. Jien nippreferi li dawn il-flus minflok nużawhom biex nerġgħu nirranġaw dak li għadna kif għamilna ġdid, jingħataw lill-bdiewa jew lir-raħħala, pereżempju, biex ikomplu jirranġaw l-irziezet tagħhom jew biex ngħinuhom jibnu ħitan tas-sejjieħ. Hija ħasra u huwa dnub li dawn jinħlew hekk! Nispera li fil-futur kummiedji bħal dawn - għax jien għalija dawn huma kummiedji! - ma jerġgħux isiru.

Iltqajt ma' xi bdiewa li kellmuni u ġibduli l-attenzjoni wkoll dwar rebates fuq taxxi ta' fuel użat mill-attività agrikola. Jien nemmen li l-Gvern għandu jikkonsidra li bdiewa u raħħala jiġu eżentati fuq fuel użat għall-attività agrikola biex b'hekk inkunu qed ngħinuhom inaqqsu ftit mill-piżijiet u spejjeż li hemm biex jamministraw l-agrikoltura. Però jien fittixt u sibt li hemm pajjiżi oħrajn Ewropej li jeżentaw lill-bdiewa ta' pajjiżhom mit-taxxi fuq il-fuel. Fosthom hemm Franza, il-Polonja u Spanja. Bħalma hemm bdiewa ta' pajjiżi oħrajn li forsi qed igawdu minn dan l-inċentiv, naħseb li għandna nagħmlu l-almu tagħna biex jekk jista' jkun il-bdiewa u r-raħħala ta' pajjiżna jgawdu bħalma jgawdu bdiewa u raħħala ta' pajjiżi oħrajn.

Sur President, nixtieq nirreferi wkoll għall-bdiewa u raħħala żgħażagħ, li fl-aħħar mill-aħħar huma l-futur tal-agrikoltura f'pajjiżna, li tiddipendendi mill-bdiewa u raħħala żgħażagħ. Però sfortunatament minħabba diversi problemi li

jħabbtu wiċċhom magħhom, kif għadni kemm semmejt xi wħud, l-ammont ta' bdiewa u raħħala żgħażagħ huwa żgħir. Ta' min jgħid li waħda mill-proposti tal-Baġit kienet li bdiewa żgħażagħ se jibbenefikaw minn strumenti finanzjarji biex jixtru art agrikola, però l-ewwel nett wieħed irid jara jekk hawnx art agrikola għall-bejgħ u, jekk hawn, b'liema prezzijiet.

Għalhekk naħseb li l-ewwel ħaġa li għandna nagħmlu hija li nidentifikaw x'art agrikola tal-Gvern għandna f'pajjiżna. Art agrikola tal-Gvern għandha l-ewwel tingħata lil bdiewa żgħażagħ biex ikollhom biex jaħdmu. Tajjeb, tagħti sussidju, tagħti l-għajnuna, imma kemm se tagħti għajnuna? Illum, jekk ir-raba' jinbiegħ bil-prezz tas-suq kif qed imur, għandek xorti tixtri tomna! Charity begins at home u allura l-ewwel irridu nibdew billi naraw x'art għandu l-Gvern u minflok nispiċċaw nikruha bl-€2,000 u €3,000 it-tomna, nagħtuha lill-bdiewa żgħażagħ, li huma l-futur tal-agrikoltura f'pajjiżna.

Wara li ħareġ il-Baġit il-Gvern ħabbar skema ta' €5.1 miljun minn fondi tal-Unjoni Ewropea għar-raħħala żgħażagħ. Milli jidher ftakar fil-bdiewa żgħażagħ però nesa lir-raħħala żgħażagħ. Però, kif jgħidu l-Ingliżi, better late than never, u b'din l-iskema ħarġu grants sa €100,000 biex dawn ir-raħħala żgħażagħ jinvestu f'irziezet u f'oqsma oħrajn relatati max-xogħol ta' raħħal. Dan huwa tajjeb, imma nittama biss li kulħadd ikun ittrattat on a level playing field. Nixtieq insemmi wkoll li fl-istqarrija għall-istampa ħareġ li jistgħu japplikaw minn Novembru, però lanqas hemm linji gwida u għandi d-dubji tiegħi jekk jirnexxilhomx japplikaw sal-ewwel kwart ta' sena oħra.

Nitlob lill-Ministru biex inxammru l-kmiem u nfittxu nlestu l-linji gwida li hemm sabiex bdiewa żgħażagħ u oħrajn li japplikaw għal dawn il-fondi fl-aħħar forsi jkunu jistgħu jgħidu li għandhom in-negozju tagħhom li jkunu bdewh mill-bidu huma. Forsi grazzi anke għal dawn l-għotjiet is-settur agrikolu u tar-raħħala nibdew narawh jiċċaqlaq ftit. Kif inħobb ngħid, forsi mir-raba' post, imqar inġibuh it-tielet! Però hemm bżonn li dawn is-setturi mmexxuhom 'il quddiem.

Diġà semmejt l-Awtorità tal-Ippjanar fid-diskors tiegħi. Jien nixtieq ukoll nagħmel suġġeriment lill-Ministru li ta' min jitkellmu mal-Ministru responsabbli mill-Awtorità tal-Ippjanar biex fejn ikun hemm applikazzjonijiet għal strutturi agrikoli, li jista' jkun store agrikolu, razzett, dak kollu li għandu x'jaqsam mal-agrikoltura, l-applikanti, li ovvjament iridu jkunu bdiewa u raħħala ġenwini, ikunu eżentati mill-miżati li titlob l-Awtorità tal-Ippjanar. Jien nemmen li dawn in-nies b'xogħolhom jagħtu kontribut lill-pajjiż u l-inqas kontribut li jista' jagħti l-pajjiż lejhom huwa li jiffrankalhom ftit spejjeż mill-miżati tal-Awtorità tal-Ippjanar biex b'hekk lil dak li jkun tagħmillu daqsxejn kuraġġ jitfa' applikazzjoni, jitfa' moħħu hemm u jiftaħ negozju relatat mal-agrikoltura.

Meta tara l-Baġit tistaqsi: X'seta' sar aktar f'dan il-Baġit li seta' jgħin naqra aktar l-agrikoltura u r-raħħala? Pereżempju, għaliex m'għandniex nikkonsidraw li diversi għelieqi żdingati u mitluqa jiġu konservati, tingħatalhom il-ħamrija u dan ikun wieħed mill-pakketti li forsi jingħataw lill-bdiewa żgħażagħ biex jibdew jaħdmu fil-qasam agrikolu, jew forsi jiġi rivedut il-proċess ta' kif tiġi evalwata art agrikola mill-Awtorità tal-Artijiet? Kif għadha tiġi evalwata art agrikola sal-lum żgur li ma tirriflettix l-użu ta' dik l-għalqa partikolari, l-użu agrikolu. Għalhekk, bħalma sar fir-rigward ta' art privata, naħseb li għandu jkun hemm l-istess rabta għal art li hija tal-Gvern.

Rigward l-iskemi tal-bini tal-ħitan tas-sejjieħ irrid ngħid li dawn għandhom ikunu tul is-sena kollha. Smajt ukoll diversi lmenti li l-prezzijiet mogħtija ma kinux il-prezzijiet tas-suq. Naħseb li l-Gvern għandu jara naqra x'qed jiġri.

Sur President, se nirreferi ftit għas-sajd. Meta titkellem mas-sajjieda - għandna s-Segretarju Parlamentari responsabbli mis-sajd faċċata - l-isfortuna hija li jgħidulek li hemm nuqqas ta' konsultazzjoni, speċjalment ma' sajjieda fuq diversi kwestjonijiet li jolqtuhom b'mod dirett. Waħda minnhom hija n-nuqqas ta' konsultazzjoni anke meta kien hemm il-kwoti tat-tonn. Is-sajjieda jgħidulek li ressqu proposti, però fl-aħħar mill-aħħar għaddiet tal-Gvern u l-proposti li għamlu lanqas biss kienu kkonsidrati. Issa forsi s-Segretarju Parlamentari tgħid li dan mhuwiex minnu, però huma jgħidu li meta ddiskutew mal-Gvern, il-Gvern ma tax kashom u baqa' għaddej bil-pjanijiet li kellu. Jiġifieri s-soltu; Gvern li suppost jiddiskuti u jikkonsulta, imma spiċċajna bi Gvern li jinformak, però fl-aħħar mill-aħħar, jiddeċiedi x'jiddeċiedi, jibqa' għaddej, u din hija sfortuna.

Nixtieq nirreferi wkoll għall-binja li hemm Marsaxlokk li kienet ta' koperattiva partikolari. Jista' l-Gvern jgħaddiha lill-unika koperattiva li hemm biex ikollha kobor biżżejjed minn fejn tista' topera? B'hekk is-sajjieda jkollhom binja. L-ewwel nett din il-binja diġà kienet użata mill-Koperattiva tas-Sajd u għalhekk din il-binja tibqa' tintuża għall-istess funzjoni li tilqa' ġo fiha koperattiva tas-sajd.

Sur President, l-unika proposta li għandu dan il-Gvern b'risq is-sajjieda żgħażagħ hu li jagħti inċentiv lil sajjieda li għandhom aktar minn bastiment wieħed biex jimpjegaw magħhom sajjieda żgħażagħ. Dan huwa tajjeb, in the short-term mhijiex proposta ħażina, però s-sajjieda żgħażagħ li jixtiequ jaqilbu full-time fuq il-baħar u forsi jarmaw xi qoxra għal rashom għandhom bżonn aktar għajnuniet. Anke l-fatt li fil-Baġit ġie mwiegħed li mis-sena d-dieħla se jintroduċi strumenti finanzjarji li jkunu aċċessibbli għas-sajjieda li jistgħu jixtru l-ewwel bastiment naħseb li mhuwiex biżżejjed, għalkemm huwa pass 'il quddiem. L-ewwel irid ikun assigurat li min se jieħu dawn il-grants ikun sajjied full-time u jkun se jarma għal rasu. Però s-sajjieda żgħażagħ għandhom bżonn bħal starter packs – jekk nistgħu ngħidulhom hekk – biex dawk li jkunu deħlin fis-suq, apparti li jingħataw għajnuna finanzjarja biex jixtru l-bastiment tagħhom u forsi anke jarmawh bl-apparat ikollhom xi allokazzjoni proporzjonali ta' kwoti biex ikunu jistgħu jibdew is-sengħa ta' sajjieda.

Nixtieq ukoll inressaq punt ieħor għall-attenzjoni tas-Segretarju Parlamentari u tal-Ministru dwar jekk jistgħux jieħdu inkonsiderazzjoni li, bħall-każ tal-bdiewa, li għandhom rata fissa ta' taxxa, jistax ikun hemm rata fissa ta' taxxa għas-sajjieda wkoll. Dan sabiex is-sengħa tas-sajd tibda trendi ftit aktar u fl-istess ħin, jekk forsi tkun trendi aktar, ikun hemm sajjieda li jitħajru jidħlu f'dan is-settur u jinvestu fih.

Sur President, bħalma bdejt se nagħlaq. Jien nemmen li l-agrikoltura u s-sajd huma żewġ setturi li huma fundamentali għal pajjiżna għaliex fuqhom tiddependi l-provvista tal-ikel tal-poplu tagħna. Biċ-ċokon ta' pajjiżna, u mbagħad min-naħa l-oħra biż-żieda fil-popolazzjoni, waħda mill-isfidi prinċipali tagħna tibqa' dik li ma nibqgħux niddependu żżejjed mill-importazzjoni ta' ikel minn barra l-pajjiż. Jien nemmen li jekk nagħmlu sforz, jekk naħdmu flimkien u niġbdu ħabel wieħed, nistgħu niġu f'sitwazzjoni li kważi kważi jkollna dak kollu li jkun hemm bżonn ġo dan il-pajjiż, aktar u aktar f'każijiet ta' emerġenza bħall-pandemija, fejn għall-grazzja t'Alla l-importazzjoni tal-ikel baqgħet għaddejja. Allaħares kellha tieqaf l-importazzjoni! Però rridu nkunu ppreparati bħala pajjiż li f'każ li tieqaf l-importazzjoni, il-bdiewa, is-sajjieda u r-raħħala ta' pajjiżna jkunu jistgħu jipprovdulna biżżejjed ikel biex nibqgħu ngħixu.

Sur President, nixtieq nirreferi għall-Private Member's Bill li ressaq l-Onor. Ivan Bartolo li se jkun qiegħed inaqqas il-ħela tal-ikel u fl-istess ħin jippromwovi s-sostenibbiltà tal-produzzjoni, distribuzzjoni u konsum tal-ikel. Għalhekk nappellalek biex dan il-Private Member's Bill jitressaq għad-diskussjoni f'dan il-Parlament mingħajr telf ta' żmien biex b'hekk Gvern u Oppożizzjoni flimkien nagħtu sinjal ċar lill-poplu tagħna li aħna kommessi nnaqqsu l-ħela ta' ikel. (Onor. Membri: Hear, hear)

**ID-DEPUTY CHAIRPERSON:** Grazzi. Aktar rimarki? L-Onor. Janice Chetcuti.

**ONOR. JANICE CHETCUTI:** Sur President, insellimlek u nsellem lil kull min qed isegwina dalgħodu.

Illum se nkun qiegħda nitkellem fuq l-annimali u l-ħarsien tagħhom. Dan huwa suġġett li min jafni jaf kemm huwa għal qalbi u li ili s-snin naħdem f'dan il-qasam. Dan li għandi f'idejja huwa d-Diskors tal-Baġit li fil-ġimagħtejn li għaddew għamel il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol, li b'kollox fih 110 paġni. Jekk immur fuq il-paġna fejn jitkellem fuq il-ħarsien tal-annimali nsibu biss seba' linji, mhux seba' paġni! Ma qed naraw l-ebda tip ta' offerta ta' benefiċċju ġdid għajr dawn it-tliet affarijiet, li, nerġa' ngħid, ġew imsemmija f'seba' linji:

> "Wara li kkonsultajna mal-istakeholders fil-qasam tad-drittijiet tal-annimali, is-sena d-dieħla se nkunu qegħdin nippubblikaw l-istrateġija nazzjonali għall-ħarsien u t-trattament xieraq tal-annimali, kif ukoll indaħħlu fis-seħħ tibdil leġiżlattiv."

Prosit, din hija inizjattiva mill-isbaħ! Wara li dan id-Direttorat ilu mwaqqaf 'il fuq minn 15-il sena erba' linji minn sebgħa ħadu dawn!

Imbagħad jgħid:

> "Fl-aħħar snin għinna lis-santwarji tal-annimali permezz ta' skemi finanzjarji."

Naħseb li dan huwa doveruż wara tant u tant xogħol li dawn l-istess santwarji qed jagħmlu għad-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali, għalkemm ma ġie speċifikat bl-ebda mod kif se tkun din l-għajnuna. Dawn kienu żewġ linji!

U fl-aħħar jgħid:

> "Is-sena d-dieħla se nkomplu nsostnu din l-għajnuna kif ukoll se nibdew ngħinu b' mod dirett f'xogħol ta' tiswijiet u manutenzjoni fis-santwarji."

Dan, skont jien, huwa tajjeb ħafna, imma hawnhekk għandna linja waħda li qed turina biċċar x'se jkun qed jiġri. Xi ngħidu, prosit tassew?! Baġit sinjur dan?! Naħseb li kellu bżonn xhur twal ta' ħsieb peress li anke mexa paripassu mal-White Paper li ilna tant u tant nistennewha. Jien nixtieq nagħmel mistoqsija diretta, kemm lill-Ministru Refalo kif ukoll lis-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-ħarsien tal-annimali, jekk jafux x'qed jiġri fejn jidħlu l-annimali u l-ħarsien tagħhom. Ġieli jitilqu ftit mill-uffiċċju tagħhom u jmorru huma stess ġewwa s-santwarji fejn qed jaħdmu tant u tant NGOs?
Meta jmorru f'dawn il-postijiet iħossu li għandhom jinżlu fil-baxx, għarkupptejhom jekk hemm bżonn, u jħarsu f'għajnejn dawn l-annimali, li tant u tant huma msejkna u li ħafna drabi jinġabru minn sitwazzjonijiet ferm u ferm ta' qtigħ il-qalb? Dawn huma drittijiet bażiċi. Però jien u ħafna nies bħali li għandhom għal qalbhom l-annimali jiddispjaċina li dan is-serħan tal-moħħ mhumiex qed jagħtuhulna, mhux biss għax ġew hawn b'dawn is-seba' linji li għadni kif semmejt, miżeri, iżda għax kemm kliemhom kif ukoll l-azzjonijiet tagħhom - jew inkella aħjar ngħid, in-nuqqas ta' azzjonijiet tagħhom - fir-rigward tal-annimali, huma kważi ineżistenti.

Dan se nissostanzjah ukoll b'dak kollu li se nsemmi fil-ħin li ġej. La m'hawnx proposti f'dan il-Baġit – se nerġa' nurihulhom – li għadhom kif qrawlna, ma kellix għażla ħlief li mmur fuq il-manifest elettorali u nara l-Partit fil-Gvern x'qed iwiegħed għall-annimali. Hemmhekk għall-inqas sibt 11-il proposta, ħa nkunu onesti. Beħsiebni ngħaddi ftit minnhom. Ma tiġix elezzjoni waħda tal-kunsilli lokali, għall-Unjoni Ewropea jew elezzjoni ġenerali, li ma jdendlulniex karrotta partikolari. Issa hemm waħda ġdida magħha. L-ewwel waħda hija taċ-ċimiterju tal-annimali u l-oħra hija tar-rehoming centre.

Se nibda minn dik taċ-ċimiterju tal-annimali. Hawnhekk forsi m'għandhomx idea x'uġigħ tgħaddi minnu persuna, familja, meta titlef annimal, li ħafna drabi għal nies bħali jsiru membri mill-familja tagħna. Huwa ta' inkwiet kbir li tkun taf li dan l-annimal li tant tħobb, tant tgħożż u tant tieħu ħsieb, li forsi jkun ilu miegħek 20 sena, għadda mill-aktar żmenijiet partikolari ta' ħajtek, dalwaqt jasal iż-żmien li jista' jmut. U, agħar minn hekk, inti taf li dan l-annimal, ġaladarba jmut, se jiġi mormi flimkien mal-bqija tal-iskart li jista' jkun simili għalih. Din hija weġgħa kbira! Skont l-Estimi tal-Baġit reġa' ssemma għal ma nafx kemm-il darba li ġew allokati €50,000 għaċ-ċimiterju tal-annimali. Jien allura staqsejt b'mod ovvju. Qed nara s-Segretarju Parlamentari tidħak! Dejjem tidħak din meta nitkellem fuq id-dwejjaq tal-annimali! Jien staqsejt:

> "Skont l-Estimi tal-Baġit 2024, jista' l-Ministru jagħti indikazzjoni f'liema stadju ta' ħsieb wasal il-proġett għal ċimiterju tal-annimali li tant ilu jiġi mwiegħed u li qed jiġi stmat għal €50,000?"

It-tweġiba x'kienet? Waħda regolari li jien nirċeviha spiss mingħand dan il-Ministeru:

> "Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qed tinġabar u se tingħata f'xi seduta oħra."

Din tweġiba regolari tassew! Nista' nkun naf x'tip ta' informazzjoni qed tinġabar jekk diġà ġew allokati dawn il-flus? Jien kont nippretendi li jgħidulna s-sit fejn se jkun u f'liema stadju qiegħed il-proġett. Nitlobhom ma jkomplux jiddieħku bis-sentimenti tan-nies. In-nies isofru meta jmutilhom annimal. Ma jidħkux!

Proposta oħra li ssemmiet mill-Gvern kienet dwar ir-rehoming centre. Din kienet il-proposta 370 għal min jixtieq jidħol fil-manifest elettorali. Issa għaxar snin ilu, meta kien infetaħ għall-ewwel darba Ċentru San Franġisk, diġà kien hemm ħsieb li jsir rehoming centre addattat fejn l-annimali jistgħu jitpoġġew sakemm dawn jiġu addottati minn familja. Għalfejn għadu ma bediex ix-xogħol? Aħseb u ara kemm se jagħtuna data ta' meta dan se jinfetaħ. Lanqas nista' nażżarda

ngħid li se jsir propju ġewwa Ta' Qali dan ir-rehoming centre. Dan kien il-ħsieb għaxar snin ilu. Meta żmien ilu tkellimt ma' persuni kienu qaluli li fl-2017 kien anke nfetaħ file f'dan ir-rigward, iżda llum dan għosfor, m'għadu jidher imkien!

Jien m'iniex favur, le, li l-annimali misjuba mill-Animal Welfare jkomplu jinżammu ġewwa r-razzett tal-Għammieri. Fil-fehma tiegħi r-razzett tal-Għammieri għandu pjan, għandu xogħol partikolari, li kollha kemm aħna għandna nkunu kburin bih. Hemmhekk hemm il-prodott Malti, hemm nies li qed jaħdmu bis-serjetà, u le, m'għandux ikun hemm il-klieb u l-qtates. Il-klieb u l-qtates għandhom ikunu ġo rehoming centre sura ta' nies, fejn jinżammu f'post adegwat, sakemm ikollhom ix-xorti li jiġu milqugħa ġo familja oħra.

Dan għandu jkun post fejn ikun hemm pans kbar, fejn ta' kuljum dawn il-klieb, anke jekk ma jinħarġux għall-eżerċizzju, ġewwa l-pan tagħhom ikollhom l-ispazju dovut biex ikunu qegħdin f'sitwazzjoni tajba. Għandu jkun hemm excercising areas. Naf kemm volontiera ta' kuljum imorru jgħinu lil dan id-Direttorat u dawn ukoll għandhom ikunu f'post adegwat fejn iħossu li huwa sigur li jistgħu joħorġu b'kelb u l-kelb ikun qiegħed f'post u f'sitwazzjoni fejn ma jdejjaq lil ħadd.

Jien ċerta li postijiet vakanti f'pajjiżna għandna. Jekk mhux se jkun dak il-post li darba kien maħsub ġewwa Ta' Qali, għandu jinstab post ieħor u nagħmlu wieħed state of the art, mela le. U hemmhekk imbagħad naraw anke l-ġmiel tal-adozzjonijiet, għax dan il-post nagħmluh ħarġa għall-familja, fejn il-familja flimkien jistgħu jmorru f'dan il-post, jaraw kelb ferħan, kelb nadif, kelb li għandu ħajja kompluta, u hemmhekk ikunu jistgħu jsiru aktar adozzjonijiet. Iżda għalissa nkomplu noħolmu fuq din il-ħaġa għax għadu ma wasal xejn!

Waqt li qed insemmi d-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali ma nistax ma nsemmix l-operat jew anke n-nuqqas ta' operat ta' xi ħaġa li għandha x'taqsam. Qed nirreferi għall-APH Veterinary Hospital. L-ewwel għan ta' dan l-isptar meta nfetaħ 'il fuq minn għaxar snin ilu kien li jagħti għajnuna medika kontinwa lill-annimali tat-triq. Dak kien l-għan prinċipali għal dan l-isptar, imma maż-żmien intilef. Lill-Ministru kemm-il darba għamiltlu mistoqsijiet relatati u ried ibellagħhielna li dan ġarrab ħsarat tekniċi tal-elettriku meta kellna dawk il-ġimgħat mingħajr elettriku dan il-sajf, u allura dan l-isptar ma jistax jaħdem. Illum aħna ngħixu fl-2023, anke dar tirranġaha f'ħakka t'għajn, aħseb u ara sptar nazzjonali li ġie maħluq proprju għal dan il-għan importanti. Dan huwa sptar fejn anke jsiru operazzjonijiet partikolari, li fi kliniċi oħrajn ma tantx isiru jew inkella ma jsirux. Imma ma jimpurtax, din issa nsemmuha aktar 'il quddiem.

Sur President, irrid infakkar lill-Ministru li aħna ngħixu f'pajjiż żgħir ta' ftit kilometri kwadri, in-nies ipaċpċu, in-nies jitkellmu, u qed jipprovaw ibellgħuhielna li nqata' d-dawl! Inħalli lill-Ministru biex 'il quddiem forsi jispjegalna eżatt x'ġara, ħalli ma nalludi għal xejn, però mhijiex dik ir-raġuni li l-isptar illum m'għadux jopera. Hawn nerġa' nistaqsi lill-Ministru mistoqsija li diġà għamilt b'mod parlamentari, u biex inkun ġusta rrid ngħid li weġibni għaliha wkoll. Illum il-Ministru qalli li l-annimali kollha li jinsabu mid-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali permezz ta' ambulanza qed jiġu rikoverati ġo kliniċi differenti minflok l-isptar APH. Tajjeb, kuntenta, prosit li għamlu biċċa xogħol tajba li mill-ewwel sabu soluzzjonijiet oħrajn. Però jien nixtieq li l-Ministru u anke s-Segretarju Parlamentari jserrħuli rasi, u se nagħmel xi mistoqsijiet.

Dawn il-kliniċi qegħdin ikunu miftuħin 24 siegħa għal sebat ijiem sħaħ ħalli malli ssib l-annimali l-ambulanza tkun tista' tirrikorri għandhom fl-immedjat u teħodhom għall-attenzjoni u jingħataw kura? Minħabba li dawn il-kliniċi s-soltu ma jkunux miftuħin f'dawn il-ħinijiet, l-annimali qegħdin jittieħdu hemmhekk u jitħallew jistennew sakemm jiġi t-tabib fil-ħinijiet regolari tal-klinika? Irrid nemmen li qed ikun hemm tabib il-ħin kollu stand by ħalli malli jidħol annimal tingħata l-kura meħtieġa. Problema oħra hija li f'pajjiżna huma verament ftit il-kliniċi veterinarji li jagħtu servizz għal kirurġija kumplessa. Allura dawn l-annimali li jinstabu mill-Animal Welfare għandu jingħatalhom iċ-ċans li jkollhom is-servizz ta' kirurġija kumplessa? Din tpoġġi anke lilna li għandna l-annimali fid-djar privati tagħna fl-istess problema. Qabel kellna sptar li kien miftuħ 24 siegħa sebat ijiem fil-ġimgħa.

Ġeneralment l-annimali ma jimirdux jew jiġrilhom xi ħaġa mit-Tnejn sal-Ġimgħa, ħinijiet tal-uffiċċju. Ħafna drabi, sfortunatament, l-affarijiet jiġru f'ħinijiet li mhumiex daqshekk

regolari. Jien illum fejn se mmur jekk l-annimal tiegħi jiġrilu xi ħaġa? Tgħiduli li jeżistu servizzi ta' emerġenza. Iva, dan huwa veru u dawn is-servizzi huma tajbin ħafna, però ta' min ifakkar li meta persuna ċċempel biex tieħu dawn is-servizzi, l-ewwel ma jiġrilha huwa li teħel €5 – mingħalija - tat-telefonata. Imma ħalliha li kważi kważi lanqas tagħti kasha, l-aqwa li l-annimal tiegħek tingħatalu l-attenzjoni. Però mbagħad inti tmur fil-klinika, imma jekk ikollok bżonn xi ħaġa li fin-natura tagħha tkun kumplessa, fl-immedjat, min se jaqdik? Min se jserraħlek moħħok li l-annimal tiegħek mhux se jmut?

Jien qed narana mexjin lura, għax meta Partit Nazzjonalista fil-Gvern ħoloq l-isptar, li dak iż-żmien kien jismu Ċentru San Franġisk, kulħadd seta' jieħu sehem u jieħu ħsieb li juża dawn is-servizzi 24 siegħa kuljum. Illum, għaxar snin wara, taħt Gvern Laburista dan is-servizz mhux qed jopera. Nixtieq jekk forsi jagħtuni timeline meta se jiftaħ u se jerġa' jibda jopera. Kemm se jdumu dawn it-tiswijiet tal-elettriku? Dan ġara f'Awwissu. Għaddew kemm-il xahar issa!

Sur President, rigward l-Animal Welfare ġewwa Għawdex irrid ngħid li din ukoll hija stramberija oħra. Ma nista' nifhem qatt kif jista' jkun ġo pajjiż żgħir bħal tagħna għandna l-Ministru u s-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-ħarsien tal-annimali ġo Malta, però l-annimali t'Għawdex jaqgħu taħt Ministeru ieħor u mhux taħt il-Ministeru responsabbli mill-ħarsien tal-annimali. U kif anke fil-passat, ma kienx hemm koperazzjoni bejn ministeru u ieħor. Saħansitra kien hemm każ ta' kelb - nibqgħu nsemmuha din – li ġie sekwestrat minn Malta u ġie addottat minn Għawdex mill-istess nies! Għalhekk nista' ngħid li m'hemmx koperazzjoni bejn iż-żewġ ministeri.

Jien għamilt għadd ta' mistoqsijiet kemm lill-Ministru responsabbli mill-ħarsien tal-annimali f'Malta kif ukoll lill-Ministru għal Għawdex. Il-Ministru responsabbli mill-ħarsien tal-annimali ġustament qalli li ma jaqgħux taħt id-dekasteru tiegħu u b'kumbinazzjoni t-tweġiba tal-Ministru għal Għawdex waslitli issa, eżatt qabel bdejt id-diskors tiegħi. Jien kont se nistaqsih għadd ta' mistoqsijiet, però issa se nneħħi l-parti li kont se nistaqsih. Madankollu, xorta rrid nivverifika xi ħaġa mal-Ministru.

Fil-ftit ħin li kelli biex nara s-sitwazzjoni rajt diskrepanza kbira fin-numri, fosthom fin-numru ta' annimali li tfejqu u n-numru ta' annimali li ġew addottati. Pereżempju, fl-2020 kien hemm 368 li ma nafux x'sar minnhom. Sa Ottubru 2023, mill-1,025 annimal li nstabu hemm diskrepanza ta' 410. Ma jimpurtax. Ovvjament issa naf li għandi nistaqsihom lilu dawn is-sett ta' mistoqsijiet. Nibda nagħmilhom aktar fid-dettall u ngħaddihomlu fil-ġranet li ġejjin.

Sadanittant jien, kemm lill-Ministru preżenti hawnhekk kif ukoll lill-Ministru għal Għawdex niġbdilhom l-attenzjoni li f'Għawdex għandna problema kbira serja għax it-Taqsima għall-Ħarsien tal-Annimali ta' Għawdex mhux qiegħda tiffunzjona kif suppost. Fil-ġranet li għaddew rajna anke l-karba kontinwa tal-Gozo SPCA li qed jistaqsuna x'se jagħmlu bl-annimali li qegħdin isibu għax m'għadx għandhom l-ispalla tat-Taqsima għall-Ħarsien tal-Annimali ta' Għawdex. Hawnhekk il-Ministru serraħli rasi u qalli li kollha qegħdin jieħdu ħsiebhom. Dan huwa tajjeb, però safejn naf jien bħalissa dan id-Direttorat m'għandux persuna biex tamministrah u, barra minn hekk, naf li hemm nuqqas kbir ta' riżorsa umana. Jista' jkun ukoll li anke dan in-nuqqas kbir ta' riżorsa umana wassal għal deċiżjonijiet oħrajn, li issa dan il-Unit għadu mingħajr manager.

Biex insemmi xi ħaġa pożittiva wkoll irrid ngħid li ħaġa li żgur naraha konsistenti fejn jidħlu l-annimali u l-ħarsien tagħhom huwa l-kontribut kontinwu ta' sostenn li ħafna santwarji, NGOs u volontiera kontinwament jagħtu għal dawn l-imsejkna annimali. Jien nippretendi li lil dawn in-nies, dawn l-għaqdiet, dawn l-entitajiet, il-Gvern preżenti jindukrahom, jirringrazzjahom u jagħtihom is-sapport li ħaqqhom, però, minflok qiegħed jonqoshom bil-kbir ukoll.

Nibda mill-fondi li ta' kull sena jiġu mwiegħda li se jiġu allokati lilhom. Dawn jiġu allokati fuq din il-bażi li se nispjega. Lis-santwarji jsirulhom tliet viżti partikolari biex jivverifikaw bejn wieħed u ieħor il-medja ta' annimali li jkunu qegħdin jgħixu f'dawn is-santwarji u mbagħad jingħatawlhom il-fondi. Is-Segretarju Parlamentari ħassitha mkabbra biha nnifisha meta qaltilna li din is-sena minflok €40 fis-sena lil kull annimal se tagħtih €45? €40 tiswiek darba biss jekk tmur għand il-veterinarju, aħseb u ara fis-sena kemm għandek bżonn flus! Però dejjem aħjar mix-xejn.

Issa qegħdin f'Novembru u s'issa din is-sena għadhom ma ġew allokati l-ebda fondi minn

dawn il-flus. Se ngħidilkom għalfejn. L-ewwel nett il-viżti għadhom ma sarux it-tlieta li huma, saru biss tnejn. Ma nafx meta beħsiebhom jagħmluha t-tielet waħda! Għaldaqstant dawn il-flus ma jingħatawlhomx sakemm ma jkunux rawhom tliet darbiet. Nixtieq infakkar kemm jiswew dawn l-annimali, kemm għandhom bżonn flus biex iżommuhom, speċjalment meta l-Ministru kontinwament qed idur fuq dawn l-għaqdiet biex jgħinuh fir-responsabbiltà li jieħdu ħsieb l-annimali li qegħdin jinġabru mit-toroq.

L-istess dwar il-fosterers, Sur President. Fil-21 ta' Settembru fil-Freeport instabu xi frieħ tal-qtates, u niftakar għax kont preżenti jien ukoll f'din l-istorja. Idealment meta jinstabu frieħ ta' qtates jew klieb dejjem naraw jekk tiġix ommhom l-ewwel għax ovvjament din tkun tista' tagħtihom l-ikel tagħhom bl-aħjar mod. Però minħabba l-periklu tal-post, il-persuni li kienu inkarigati ċemplu l-Animal Welfare Directorate u dawn qalulhom li mhumiex ġejjin għalihom għax la għandhom ħalib u lanqas għandhom bottle feeders! Imbagħad ġiet volontiera fuq il-post, ħadithom u ħadet ħsiebhom. Wara, xi ħadd qalli li dawn spiċċaw għand l-Animal Welfare Directorate, ħadu ħsiebhom u tawhom dak li kien ħaqqhom.

Però ma nafx jekk dan ġarax minħabba l-pressjoni li jien għamilt hawnhekk jew minħabba dak li ntqal dwar dan fuq il-mezzi soċjali. Imma llum bi pjaċir ngħid li issa hemm Direttur ġdid f'dan ir-rwol li assigurani li llum hemm ħalib, kien hemm ukoll dak iż-żmien u għandhom lista ta' nies li lesti li jagħtu din l-għajnuna. Għaldaqstant irrid nemmen u nafda li jekk jiġri xi każ bħal dan, l-istorja mhux se terġa' tirrepeti ruħha. Però anke hawnhekk għandna sitwazzjoni fejn jidħlu l-fosterers. Meta l-Animal Welfare Directorate jagħti l-frieħ lil dawn in-nies u huma jieħdu ħsiebhom u jirnexxilhom isibulhom lil xi ħadd li jaddottahom, jallokalhom benefiċċju finanzjarju pjuttost żgħir għall-enerġija u l-flus li jużaw. Però biex inkun ġusta rrid ngħid li jingħata, u sewwa jagħmel id-Direttorat li jagħmel dan. Waħda minn dawn in-nies lili ressqitli lment li dawn ilhom ma jitħallsu minn Jannar tal-2022. Mela mhux ta' b'xejn li bottle feeders u fosterers m'aħniex insibu biex jgħinuna. Mhux għax dawn in-nies, dak li jagħmlu, jagħmluh għall-flus, nassigura lil kulħadd li l-impenn li jieħdu żgur li m'għandux x'jaqsam mal-flus li jagħtuhom, u dan huwa wkoll nuqqas ta' rispett lejhom.

Sur President, jien kelli l-pjaċir li naħdem għal snin twal fl-Animal Welfare Directorate u naf li mhijiex l-aktar ħaġa faċli fid-dinja biex toperah, imma għall-inqas dan l-aħħar, għalkemm mhux biżżejjed, in-nies li jaħdmu hemmhekk żdiedu. Hawnhekk ma nistax ma nikkummentax. Lili jasluli filmati, kemm sbieħ u kemm koroh, u rrid infaħħar mhux biss lill-uffiċjali għall-ħarsien tal-annimali kollha imma wkoll lin-nies li jieħdu ħsieb l-annimali, dawk li jieħdu t-telefonati u l-pens. Hemm min qed jagħmel biċċa xogħol tajba aktar milli tista' timmaġina f'dak li għadu x'jaqsam mal-qalb tajba u servizz tajjeb. Lil dawn ngħidilhom prosit, ikomplu xogħolhom u jien minn hawnhekk se nkun qed niddefendihom ukoll. Però r-ritratti u l-filmati li waslu għandi jaqsmulek qalbek tarahom u tistaqsi: Dawn possibbli qed jaħdmu mal-Animal Welfare Directorate? Dan huwa l-mod li bih issalva annimal vulnerabbli li għadu kif għadda minn inċident, li għadu kif għadda minn trawma? Le! Dwar dawk nassigurakom li se nkompli nsemma' leħni hawnhekk, se nkompli ngħid dak kollu li jkunu qed jagħmlu ħażin. Però dejjem nirringrazzja u nfaħħar lil min qed jagħmel xogħlu sew.

Jien ili sena u nofs f'dan ir-rwol u daqshekk ili ngħid lill-Ministru u lis-Segretarju Parlamentari li hemm bżonn ta' korsijiet kontinwi. Mhux kulħadd jista' jidħol jaħdem fl-Animal Welfare Directorate. Jista' jidħol jaħdem hemm min verament għandu għal qalbu r-rispett u l-imħabba lejn l-annimali. L-oħrajn m'hemmx bżonnhom hemmhekk, żgur isibu xogħol ieħor fejn jistgħu jsibu aktar trankwillità. Ix-xogħol f'dan id-Direttorat mhuwiex wieħed trankwill imma huwa wieħed fejn hemm ħafna xogħol u li dejjem ipoġġik taħt stress, imma jekk tagħmlu minn qalbek jagħtik sodisfazzjon kbir.

Hekk kif qed nitkellmu fuq il-korsijiet irrid ngħid li s-sena l-oħra, wara li jien għamiltlu xi mistoqsija dwar dan, il-Ministru kien wegħedna li se jibda l-kors tal-veterinarji f'pajjiżna. Għaddiet sena u erġajna ma smajna xejn! Qed nara lil xi ħadd iberraqli u qisu qed jistaqsi jekk din hux veru qaluha! Iva, qaluha wara d-Diskors tal-Baġit. Hemm barra l-ħin kollu niltaqa' ma' tfal li b'għajnejn ta' ħolm jgħiduli li jixtiequ jsiru veterinarji imma ma jistgħux jagħmluha għax Malta m'hawnx kors. Ir-raġunijiet jistgħu jkunu varji. Ejjew ma niksrulhomx qalbhom lil dawn it-tfal. Ejjew nagħtuhom l-opportunità li jsiru veterinarji, li jkomplu jistudjaw f'pajjiżna. Wara

kollox qegħdin ninnotaw li l-veterinarji f'pajjiżna huma ferm mixtieqa, għax għandna numru limitat.

Wegħda oħra fil-manifest elettorali tal-Partit Laburista kienet wegħda numru 377 li kienet tgħid li l-kunsilli lokali se jiġu megħjuna biex ikollna aktar cat cafés, idea mill-isbaħ. Jien naf anzjani li joħorġu minn darhom, imorru bilqiegħda fuq bank u jagħmlu nofs ta' nhar iħobbu qattus li jiġi ħdejhom. Dawn ġieli jkunu nies waħedhom li ma jkollhom lil ħadd li jagħtihom l-imħabba, u l-annimal jista' jagħtik din l-imħabba kollha kontinwa l-mument li jersaq lejk. Għalhekk din hija idea sabiħa. Prosit, ejjew inkomplu naħdmu fuqha. Però mbagħad, fl-istess nifs, jien jaslu għandi ittri li fihom jgħiduli li għandhom santwarju tal-qtates jew tal-klieb u l-pożizzjoni tagħhom qed tiġi mhedda għax qed jgħidulhom li se jitkeċċew minn fejn qegħdin. Allura din x'konsistenza hi? Mela fuq il-manifest elettorali ngħidu affarijiet sbieħ li rridu l-cat cafés, imma fejn diġà għandna santwarju hemmhekk jista' jkun li jneħħuk għax ma baqax spazju għalik, m'għadx hawn post fejn inti tħalli l-qtates, u dak il-bini rriduh lura! Il-Gvern irid ikun lest li jirrilokahom f'post ieħor, naraw x'nistgħu nagħmlu, imma mhux tpoġġihom f'qagħda ta' theddida u tgħidilhom li hemmhekk m'għadux posthom għax m'għadx hemm post għal dawn l-annimali! Fil-fehma tiegħi din hija kattiverja kbira, barra li nkunu qegħdin nidħku bin-nies li qegħdin isegwuna.

Sur President, jien ma rridx lil xi ħadd jaħseb li l-annimali qed nagħmilhom ballun politiku. L-annimali ili naħdem għalihom u għad-drittijiet tagħhom snin twal, ħafna qabel ma dħalt fl-Animal Welfare Directorate u qabel dħalt fil-politika. Jien, kif dejjem għamilt, anke mal-Ministru u s-Segretarju Parlamentari hawnhekk, dejjem offrejt l-id tal-ħbiberija, dejjem offrejt li nkun ta' sostenn għalihom. Nippreferi nsolvi problema li tirrigwarda l-annimali waqt li jien u l-persuna l-oħra nieħdu kafè u niddiskutuha bejnietna. Għalija s-suċċess tiegħi jkun mhux li nidher fuq it-televiżjoni jew fuq xi ġurnal għax ikun irnexxieli nagħmel xi ħaġa, imma li fil-verità l-annimali nagħtuhom l-aħjar. Però, iva, se jsibuni hawnhekk kull darba li se jipprovaw joħolqu ostaklu jew li se jipprovaw jagħmlu l-ħajja ta' dawn in-nies li jieħdu ħsieb l-annimali aktar diffiċli. Dak huwa l-impenn tiegħi hawnhekk u beħsiebni nagħmlu mija fil-mija bl-aħjar mod possibbli.

Ftit jiswa li llum infaħħar l-NGOs, il-volontiera, is-santwarji, imma għall-inqas, għal ftit minuti hawnhekk, irrid nelenka l-importanza tax-xogħol tagħhom u tal-imħabba, għax jien ngħid li dawn juru imħabba kbira lejn l-annimali. Idealment noħorġu minn hawnhekk, anke aħna bħala Oppożizzjoni, naħdmu aktar mal-Gvern u naslu għal dawk l-għanijiet kollha li għandna. Dan il-pajjiż huwa żgħir u mhijiex xi ħaġa kbira li jkollna ħarsien tal-annimali adegwat u kif suppost.

Hawnhekk il-Gvern jista', fl-immedjat, iwettaq l-unika wegħda li għamel fil-Baġit, li juża l-ħaddiema tiegħu biex jagħti servizz, anke ta' manutenzjoni fis-santwarji. Nerġa' ngħid, kieku l-Ministru u s-Segretarju Parlamentari jmorru bħali huma stess jaraw dawn il-postijiet, jindunaw li hemm bżonnijiet kbar, fosthom li noffrulhom servizzi, forsi li noffrulhom is-servizz tat-trakkijiet tad-Dipartiment tat-Tindif u l-Manutenzjoni, noffrulhom fejn ikunu jistgħu jarmu l-iskart tagħhom.

Ejjew nipprovaw niffaċilitaw il-ħajja ta' dawn in-nies u mhux nagħmlulhom ħajjithom aktar diffiċli u iebsa. L-unika ħaġa li semmew fil-Baġit kienet li noffru dan is-servizz ta' manutenzjoni, u allura ejjew ħalli nagħmluh. Jien lesta li nagħtihom lista ta' santwarji li għandhom bżonn dan kollu. Nassumi li lilhom waslitilhom din l-informazzjoni wkoll min-nies tagħhom. Meta forsi anke huma jmorru f'dawn is-santwarji u postijiet, forsi jagħmlu bħali wkoll u jaddottaw xi annimal milli jkun hemm hemmhekk u b'hekk ikunu jistgħu jifhmu l-ħlewwa, il-ġmiel u l-imħabba li jagħtuna l-annimali ħbieb tagħna.

Hemm ħafna aktar fuqiex wieħed jitkellem u nkomplu nesploraw. Ħalli nkompli x-xogħol tiegħi hawnhekk, però nafu li hawn kollega ieħor warajja li anke hu għandu bżonn jagħmel l-intervent tiegħu. Naħseb li llum b'reazzjoni tal-Oppożizzjoni għal seba' linji tkellimt biżżejjed! Żgur li aħna mill-Oppożizzjoni tkellimna ħafna aktar milli tkellem il-Gvern fuq l-akbar awtorità li għandu f'dak li għandu x'jaqsam mal-annimali u l-ħarsien tagħhom.

Sur President, bħal dejjem se nagħlaq id-diskors tiegħi billi ngħid grazzi lil kull min iħobb l-annimali u lil kulmin jagħti kas il-ħarsien tagħhom. Inwegħedhom li se nkompli nkun il-vuċi tal-annimali kollha, però mhux biss. Irrid inkompli nkun il-vuċi tal-poplu Malti. Aħna fil-

Parlament l-objettiv finali tagħna huwa li dak li jintqal u jsir hemm barra nkunu kapaċi nġibuh hawn ġew, niddiskutu fuqu, jekk hemm bżonn nilleġiżlaw, u naraw li dak kollu mwiegħed iseħħ. Nirringrazzjak. (Onor. Membri: Hear, hear)

**ID-DEPUTY CHAIRPERSON:** Grazzi. Aktar rimarki? L-Onor. Ivan Castillo. Infakkrek li għandek sal-11.03 a.m.

**ONOR. IVAN CASTILLO:** Sur President, se nibda d-diskors tiegħi billi nirringrazzja lill-ħaddiema kollha li jaħdmu f'dan is-settur: il-bdiewa, ir-raħħala u s-sajjieda, li jagħtu saħħithom kollha sabiex jagħtuna lura l-provvisti li għandna bżonn. Meta tibda tħares lura u titkellem magħhom tibda ssib li hemm ħafna nuqqasijiet. Jien se naqsam magħkom tliet esperjenzi li kelli ma' tliet ħaddiema f'dan is-settur li sfortunatament qed imut mewta naturali.

Tkellimt ma' sajjied li ġie l-uffiċċju tiegħi kważi mbikkem. Dan qalli li wara tant snin jinvesti u jaħdem u jagħti saħħtu, fl-aħħar se jkollu jżarma u jneħħi kollox. Jien bqajt skantat għax dan il-bniedem nafu u staqsejtu x'ġara biex wara dawn is-snin kollha spiċċa qata' qalbu. Dan qalli: X'jiswa li jagħtuk l-għajnuna meta fil-maltemp m'għandix fejn nagħmel id-dgħajsa tiegħi? Dan huwa sajjied full-time, il-bastiment tiegħu huwa ferm akbar minn 12-il metru u m'għandux fejn imur f'każ ta' maltemp. Dan qalli li fil-maltemp bilfors irid joqgħod fuq id-dgħajsa, ġieli anke ġimgħa sħiħa, biex jara li ma jitlifx kollox.

Kull għajnuna hija tajba u jien qrajt x'għajnuniet qegħdin nagħtu anke liż-żgħażagħ biex ikunu jistgħu jixtru l-ewwel bastiment tagħhom. Dan huwa tajjeb, ma tistax tgħid li huwa ħażin. Imma x'tiswa din l-għajnuna meta l-bażiku huwa mitluf? Aħna nafu li fil-marina ta' Għawdex suppost kien hemm 90 post miżjud għas-sajjieda. Dawn id-90 post kollha qegħdin jingħataw lis-sajjieda? It-tweġiba hija żgur li le u dan nafu biċ-ċert. Naf sajjieda li ilhom snin sħaħ miktubin biex ikollhom post, u allura kif jista' jiġi l-maltemp u ma ssibx fejn tieħu d-dgħajsa tiegħek biex tkun tista' tissalvagwardja l-interessi tiegħek?

Dawn huma nies li l-għajxien tagħhom jaqilgħuh minn hemmhekk. Meta tibda tħares u tara n-numri ssib li s-sajjieda naqsu b'mod esaġerat. Għalkemm il-Ministeru ma jkunx jista' jagħtina n-numru eżatt tas-sajjieda, jagħtina n-numru ta' bastimenti. Minn ftit riċerka sibt li fis-sena 2000 kien hemm 2,080 persuna taħdem fis-settur u fl-2021 dawn naqsu għal 1,540, jiġifieri tnaqqis ta' 500 persuna. Dan juri li m'aħniex qegħdin inħajru iżjed nies jidħlu f'dan is-settur.

Storja oħra hija ta' żagħżugħ li għalkemm il-ġenituri tiegħu mhumiex involuti fis-settur, dan xtaq jiftaħ razzett tat-tiġieġ. Dan għamel ir-riċerka u sab razzett li ma kienx qed jintuża, kien territorju tal-Awtorità tal-Artijiet, iżda mhux se nidħol fid-dettall għax l-Onor. Toni Bezzina diġà daħal fid-dettall dwar kemm hu diffiċli biex wieħed ikun jista' jakkwista biċċa art ħalli jkollna aktar raħħala f'pajjiżna. Dan iż-żagħżugħ, wara kważi tliet xhur jipprova jaħdem biex javvanza u jagħtuh xaqq ta' dawl biex ikun jista' jibda l-proċess, ċempilli u qalli li qata' qalbu, se jieqaf u li mhu se jagħmel xejn għax huwa diffiċli wisq.

Jien iddispjaċieni għal dan għax aħna niġu hawnhekk nitkellmu fuq kemm hemm bżonn ta' sigurezza tal-ikel u kemm hemm bżonn naraw li dan is-settur nixprunawh 'il quddiem. Imma mbagħad il-bażiku, għajnuna biex ngħaġġlu dawn il-proċessi meta għandna bżonnhom - għax din hija l-ironija, għandna bżonnhom – u naraw kif inħaffu aktar u ngħinuhom iżjed, naqilgħulhom id-dinja kollha u nagħmluha kważi kważi impossibbli.

Jien naqbel mal-proposta li għamel l-Onor. Toni Bezzina. Għalfejn dawn l-artijiet ma jaqgħux taħt il-Ministeru responsabbli mill-agrikoltura jekk huma daqshekk importanti? Hawnhekk tibda tinnota li hawn xejra li turi li l-Ministeri bejniethom mhumiex qed jiftiehmu. Issa jekk hijiex b'pika, minħabba nuqqas ta' personnel jew minħabba nuqqas ta' informazzjoni, il-fatt hu li hemm lakuna u minħabba fiha qed ibatu dawk in-nies li jridu jidħlu fis-settur.

Pereżempju, anke fin-numru ta' raħħala għandna nuqqas kbir. Iċ-ċensiment tal-agrikoltura jgħid hekk:

> "The number of reared animals, such as pigs, broilers and cattle, decreased by 43.2%, 17.7% and 7.9% respectively."

Għandna problema kbira. Jekk verament irridu nindirizzaw is-sitwazzjoni tas-sigurezza tal-ikel irridu nassiguraw li jkollna biżżejjed ħaddiema f'dan is-settur.

Sur President, se nirrakkonta l-aħħar storja. Iltqajt ma' wholesaler u meta staqsejtu kemm jixtri xogħol mingħand bdiewa Maltin qalli li ma jixtri kważi xejn. Staqsejtu x'inhi r-raġuni għax ma stajtx nifhem għalfejn ma jixtrix mingħand il-bdiewa Maltin meta l-prodott Malti huwa wieħed mill-aqwa prodotti li tista' ssib fis-suq Ewropew. Dan qalli li meta jbigħ lir-ristoranti u l-lukandi, fosthom il-lukandi 5-star, dawn ikunu jridu, pereżempju, ċertu daqs ta' cherry tomatoes u prodotti oħra, u dawn il-bdiewa Maltin ma jistgħux jipprovduhomlhom.

Meta għamilt riċerka u tkellimt ukoll mal-kollega tiegħi l-Onor. Toni Bezzina sibt li impjant tal-ipproċessar m'għandniex f'pajjiżna. Hawnhekk għandna opportunità li ninvestu f'impjant ħalli l-prodott tagħna jkun aħjar, ħalli skont ma qrajt mill-ftit riċerka li għamilt, tkun tista' tagħmel blasting tal-prodotti ħalli jdumulek iżjed. Għalfejn dan l-investment, li huwa tant bżonjuż, mhux qed isir?

Iċ-ċensiment tal-Agrikoltura jgħid li l-agricultural labour force naqset b'25.8%. Bejn l-2003 u l-2014 il-bdiewa f'Malta żdiedu b'14%, imbagħad bejn l-2014 u l-2020 naqsu b'14.8%. Dwar l-ageing factor jgħid li 23.7% biss tal-bdiewa ta' pajjiżna huma taħt l-età ta' 47 sena. Dan għandu jagħtina stampa ta' kemm qed inħajru l-ġenerazzjoni li ġejja biex tidħol f'dan is-settur. Juri wkoll li 45.8% biss kellhom pjan ta' suċċessjoni għal dawk il-bdiewa li se jkunu qegħdin jirtiraw, jiġifieri jekk inti bidwi li se tkun qed tirtira, hemm 45.8% biss li għandhom min ikompli u jaħdem l-art warajhom.

Jien sibt mistoqsija parlamentari li l-Onor. Toni Bezzina kien għamel lill-Ministru Anton Refalo li kienet tgħid hekk:

> "Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx bdiewa biżżejjed biex jaħdmu r-raba' ta' pajjiżna? F'każ ta' nuqqas ta' ħaddiema, x'se jagħmel il-Gvern biex ikun hawn ħaddiema biżżejjed biex jaħdmu r-raba' tagħna?"

Għal din il-mistoqsija l-Ministru wieġeb hekk:

> "Nixtieq ninforma lill-Onor. Interpellant illi skont l-aħħar figuri miġbura mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika f'Malta jidher illi hemm iżjed minn 96% tal-art agrikola li qed tinħadem għal skopijiet agrikoli. Dan jindika li l-popolazzjoni tal-bdiewa hija suffiċjenti sabiex din l-art tibqa' tinħadem."

Imbagħad naqbad ukoll artiklu li kitbet l-Onor. Alicia Bugeja Said fejn qalet hekk, u nikkwota:

> "These issues directly threaten the livelihoods of an already ageing farmer population, such as is found in Malta. Without substantial direct assistance, and an agricultural policy that addresses these concerns, our local farming communities face a real possibility of being dealt a fatal blow, in only a few generations."

Mela min-naħa għandek lill-Ministru jgħid li l-ammont ta' bdiewa li għandna huwa suffiċjenti u m'għandniex bżonn aktar, u min-naħa l-oħra għandna lis-Segretarju Parlamentari li qed tgħid li għandna periklu kbir hawnhekk, u li jekk mhux se nindirizzaw il-problema se nispiċċaw litteralment mingħajr bdiewa. Tibda thewden u taħseb u tgħid min għandu raġun! Ovvjament jien naqbel mal-Onor. Alicia Bugeja Said li veru għandna problema u li huwa tajjeb li nindirizzaw din il-problema. Però l-problema rridu nindirizzawha u l-flus irridu ninvestuhom fil-pedament, kif se nagħmlu biex nagħtuhom iżjed art, nagħmluhielhom faċli, ngħinuhom u nassistuhom fil-bidu tagħhom. Għalfejn għandek assistenza għal kumpaniji ġodda imma mbagħad din l-assistenza ma tapplikax bl-istess mod għal dan is-settur?

Sur President, il-ħin tiegħi skadieli u għaldaqstant se nagħlaq billi nisħaq li l-punt li nixtieq inqajjem huwa li hemm il-problemi f'dan is-settur. Hemm investiment, però f'ġieħ is-sewwa ejjew naraw li jkollna l-bażi soda ħalli mbagħad inkunu nistgħu nagħmlu l-investimenti li għandna bżonn. Iżda rridu niżguraw li jkollna biżżejjed ħaddiema biex ikunu jistgħu jipprovdu l-bżonnijiet li għandu l-poplu Malti u Għawdxi kollu. Nirringrazzjak. (Onor. Membri: Hear, hear)

**ID-DEPUTY CHAIRPERSON:** Grazzi. Skada l-ħin disponibbli għan-naħa tal-Oppożizzjoni. Il-ħin kollu li fadal huwa għan-naħa tal-Gvern. Billi l-Oppożizzjoni ħadet minuta aktar, allura għandna san-12.32 p.m.
Rimarki? Is-Segretarju Parlamentari Alicia Bugeja Said.

**ONOR. ALICIA BUGEJA SAID (Segretarju Parlamentari għas-Sajd, l-Akkwakultura u d-**

**Drittijiet tal-Annimali):** Sur President, insellem lilek u lil kull min ingħaqad magħna għas-seduta tal-lum. Ħadt gost nisma' u nosserva lill-kollegi jitkellmu dwar il-baġit allokat għas-sajjieda, għall-bdiewa, għar-raħħala u għall-ħarsien tal-annimali. Dan, sfortunatament, kuntrarjament għas-sentiment tal-Kap tal-Oppożizzjoni, li fid-diskors tiegħu ta' madwar sagħtejn fl-hekk imsejħa viżjoni ta' eċċellenza, ma lissen l-ebda tip ta' referenza għas-sajjieda, għall-bdiewa, għar-riċerkaturi u l-attivisti. Ma semma xejn!

Għalkemm il-Membri tal-faċċata ma jaqblux mal-pjan ta' dan il-Gvern, huwa fatt li għal sena oħra dan il-Gvern qed iressaq pjan finanzjarju li huwa ambizzjuż u viżjonarju. Huwa pjan ambizzjuż li se jkompli jipprovdi futur sigur lis-sajjieda u lill-bdiewa, lir-raħħala u lill-voluntiera, lill-ħaddiema tas-Servizz Pubbliku u lill-operaturi kollha fil-privat.

Kif tenna l-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol waqt id-Diskors tal-Baġit, ix-xenarju ekonomiku Ewropew f'dawn l-aħħar xhur ma kien feliċi xejn. Qed nesperjenzaw sitwazzjonijiet ta' gwerer, sfidi bla preċedent ta' tibdil fil-klima, u tista' tgħid li din ir-realtà qed tkompli xxekkel l-andament ekonomiku ta' pajjiżi ħafna akbar minna bħal, pereżempju, l-Italja u l-Ġermanja. Minħabba din is-sitwazzjoni ekonomika fl-Ewropa minflok investimenti u żviluppi ġodda, dawn bħalissa qegħdin jiddiskutu rati għolja ta' taxxa, kontijiet ogħla tal-enerġija u fuel, u saħansitra tnaqqis fi skemi ta' appoġġ għall-produtturi u s-sajjieda.

Għaldaqstant jien kburija li nagħmel parti minn Gvern għaqli li minkejja l-isfidi li sab quddiemu, qed ikompli jxammar il-kmiem biex jgħin lill-poplu, Gvern li permezz tal-Baġit se jkompli jinvesti fil-familji, fil-pensjonanti, fit-tfal, fl-istudenti u fil-ħaddiema. Dan kien baġit soċjali li mhu se jħalli lil ħadd jaqa' lura. Dan il-Baġit ikompli juri kemm is-setturi tal-agrikoltura, is-sajd u l-ħarsien tal-annimali kienu u se jibqgħu prijorità għal dan il-Gvern. Il-Baġit juri li se nkomplu nkunu ta' spalla għal dawk kollha involuti fil-produzzjoni tal-ikel kif ukoll għal dawk kollha li jaħdmu fuq il-ħarsien tal-annimali.

Permezz tal-Baġit qegħdin nippreżentaw pjan ta' azzjoni li qed iwitti t-triq biex dawn is-setturi jkomplu jiżviluppaw u jikbru u jkomplu jagħtu kontribut tant importanti fl-ekonomija u fil-komunitajiet tagħna. Dan ma ngħiduhx biss bil-kliem imma dan qed inwettquh bil-fatti u bin-numri, għax l-allokazzjoni finanzjarja għall-programmi u inizjattivi taħt dan il-Ministeru se tilħaq l-€34.4 miljun għas-sena d-dieħla. Dan ifisser allokazzjoni finanzjarja darbtejn u nofs akbar minn dik tas-sena preċedenti.

Il-pożizzjoni tagħna hija ċara, Sur President. Dan qegħdin nagħmluh għax verament nemmnu fl-importanza u fil-potenzjal ta' dawn is-setturi. Huwa fatt magħruf li l-agrikoltura, is-sajd u l-akkwakultura huma elementi kruċjali għas-sigurtà tal-ikel f'pajjiżna. Fl-istess ħin, il-ħarsien tal-annimali għandu rwol importanti fis-soċjetà Maltija, is-saħħa u l-kura tal-poplu tagħna. Mingħajr ma nsaħħu dawn is-setturi nkunu qegħdin nimminaw il-legat li aħna, bħala Gvern, se nħallu lill-poplu tagħna u lil uliedna.

Sur President, se nibda mis-settur tas-sajd. Dan huwa Gvern tas-sajjieda, għas-sajjieda u mas-sajjieda. Kif tennejt kemm-il darba f'din il-Kamra, jien għandi tassew unur li nokkupa l-kariga ta' Segretarju Parlamentari fuq settur li studjajt, ħdimt, irriċerkajt u għext fih għal numru ta' snin. Jien onorata wkoll li nifforma parti minn Gvern li jifhem u jaħdem ta' kuljum id f'id mas-sajjieda. Ninkwieta meta nisma' lin-naħa l-oħra tal-Kamra jgħidu li aħna ma nikkonsultawx mas-sajjieda. Irrid infakkar kif matul din is-sena biss għamilna aktar minn 40 laqgħa ta' konsultazzjoni mas-sajjieda kollha ta' Malta u Għawdex. Tkellimna mas-sajjieda tat-tonn, tal-lampuki, tal-konzijiet, tan-nases, tal-pariti u tal-imrejkba. Morna u tkellimna mas-sajjieda, smajna direttament mingħandhom, tajna u se nkomplu nagħtu ċ-ċans lis-sajjieda kollha jesprimu t-tħassib tagħhom fuq is-sostenibbiltà tas-setturi differenti.

Permezz ta' din ir-rikkezza ta' informazzjoni li ġbarna mingħand is-sajjieda dwar ir-realtajiet tagħhom qed naħdmu fuq pjanijiet ta' mmaniġġjar għal sajd differenti permezz tax-xjentisti u l-policy makers, li nsellmilhom minn hawnhekk, sabiex naħdmu flimkien fuq leġiżlazzjoni li verament tirrifletti r-realtajiet tas-settur. Huwa tajjeb li ngħidu wkoll li dawn il-konsultazzjonijiet ispiraw diversi inizjattivi mnedija minn dan il-Gvern. Fuq dawn il-laqgħat ta' konsultazzjoni ewlenin, fost il-ħsebijiet li smajna kien hemm l-importanza li l-Gvern ikompli jipprovdi l-għajnuna meħtieġa kawża ta' dak li qed jiġri madwarna, kif semmejt ftit tal-ħin ilu.

Wara li fl-2022 qassamna madwar €700,000 f'għajnuna lis-sajjieda biex intaffulhom miż-żieda tal-ispejjeż tal-fuel, matul din is-sena investejna €1 miljun ieħor. Din l-għajnuna tant bżonjuża għenet lis-sajjied biex ma jsofrix telf mill-qligħ tal-għajxien tiegħu u jibqa' jopera b'rasu mistrieħa. Dawn is-sajjieda kienu jiġu jgħidulna li jekk mhux se ngħinuhom fil-fuel se jorbtu d-dgħajjes mal-moll għax ma jaqblilhomx li joħorġu jistadu. Aħna minflok l-instabbiltà offrejna ċ-ċertezza, minflok injorajna l-problema indirizzajnieha b'mod immedjat u dirett u wkoll b'għaqal.

Sur President, dan għamilnieh għax ħsibna wkoll fil-konsumatur Malti u Għawdxi. Kieku ma tajniex is-sussidju tal-fuel lis-sajjieda kieku dan is-sajf il-lampuki kienu faċilment jiswew id-doppju. Grazzi għal din l-iskema, il-prezz tal-ħut baqa' f'livell stabbli. Aħna rridu li l-ħut jibqa' sors ta' ikel nutrittiv, affordabbli u aċċessibbli għall-konsumatur Malti. U ma waqafniex hemmhekk, bqajna saqajna mal-art u komplejna nisimgħu l-karba tas-sajjieda, u komplejna nkunu t-tarka għas-sajjieda quddiem l-inflazzjoni li ġabet il-gwerra tal-Ukrajna. Jekk sas-sena l-oħra, qabel bdiet il-gwerra, kaxxa lixka li tintuża għas-sajd kienet tiswa qrib l-€40, illum l-istess kaxxa tiswa madwar €50. Ma' dan insemmu wkoll iż-żieda fil-prezzijiet tal-materjal relatat mal-irkapti tas-sajjieda, fosthom il-konzijiet, ix-xbiek, in-nylon u dak kollu li għandu x'jaqsam mas-sajd. Dawn sfortunatament huma kollha żidiet importati minn barra l-pajjiż li s-sajjieda m'għandhom l-ebda kontroll fuqhom.

Quddiem din ir-realtà stajna ħallejna s-sajjieda jsalpaw waħedhom fil-maltemp. Fiż-żmien preċedenti, amministrazzjonijiet preċedenti hekk kienu mdorrijin, għax qajla kienu jieħdu għajnuna meta ffaċċjati bi problemi simili, anzi, faċilment kienu jgħollulhom il-prezz tad-diesel. Imma aħna naħdmu mod ieħor, u kien għalhekk li sa ftit tal-jiem ilu dan il-Gvern nieda skema li permezz tagħha kull sajjied jista' jirkupra wħud mill-ispejjeż li qegħdin jiffaċċjaw.

Dan huwa l-mod kif dan il-Gvern jassigura l-vijabbiltà u s-sostenibbiltà tas-settur bil-fatti. Meta aħna nitkellmu fuq sostenibbiltà dan nagħmluh għax aħna Gvern kredibbli, Gvern li verament għandu viżjoni bil-fatti għall-futur. U dan għax aħna qed naħsbu fil-futur, fiż-żgħażagħ li rriduhom jingħaqdu mas-settur tas-sajd. Għaldaqstant, matul ix-xhur li ġejjin, il-Gvern se jkun qed iniedi l-iskema Young Fishers, billi aħna konxji li għal ħafna sajjieda, il-qabża biex jibdew fis-settur mhijiex daqstant faċli. Huwa diffiċli li jidħlu fis-settur tas-sajd għax dan il-pass jirrikjedi għajnuna, tagħrif u anke kuraġġ. Għalhekk aħna, bħala Gvern, biex ngħinu lil dawk iż-żgħażagħ jidħlu fid-dinja tas-sajd, se nkunu qegħdin niffaċilitaw l-impjieg tagħhom fuq bastimenti ma' sajjieda esperjenzati u stabbiliti. Fi kliem ieħor, qegħdin inniedu skema biex dawn is-sajjieda b'esperjenza jimpjegaw magħhom sajjieda żgħażagħ interessati sabiex jitgħallmu magħhom.

Jien niltaqa' ma' diversi żgħażagħ li jixtiequ jaħdmu fuq il-baħar, u għalhekk nemmen li inizjattivi bħal dawn huma importanti. Fil-fatt, is-suġġett dwar il-bżonn li nkomplu nżidu n-numru ta' sajjieda żgħażagħ qam anke waqt il-Kunsill Ewropew għall-Agrikoltura u s-Sajd, fejn aħna bħala pajjiż ressaqna t-tħassib tagħna sabiex insibu soluzzjonijiet fit-tul. B'hekk aħna rridu nassiguraw li s-settur tas-sajjieda jibqa' wieħed riġenerattiv, wieħed li ma jibqax biss ritratt ta' Malta fil-passat imma jkun parti importanti mill-futur ta' pajjiżna.

Huwa l-impenn ta' dan il-Gvern li nibqgħu ninvestu f'dan is-settur, mhux biss fis-sajjieda nfushom imma wkoll fl-infrastruttura li hija tant bżonjuża għalihom. Fl-aħħar xhur fil-Pixkerija nidejna proġett infrastrutturali li permezz tiegħu sajjied ikun jista' jipproċessa l-ħut tiegħu qabel jinbiegħ. Hawnhekk insellem lill-ħaddiema kollha tal-Pixkerija. Dan l-investiment għen biex ħut kbir ikun jista' jitqatta' u jinbiegħ fil-Pixkerija b'konformità mal-liġijiet sanitarji. B'hekk qegħdin nassiguraw li l-poplu Malti u Għawdxi se jibqa' jgawdi minn ħut aktar frisk u nutrittiv għall-benefiċċju tal-familji kollha.

Kif qegħdin naraw f'dan il-Baġit, se nkomplu nappoġġjaw lis-sajjieda b'investimenti differenti, fosthom ir-restawr ta' dgħajjes tal-injam, bħalma huwa l-luzzu, il-kajjikk, il-firilla u oħrajn. Dan għax aħna nemmnu li dawn id-dgħajjes mhuwiex posthom fil-garaxxijiet jew fil-mużewijiet biss imma nemmnu li għad għandhom rwol importanti fid-dinja tas-sajd. Lil hinn minn dan il-karattru kkulurit tagħhom, jagħtu lewn tant sabiħ u uniku lill-portijiet tagħna, karattru li għandu rwol kemm komunitarju kif ukoll turistiku. Dan ma ngħidux jien imma jgħiduh l-eluf ta' turisti li jżuru pajjiżna. Pereżempju, jien lanqas nista' nimmaġina l-Port ta' Marsaxlokk mingħajr

luzzijiet u kajjiki tradizzjonali. Għalhekk jeħtieġ li nkomplu ngħinu lis-settur tas-sajjieda hawnhekk ukoll. Kien dan li-Gvern li erba' snin ilu vara din l-iskema u baqa' jsostniha sena wara sena biex nipproteġu d-dgħajjes tal-injam tas-sajd.

Flimkien ma' dan l-investiment se nkomplu nsaħħu l-infrastruttura fil-portijiet tagħna. Se nkomplu nistallaw winch rooms u aktar pilastri tad-dawl u ilma li lkoll jistgħu jagħtu kontribut lis-sajjieda. Infakkar lil din il-Kamra li tul dawn l-aħħar snin stallajna mhux inqas minn 73 pilastru madwar diversi portijiet. Il-pjan huwa li nkomplu b'din il-ħidma din is-sena. Fil-fatt is-sena li ġejja l-komunità tas-sajd f'Marsaskala se tibbenefika minn dan il-proġett infrastrutturali hekk kif se nistallaw ħames pilastri tad-dawl u ilma f'din il-lokalità.

Mal-pjanijiet li wettaqna ħsibna wkoll f'sajd tradizzjonali u kif nistgħu nkomplu nipproteġuh. Pjan ewlieni foshom kien dak tas-sajda tal-imrejkba. Matul is-sena li ġejja nħarsu li nikkonkludu u nniedu għall-ewwel darba politika tanġibbli għal din it-tip ta' sajda tradizzjonali. Nafu kemm hemm dilettanti Maltin u Għawdxin li jfittxu din is-sajda u għaldaqstant irridu noffrulhom serħan il-moħħ sabiex iwettqu din is-sajda.

Ngħaddi issa għas-settur tal-akkwakultura, Sur President. Is-settur tal-akkwakultura jibqa' pijunier prinċipali fl-iżvilupp ekonomiku u fil-katina tal-ikel għal pajjiżna. Huwa settur li minkejja d-daqs ġeografiku limitat ta' pajjiżna, għandu potenzjal. Hekk kif stqarrejt f'din il-Kamra ftit tax-xhur ilu, l-estensjoni taż-Żona Ekonomika Esklużiva ta' pajjiżna se tipprovdi opportunità biex inkomplu nfaqqsu u nrabbu tipi differenti ta' ħut f'żoni lil hinn mill-kosta tagħna. Dan huwa mod kif il-Gvern qed ikompli joħloq niċeċ ekonomiċi ġodda anke fi ħdan l-ekonomija blu. Aħna Gvern li nirrikonoxxu wkoll il-bżonn li nimmassimizzaw ir-riżorsi marittimi tagħna. Il-potenzjal ta' pajjiżna f'dan is-settur huwa kbir ħafna, però wasal iż-żmien li pajjiżna jisfrutta dan il-potenzjal u jwessa' l-għarfien f'dan il-qasam. Għalhekk il-Baġit ta' din is-sena qed jalloka ammont ta' €1 miljun għat-twaqqif ta' entità ġdida, l-Aquatic Resources Malta.

Din l-entità se tkun responsabbli mir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni permezz ta' proġetti li se jiffokaw fuq sajd u akkwakultura. Qed naraw li wara li dan il-pajjiż irnexxielu jfaqqas l-awrat u l-ispnott issa se nimxu għal speċi oħra differenti, fosthom l-aċċol, ir-rizzi u anke d-denċi. Fil-fatt, ftit tal-ġimgħat ilu għadna kemm ħabbarna proġett ta' €700,000 minn fondi Ewropej li se jkun speċifikament iffokat fuq dan l-iżvilupp. Dan l-investiment se jgħin lis-settur tal-akkwakultura jkompli jikber bil-għan li pajjiżna jkompli jkun pijunier globali f'dan is-settur. Huwa sinifikanti ħafna li għall-ewwel darba f'pajjiżna se noħolqu entità apposta għar-riċerka u l-iżvilupp (R&D) fis-sajd u l-akkwalkultura f'pajjiżna. Dan huwa investiment ukoll fis-sigurtà tal-ikel.

Dan l-investiment se jkun qed joffri impjiegi ġodda għas-sajjieda u x-xjentisti ta' pajjiżna, impjiegi ta' kwalità u importanza għalina bħala poplu. Lil hinn minn hekk, din l-entità se tattira riċerkaturi minn barra sabiex inkomplu nsaħħu l-għarfien u l-potenzjal tagħna. Bħala riċerkatriċi u akkademika nifhem kemm huwa importanti li ninvestu f'oqsma bħal dawn u għaldaqstant jien kburija ħafna b'din il-miżura.

Minbarra r-riċerka, l-innovazzjoni u l-iżvilupp, dan il-pajjiż jeħtieġ li jkollu swieq internazzjonali biex jesporta l-prodotti tiegħu. Irrid infakkar kif f'dawn l-aħħar tliet snin pajjiżna esporta madwar 20,000 tunnellata ta' tonn lejn pajjiżi differenti. Apparti l-kontinent Ewropew, dan huwa settur bi prodott kummerċjali, fosthom il-Ġappun u anke l-Istati Uniti. Ftit jiem ilu rnexxielna nilħqu ftehim storiku ieħor li se jkompli jpoġġi lis-sajjieda u l-operaturi ta' pajjiżna fiċ-ċentru tal-ħidma tagħhom hekk kif it-tonn ta' Malta se jibda jidħol fis-suq Ċiniż, suq tant prominenti, wieħed mill-akbar swieq ta' pajjiżna.

Fl-ewwel ġimgħa ta' Novembru, għall-ewwel darba fl-istorja ta' Malta, it-tonn ta' Malta ġie esibit waqt iċ-China International Import Expo, u f'din il-ġimgħa waqt l-Expo biss ġiet ikkonsmata nofs tunnellata ta' tonn. L-introduzzjoni tat-tonn Malti f'dan is-suq se jfisser aktar dħul għas-sajjieda u għall-operaturi, aktar impjiegi u prezzijiet aktar kompetittivi. Dan huwa Gvern kommess li jkompli jagħti spinta lis-setturi biex jagħmlu s-suċċess kemm fuq livell nazzjonali kif ukoll dak internazzjonali.

Se nitkellem issa fuq il-ħarsien tal-annimali. Smajna ħafna diskors mingħand l-Oppożizzjoni, diskors li jiddispjaċini ngħid li juri kemm huma maqtugħin mir-realtà ta' dan is-settur. Tinduna

kemm huma maqtugħin anke minn dak li kitbu lill-Kap tal-Oppożizzjoni biex jaqrah waqt ir-replika tal-Baġit il-ġimgħa li għaddiet. Dan spiċċa jgħid iċ-ċuċati għax sempliċement qara dak li kitbulu mingħajr ma ċċekkja l-fatti. Huwa qal li fuq dan is-settur tajna biss kliem u m'għamilna xejn, qal li ma wettaqniex kampanja nazzjonali tan-neutering tal-qtates u qal li ma tajniex l-għajnuna lis-santwarji. Il-verità hija totalment l-oppost.

Illum, iva, qiegħda hawn biex nistabbilixxi l-fatti dwar il-ħidma ta' dan il-Gvern fil-qasam tas-saħħa u l-ħarsien tal-annimali tul din is-sena. Irrid infakkar lin-naħa l-oħra tal-Kamra li f'Ġunju ta' din is-sena l-Gvern beda bil-kampanja tat-tiswija tal-qtates, b'investiment ta' €200,000 u ġew imsewwija 2,258 qattus. Din is-sena wkoll ħtarna kumitat immexxi minn perit sabiex isir studju estensiv tal-infrastruttura ta' diversi santwarji f'pajjiżna bil-għan li, kif deskritt fil-wegħda elettorali, li n-naħa l-oħra tal-Kamra għamlu referenza għaliha, ngħinu fil-manutenzjoni ta' dawn l-istess santwarji. Din is-sena wkoll varajna s-sit elettroniku adoptapet.gov.mt, fejn il-poplu Malti u Għawdxi jista' jidħol jara l-klieb u qtates li jistgħu jiġu addottati. Kienet inizjattiva ta' suċċess għax kellna diversi addozzjonijiet. Kemm hu sabiħ li tara annimali li sfaw abbandunati jsibu post f'dar ġo familja kif jixirqilhom! Ta' min isemmi li dan is-sit elettroniku hija miżura tal-manifest elettorali wkoll.

Din is-sena varajna White Paper sabiex nilleġiżlaw dwar il-pet sitters, il-boarders, il-groomers u anke d-dog breeders. Imma tan-naħa l-oħra qalulna li aħna m'għamilna xejn! Tant kemm għamilna xogħol din is-sena li għas-sena d-dieħla l-Gvern huwa kommess li jkompli jibni fuq dak li diġà għamilna u għalhekk se nkunu qed nallokaw €1.8 miljun biex insaħħu l-iskemi u l-inizjattivi għall-ħarsien tal-annimali. Dawn huma skemi li jimplimentaw il-viżjoni tagħna bħala Gvern, dik ta' komunitajiet fejn l-annimali jibqgħu jgħixu f'armonija mar-residenti. Għal sena oħra se nestendu l-għajnuna biex inkopru spejjeż veterinarji għall-għaqdiet volontarji fis-santwarji ħalli nkomplu ntaffu mill-ispejjeż li dawn jiffaċċjaw ta' kuljum. Insellem minn hawnhekk lil ħafna volontiera u l-ħaddiema li ma jiqfux jikkuraw u jieħdu ħsieb l-annimali. Se ninvestu €0.5 miljun, nerġa' ngħid, €0.5 miljun, fl-animal aftercare, servizz li huwa tassew indispensabbli sabiex tingħata kura lill-annimali abbandunati li sfortunatament jisfaw fit-toroq.

Il-kampanja għat-tiswija tal-qtates li, intenni, bdiet f'Ġunju ta' din is-sena, se titkompla b'ritmu aktar mgħaġġel is-sena d-dieħla, fejn qegħdin nerġgħu ninvestu €200,000. Għall-kuntrarju ta' dak li insinwa l-Kap tal-Oppożizzjoni li qal, u nikkwota:

> "Tajtuna biss 50 kelma u m'għamiltu xejn."

F'dawn l-aħħar xhur issewwew aktar minn 2,000 qattus. Mhux talli ma sar xejn talli diġà sar progress kbir u se nkomplu nagħmlu aktar progress. Din il-kampanja baqgħet għaddejja u se tkompli għaddejja grazzi għal dawk kollha involuti. Minn hawnhekk insellem lill-veterinarji, helpers, cat feeders u trappers kif ukoll ħaddiema tad-Dipartiment għall-Ħarsien tal-Annimali, li jkunu hemmhekk sabiex jgħinu waqt din il-kampanja. Ejjew ħalli nkomplu nikkontrollaw il-popolazzjoni tal-qtates.

Fl-istess waqt se nkomplu nwettqu monitoraġġ tal-popolazzjoni u s-saħħa tal-annimali fil-lokalitajiet differenti. Ladarba semmejna l-komunitajiet, huwa importanti li nagħmel aċċenn għal-Local Councils Animal Fund. Aħna konxji fuq ir-rwol u t-tagħrif li l-kunsilli lokali għandhom fuq il-bżonnijiet tal-lokalitajiet rispettivi li jirrappreżentaw. Grazzi għal dan l-investiment il-kunsilli lokali għal darb'oħra se jkunu protagonisti fuq il-ħarsien tal-annimali. Fil-ħidma tagħhom u bl-għajnuna tagħhom se nsaħħu l-legat favur l-annimali kollha li jifformaw parti mill-karattru uniku u speċifiku ta' kull lokalità.

Fl-aħħar nett irridu nkomplu ninċentivaw aktar nies biex jaddottaw dawn l-annimali u jagħtuhom l-għożża u l-imħabba neċessarja. Għaldaqstant se nkomplu nsostnu l-bżonn ta' addozzjonijiet billi nerġgħu nestendu u nsaħħu l-Adopt a Pet Allowance biex b'hekk aktar annimali jingħataw post sigur fejn ikunu jistgħu jikbru u jgħixu, f'ambjent mimli mħabba u għożża. Ta' min isemmi li l-ħidma fuq l-addozzjonijiet qed issir b'kollaborazzjoni sħiħa mal-Kummissarju għall-Ħarsien tal-Annimali. Insellem minn hawnhekk il-ħidma pożittiva li qed twettaq il-Kummissarju, li taħdem qatigħ favur aktar bidla u riformi fi ħdan is-settur tal-ħarsien tal-annimali ħalli l-annimali f'pajjiżna jibqa' jkollhom vuċi

b'saħħitha. Hawnhekk ukoll se nkunu qegħdin inżidu l-allokazzjoni għal dan l-uffiċċju.

Fil-ġimgħat li ġejjin se norganizzaw Festa Annimali fil-Park Nazzjonali f'Ta' Qali biex inkomplu nelevaw 'il fuq lil dan is-settur. Matul is-sena li ġejja l-Gvern se jilħaq mira oħra importanti f'dan is-settur, waħda li ilha mistennija għal diversi snin u li hija wkoll miżura tal-manifest elettorali ta' dan il-Gvern. Qed nirreferi għal dik taċ-ċimiterju nazzjonali għall-annimali. Hawnhekk se ninvestu €50,000. Dan huwa proġett ferm għal qalbi għax l-annimali huma parti importanti mill-ħajja ta' kull wieħed u waħda minna, jipprovdulna kumpanija, imħabba u għożża bla limitu ta' kuljum. Għalhekk din l-inizjattiva hija opportunità oħra biex l-annimali f'pajjiżna jingħataw id-dinjità li jistħoqqilhom kif imutu.

Sur President, baqagħli ftit ħin ieħor biex niffoka fuq is-sigurtà tal-ikel. Aħna, bl-istess mod kif għenna lis-sajjieda, għamilna investiment simili mal-bdiewa. L-agrikoltura tibqa' s-sors importanti tal-ħaxix u frott għaċ-ċittadini u l-istabbilimenti lokali kollha. Il-bdiewa u l-produtturi jibqgħu it-tarka ewlenija tagħna għal popolazzjoni aktar sana u b'saħħitha. Kien għalhekk li matul din is-sena l-Gvern investa madwar €8 miljun f'għajnuna diretta għall-bdiewa, għajnuna li għenet lill-bidwi jaqla' għajxien ġust mill-ħidma tiegħu fir-raba' u fl-għelieqi, għajnuna li għenet lill-poplu Malti jikseb frott u ħaxix frisk għall-familjari tiegħu.

Hawnhekk irrid insemmi r-rwol tant kruċjali li għandha l-Aġenzija Maltija għall-Ikel fil-ħidma li nsaħħu s-sigurtà tal-ikel ġewwa pajjiżna. Minn meta twaqqfet din l-aġenzija bdiet issaħħaħ l-aċċess, l-affordabbiltà u l-kwalità tal-prodott lokali. Issa b'investiment ta' aktar minn €2 miljun se nkomplu nsaħħu din l-entità bil-għan li pajjiżna jkollu aktar produttività u reżiljenza fis-settur agrikolu. Aħna konxji wkoll rigward il-promozzjoni tal-ikel u l-prodott lokali minħabba li hija għodda ferm importanti għas-sigurtà tal-ikel f'pajjiżna. Għaldaqstant inizjattivi bħall-AgriFair, l-Imnarja u l-Festival Internazzjonali tal-Ħut komplew urew il-potenzjal tal-produtturi tagħna u, għaldaqstant, għas-sena d-dieħla aħna se nkunu qegħdin ninvestu €1,300,000 sabiex inkomplu nagħmlu aktar minn dawn il-wirjiet u ċelebrazzjonijiet tal-ikel Malti.

Se nagħlaq dan id-diskors billi pubblikament ngħid grazzi lis-sajjieda għaliex xemx jew xita, f'baħar kalm jew imqalleb, ibaħħru mill-portijiet tagħna biex jaqilgħu l-għajxien tagħhom u jipprovdu ħut frisk lill-poplu Malti. Dan il-Gvern se jibqa' jimxi id f'id magħhom, se nibqgħu ninvestu fihom għaliex nemmnu verament fir-rwol essenzjali tagħhom. Nirringrazzja wkoll lill-operaturi, lir-riċerkaturi u ħaddiema pubbliċi li jaħdmu fis-settur tas-sajd u l-akkwakultura. Grazzi kbira lill-volontiera, l-attivisti u l-ħaddiema kollha li ta' kuljum jieħdu ħsieb l-annimali ta' pajjiżna. Id-dedikazzjoni tagħhom tassew tesprimi l-imħabba kbira li l-poplu Malti għandu lejn l-annimali.

Sur President, dan il-Baġit ma jiqafx hemm. Permezz ta' investimenti ġodda li se nniedu u ż-żieda finanzjarja allokata f'dan is-settur se nkomplu nassiguraw pajjiż li jkun dar naturali tal-annimali kollha. Grazzi kbira wkoll lill-bdiewa u lir-raħħala. Il-ħidma tagħhom fl-għelieqi u l-irziezet hija s-sinsla ekonomika u ambjentali ta' pajjiżna. Irrid ngħid li hija ħasra kbira li fl-indirizz tiegħu lill-Kamra l-Kap tal-Oppożizzjoni fl-ebda mument u fl-ebda ħin ma semma lis-sajjieda, lill-bdiewa u lir-raħħala. Għalih ma jeżistux, għalih xogħolhom ma jgħoddx fil-viżjoni ta' eċċellenza tiegħu għall-futur! Jekk inti bidwi, raħħal jew sajjied tista' żżarma u tfittex xogħol xi mkien ieħor! Insa s-snin li investejt minn ħajtek u l-flus li nfaqt!

Għall-Kap tal-Oppożizzjoni dawn ma jeżistux! Immaġinah kieku llejla xħin imur id-dar isib il-platt vojt, imbagħad jiftakar min huma! Viżjoni? Viżjoni ta' dak il-ħin biss il-Kap tal-Oppożizzjoni! Aħna le! Għalina s-sajjieda, il-bdiewa u r-raħħala huma kruċjali daqs oqsma oħrajn tal-ekonomija ta' pajjiżna u dejjem se jsibuna ta' spalla. Dan huwa baġit bi pjan għal Malta aktar sostenibbli u b'saħħitha, Malta ġusta lejn il-ħteġijiet tal-poplu fil-preżent, Malta ġusta lejn l-aspettattivi u l-viżjoni għal futur aħjar ta' pajjiżna, Malta ġusta għall-poplu Malti u Għawdxi kollu. Nirringrazzjak.

**ID-DEPUTY CHAIRPERSON:** Grazzi. Aktar rimark? L-Onor. Romilda Zarb.

**ONOR. ROMILDA ZARB:** Sur President, f'dan il-Baġit għandna allokazzjoni ta' ftit inqas minn €75 miljun, żieda ta' €27.5 miljun lil dan is-settur li jinkorpora fih il-biedja, is-sajd u d-drittijiet tal-annimali. Grazzi għal din l-

allokazzjoni se nkomplu nkunu ta' sostenn għall-isfidi li jiżviluppaw għaliex bħala Gvern aħna nindirizzaw l-isfidi u ndawruhom f'opportunitajiet biex dejjem inkunu hemmhekk ħalli ngħinu lill-bdiewa, lir-raħħala u lis-sajjieda biex insostnu dan is-settur lokali.

L-għajnuna finanzjarja temporanja għall-istabilizzazzjoni tal-prezzijiet hija proprju inċentiv ta' emerġenza biex nassiguraw stabbiltà u sigurtà fil-provvista taċ-ċereali u dqiq maħsuba għall-konsum mill-bniedem u għall-ġwież li hu maħsub għat-trobbija tal-bhejjem għas-suq lokali. Din hija għajnuna li diġà bdejna u se nkomplu nsostnuha u wkoll intejbuha. Fil-fatt din l-għajnuna finanzjarja għas-sena 2024 se tkun dik ta' aktar minn €16-il miljun, allokazzjoni ta' aktar mid-doppju ta' dak li kien investit matul is-sena 2023. Permezz ta' dan l-inċentiv partikolari qegħdin nassiguraw stabbiltà fil-prezz għal dak li kien qabel il-gwerra waqt li nassiguraw sigurtà tal-provvista tal-ikel għall-konsum lokali. Għalhekk din l-iskema ta' għajnuna se tkun qed tassigura bl-aħjar mod possibbli li aħna se nkunu hemmhekk viċin il-konsumaturi tagħna ħalli din iż-żieda fil-prezz taċ-ċereali, dqiq u ġwież tiġi assorbita mill-Gvern u l-prezz jibqa' dak li kien qabel ma beda l-konflitt bejn ir-Russja u l-Ukrajna.

Iżda din l-iskema toffri wkoll għajnuna biex l-operaturi kummerċjali Maltin jimportaw kwantitajiet akbar li jkopru ħażna ta' sitt xhur. B'hekk inkomplu nassistu lill-konsumatur għax permezz ta' dan il-fatt li aħna se ngħinu fil-ħażna, se nkunu qed nissiġillaw il-prezz ta' meta jkun qiegħed jinxtara l-prodott, jiġifieri taċ-ċereali, tal-ġwież u anke tad-dqiq. Fl-istess ħin inkunu qed nassiguraw li jkun hemm ħażna ta' sitt xhur biex ikollna wkoll il-provvista li tkun qed tiġi sostnuta. Jiġifieri hemmhekk qegħdin naraw li kemm jista' jkun dan il-Gvern dejjem ikompli jżomm fiċ-ċentru tal-ħidma tiegħu l-familji Maltin u Għawdxin, u għalhekk għas-sena 2024 se nkomplu nkunu hemmhekk biex min-naħa tagħna nżommu l-prezz tal-ikel bażiku stabbli, bħalma huwa l-ħobż. Dan ifisser li se nkomplu nnaqqsu l-għoli tal-prezzijiet tal-ġwież u tad-dqiq.

Il-Baġit għall-2024 se jżid l-investiment għall-management of farm waste. Kien inbeda investiment fl-Impjant ta' Sant'Antnin biex meta jintrema d-demel likwidu, dan isir bl-aktar mod sostenibbli u fl-istess ħin inkunu qegħdin ngħinu għall-ġenerazzjoni ta' new water. Hemmhekk wieħed jista' jara li grazzi għal dan l-investiment li sar fl-Impjant ta' Sant'Antnin se nkunu qegħdin nassiguraw li s-solidi se jiġu separati mil-likwidi. Dawn is-solidi se jiġu mnixxfa biex jerġgħu jintużaw mill-bdiewa waqt li l-likwidu se jgħaddi għat-tisfija, imbagħad wara jiġi ġġenerat biex ikun jista' jintuża għan-new water. Dan huwa settur li wkoll se nkomplu nżidu l-investiment fih u hawn nista' nsemmi ż-żieda ta' €4 miljun fuq l-allokazzjoni li kellna għall-2023 biex għas-sena 2024 il-management of farm waste ikollu allokazzjoni totali ta' €5 miljun ħalli nkunu nistgħu nassistu lill-bdiewa u lir-raħħala ta' pajjiżna.

Sur President, dan il-Gvern indirizza hekk kif kien imwiegħed kwestjoni li ħadd ma kellu l-kuraġġ li jindirizza. Qed nirreferi għall-prezz tal-kirja tal-għelieqi sabiex inserrħu moħħ il-bdiewa ħalli jibqgħu jaħdmu fl-art filwaqt li jingħata kumpens xieraq lis-sidien tal-art. Din il-fażi diġà lestejnieha u issa min-naħa tagħna se nkunu qegħdin nassiguraw li mmorru pass lil hinn billi se tkun qed titwaqqaf aġenzija responabbli mill-art agrikola, li permezz tagħha se nkunu qegħdin nirreġistraw il-kirjiet agrikoli u nsaħħu l-qafas leġiżlattiv biex nipproteġu l-art agrikola.

Dan is-settur agrikolu jeħtieġ li nkomplu nsostnuh, u biex nagħmlu dan jeħtieġ li nkomplu nkunu ta' għajnuna għall-bdiewa żgħażagħ li bla dubju jeħtieġu appoġġ biex ikunu jistgħu jidħlu f'dan is-settur agrikolu minħabba d-diversi ostakli li jġib miegħu meta tiġi biex tibda taħdem fih. Għalhekk se nagħtu bidu għal proċess sabiex nagħtu opportunità lill-bdiewa żgħażagħ jibbenefikaw minn strumenti finanzjarji li jgħinuhom jixtru l-art agrikola.

Proposta li nemmen li kienet meħtieġa kienet proprju l-introduzzjoni tat-tikketti, li permezz tagħha se nkunu qegħdin nidentifikaw il-prodott lokali filwaqt li nassiguraw ukoll li jkollna traċċabbiltà. Jiġifieri hemmhekk ukoll inkomplu nħeġġu lill-familji Maltin u Għawdxin jagħmlu użu mill-prodott lokali biex kemm jista' jkun aħna wkoll inkunu nistgħu nsostnu l-bdiewa u r-raħħala ta' pajjiżna.

Sur President, bħala Gvern aħna kommessi li nibqgħu nindirizzaw ir-realtajiet ta' kull settur waqt li nieħdu ħsieb il-ħaddiema ta' għada, bħalma huma l-bdiewa u r-raħħala, sabiex verament ikollna Malta ġusta għall-ġid tal-

komunità. U għalhekk għażilt li nalloka d-diskors tiegħi llum proprju dwar is-settur tal-agrikoltura. Nirringrazzjak.

**ID-DEPUTY CHAIRPERSON:** Grazzi. Insejjaħ issa lill-Ministru Anton Refalo biex jagħmel id-diskors tiegħu. Infakkrek li għandek sa 12.32 p.m.

**ONOR. ANTON REFALO:** Sur President, nibda bħalma għamlu l-kollegi billi nirringrazzja lis-Segretarju Permanenti u lill-ħaddiema kollha li jaħdmu f'dan il-Ministeru għax-xogħol ta' fejda li jagħmlu f'dan il-Ministeru. Jien konxju li dan huwa Ministeru li, kif qal kulħadd, mhuwiex faċli, però naħseb li hemm il-bona volontà li dan is-settur immexxuh 'il quddiem. Għalhekk nirringrazzja lill-ħaddiema kollha, lill-NGOs tal-annimali, lil kull min kien involut. Ma rrid insemmi lil ħadd għax nibża' lil ninsa lil xi ħadd, imma minn qalbi rrid ngħid grazzi lil kulħadd.

Nibda billi ngħid li għaddiet sena oħra fil-ħidma ta' dan il-Gvern, sena oħra ta' tiġdid u riforma radikali sabiex pajjiżna jkompli jimxi 'l quddiem, sena oħra ta' investimenti bla preċedent sabiex il-gżejjer tagħna jaħtfu l-opportunitajiet li kull sfida ġġib magħha. Sena oħra ta' għajnuna u fejda għall-Għawdxin u Maltin sabiex ħadd ma jaqa' lura. Dan huwa l-uniku Gvern li kapaċi jagħti serħan il-moħħ lill-poplu tagħna. Il-poplu jaf li lilna se jsibna miegħu kemm fil-bnazzi imma fuq kollox fil-maltemp. Gvern li b'differenza għal ħaddieħor, meta kien iffaċċjat b'inflazzjoni globali, gwerer u inċertezza kien hu li refa' l-piż sabiex kulħadd ikompli javvanza bla biża' li se jitħalla waħdu jiġġieled u jikkombatti l-mewġ.

Il-Partit Laburista issa ilu għaxar snin fil-gvern, għaxar snin li fihom l-Għawdxin u l-Maltin draw jistennew baġit b'ħerqa, konxji li għalkemm ma jingħatawx dak kollu li jixtiequ, jafu li qatt mhuma se jsibu piżijiet ġodda. Għaxar snin li fihom ma ddaħħlux taxxi ġodda filwaqt li n-nefqa soċjali, l-investiment fis-saħħa, l-edukazzjoni u l-infrastruttura dejjem baqgħet tikber! Għaxar snin li raw lil Malta tinbidel f'Malta soċjali, Malta progressiva u Malta ġusta! Dan jgħodd ukoll għas-setturi li jien responsabbli minnhom. Fl-agrikoltura mhux biss rajna żieda sostanzjali fl-għajnuniet li jingħataw lill-bdiewa u r-raħħala imma wkoll riformi essenzjali sabiex is-settur isir aktar sostenibbli u jagħti d-dinjità lil kull min jaħdem fih u l-familji li jiddependu fuqu għax, kif qal tajjeb il-missier tar-rivoluzzjoni ħadra fl-Indja, Swaminathan: "If agriculture goes wrong, nothing else will have a chance to go right."

Bla dubju kien hemm sfidi kbar, imma dan il-Gvern ma beżax jagħmel dak li ħaddieħor naqas li jagħmel. Aħna rajna u se nkomplu naraw Gvern li dejjem sejjer jippromwovi u jipproteġi l-aċċess għar-raba' għall-bdiewa filwaqt li min-naħa l-oħra jirrispetta l-jeddijiet tas-sidien. Aħna ma ċedejniex u m'aħniex se nċedu għall-kilba spekulattiva. Fis-sajd rajna tisħiħ tas-settur li dejjem baqa' jikber, konna hemm sabiex kull impatt negattiv globali lqajna għalih, filwaqt li komplejna naħdmu sabiex nifitħu swieq ġodda. Investejna u se nkomplu ninvestu fiż-żgħażagħ tagħna ħalli huma wkoll jidħlu għall-vokazzjoni tas-sajd, l-istess kif għamilna fis-settur tal-bdiewa.

Dwar il-ħarsien tal-annimali, hawn ukoll insibu li Malta llum hija ġusta. Qegħdin nirriformaw id-dipartiment responsabbli sabiex jilqa' għall-bżonnijiet u l-esiġenzi tal-lum u l-aspettattivi tal-poplu tagħna. Komplejna ninvestu sabiex pajjiżna jkun mgħammar bl-infrastruttura neċessarja sabiex tilqa' għall-popolazzjoni ta' annimali fil-bżonn u saħħaħna s-sħubija tal-Gvern ma' dawk l-NGOs, kunsilli lokali u persuni b'qalb tant tajba, li hija tant essenzjali għall-ħarsien tal-annimali, u nidejna għadd ta' konsultazzjonijiet u riformi li se jwasslu biex pajjiżna jagħmel qabża fil-kwalità, il-kura u l-protezzjoni ta' kull xejra ta' annimal.

L-impenn tal-Gvern f'dawn is-setturi jidher ċar fl-allokazzjoni tal-ispiża rikorrenti tas-sena d-dieħla, li telgħet minn €47 miljun għal €75 miljun, jiġifieri żieda sostanzjali ta' €28 miljun. Fost ħafna miżuri u għajnuniet allokajna €17-il miljun biex insostnu lill-bdiewa, lir-raħħala u lis-sajjieda għall-inflazzjoni fl-ispejjeż tal-produzzjoni kif ukoll sabiex inżommu stabbli l-prezzijiet tal-ikel għall-konsumatur. Sabiex is-settur tal-ħalib ikompli jsir aktar sostenibbli u jkollu futur aħjar, allokajna wkoll €6 miljun. Ma' dawn il-fondi s-settur agrikolu se jkun qiegħed jibbenefika minn fondi Ewropej b'allokazzjoni ta' €116-il miljun.

Wara li f'Diċembru tal-2022 il-Kummissjoni Ewropea approvat il-pjan strateġiku tal-politika agrikola komuni għas-snin 2023/27, dan fisser żieda ta' 38% mill-programm ta' qabel u li minnu l-pagamenti diretti żdiedu b'€4.5 miljun. Huwa minn dawn il-flus li se jiġu kumpensati l-bdiewa

għal ftit żieda fil-qbiela tar-raba' tagħhom; żieda ta' €4.5 miljun f'pagamenti diretti lill-bdiewa. Biex nindirizzaw il-problema tad-demel likwidu u ma nitfgħux piżijiet fuq ir-raħħala, allokajna wkoll €5 miljun, u għax nemmnu fil-katina tal-ikel lokali, qed nallokaw €1.3 miljun għat-tisħiħ u l-promozzjoni ta' dan is-settur. (Onor. Membri: Hear, hear)

Sur President, issa se ngħaddi sabiex nagħti rendikont tal-ħidma tagħna matul din l-aħħar sena filwaqt li nħabbar il-ħidma għas-sena li ġejja. Nibda bid-Dipartiment għall-Affarijiet Rurali. Kif jaf kulħadd, l-agrikoltura hija ta' importanza strateġika għal pajjiżna u għalhekk matul is-sena li għaddiet ħdimna sabiex varajna White Paper li permezz tagħha nidejna l-viżjoni ta' dan il-Gvern sabiex nagħtu protezzjoni lill-art agrikola. Bdejna naħdmu b'mod immedjat u varajna liġi li tipproteġi l-qbiela tar-raba' agrikola billi tirrikonoxxi l-art bħala waħda importanti għall-agrikoltura u b'hekk qed nipproteġu l-art agrikola minn spekulazzjoni.

Din hija liġi rivoluzzjonarja li permezz tagħha għall-ewwel darba l-art agrikola qed tiġi stmata għall-valur agrikolu tagħha. B'sodisfazzjon nista' ngħid li din il-liġi diġà bdiet tiġi kwotata mill-Qrati tagħna u għalhekk jidher li dan kien pass sod sabiex nagħtu protezzjoni lill-art agrikola. Komplejna naħdmu fuq liġijiet li jmissu mal-agrikoltura, fosthom l-Att dwar l-Agrikoltura, li permezz tiegħu għall-ewwel darba se jkollna din l-għodda legali sabiex inkunu nistgħu nilleġiżlaw b'mod l-aktar effettiv filwaqt li niżguraw li l-proċessi tal-infurzar fis-settur agrikolu jkunu uniformi.

Sur President, ħdimna wkoll sabiex nassistu lis-settur tal-apikultura, fejn varajna skema sabiex nagħtu kumpens lin-naħħala għad-danni li għamel il-bagħal taż-żunżan. Offrejna wkoll korsijiet sabiex inħarrġu lin-naħħala fuq il-metodi ta' kif nistgħu nikkontrollaw dan l-insett. Żidna wkoll is-servizzi li noffru lill-bdiewa, ftaħna uffiċċji ġodda ġewwa Ta' Qali u komplejna wkoll bil-korsijiet għall-bdiewa u r-raħħala. Fil-fatt offrejna taħriġ speċjalizzat skont il-ħtieġa tas-settur.

Din is-sena rajna wkoll it-tmiem tal-proġett AgriHub. Dan il-proġett li tfassal fuq medda ta' tliet snin wassal għat-tkattir ta' tagħrif ġdid lis-settur. Permezz ta' dan it-tagħrif stajna nikkreaw inċentivi finanzjarji ġodda għall-bdiewa. Ippubblikajna numru ta' linji gwida għall-produzzjoni ta' agrikoltura integrata kif ukoll stabilixxejna network ta' sensors madwar Malta u Għawdex li qed jippermettulna nkunu nistgħu nipprevedu infestazzjonijiet ta' mard tal-pjanti. Permezz ta' dan il-proġett nafu li l-produzzjoni tal-magħlef ġewwa Malta tkun tista' tiġi xprunata sabiex tkun waħda ta' kwalità u qed nistabilixxu linji gwida sabiex niddisseminaw dan it-tagħrif lill-bdiewa u r-raħħala. F'dan il-proġett stabbilixxejna wkoll nukleu ta' tekniċi li fiż-żmien li ġej se jkunu jistgħu joffru pariri tekniċi lill-bdiewa fuq l-immaniġġjar tal-mard tal-pjanti b'mod integrat.

Sur President, irrid ngħid li saħħaħna l-pożizzjoni tagħna bħala ċentru ta' riċerka permezz ta' kollaborazzjoni li stabbilixxejna maċ-CIEM, u permezz ta' hekk stabbilixxejna wkoll konnessjoni u għamilna flimkien l-ewwel European Innovation Partnership. Fir-rigward tas-saħħa tal-pjanti komplejna bis-sorveljanza tal-mard u l-pesti biex nassiguraw is-saħħa tal-pjanti għas-sostenibbiltà tal-produzzjoni primarja fuq livell ekonomiku, ekoloġiku u soċjali u komplejna wkoll naħdmu fuq il-leġiżlazzjoni nazzjonali, li l-maġġoranza tagħha hija bbażata fuq dik tal-Ewropa. Din is-sena ġew pubblikati seba' avviżi u ġiet implimentata miżura ta' simplifikazzjoni, fejn ġiet introdotta sistema elettronika sabiex jinħarġu ċertifikati ta' dawk l-operaturi li huma reġistrati biex ikabbru u jikkummerċjalizzaw il-pjanti.

Minbarra dan ix-xogħol, saru diversi proġetti, fosthom fuq il-moffa li taffettwa l-frott taċ-ċitru kif ukoll ġie konkluż il-proġett li jismu "Fight Alien Species Transborder", li ġie kofinanzjat mill-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp Reġjonali taħt l-Interreg Italja-Malta, proġett għall-gżejjer Maltin u Sqallin fil-ġlieda kontra l-ispeċi aljeni invażivi li jagħmlu ħsara lill-biodiversità permezz tar-restawr ekoloġiku u monitoraġġ fuq tliet siti ta' Natura 2000 fil-gżejjer Maltin. Qed nirreferi għal Magħluq ta' Marsaskala, il-Buskett u l-Girgenti u l-Wied tal-Kantra fix-Xlendi f'Għawdex.

Għadu għaddej ukoll il-proġett ta' programm ta' stħarriġ fuq il-pesti għas-sena 2023 b'kofinanzjament ta' 20% mill-Kummissjoni Ewropea. Dan il-programm jitwettaq matul is-sena u jinkludi wkoll sorveljanza għat-teħid ta' kampjuni u ttestjar fuq organiżmi ta' ħsara. Investejna fuq il-laboratorji dijanjostiċi sabiex

tittejjeb l-effiċjenza u l-kwalità tal-analiżi filwaqt li x-xjentisti qed jitħarrġu biex jużaw dan l-apparat b'effiċjenza bil-għan li jintlaħqu r-rekwiżiti għall-akkreditazzjoni. Din is-sena l-laboratorju pproċessa 2,182 kampjun. Tkompliet ukoll il-ħidma fost il-bdiewa Maltin sabiex inkomplu nidentifikaw varjetajiet ta' ħxejjex u siġar tal-frott Malti bl-iskop li dawn jiġu konservati wkoll fuq art tal-Gvern għall-ġenerazzjonijiet futuri u anke għal skop ta' riċerka. Bħas-snin preċedenti kien hemm produzzjoni tas-siġar tal-palm biex niżguraw li 'l quddiem jibqa' jkollna l-weraq tal-palm biex jintużaw mis-sajjieda waqt l-istaġun tal-lampuki.

Sur President, konxji bi sfidi bin-nuqqas ta' prodotti għall-produzzjoni tal-pjanti ħdimna sabiex niffaċilitaw l-aċċess għall-prodotti li huma aċċessibbli fis-swieq Ewropej, mhux dawk Maltin biss. B'kollaborazzjoni mal-Ministeru responsabbli mill-konsumatur, żviluppajna mekkaniżmu sabiex nindirizzaw din il-problema. Sabiex intaffu wkoll iż-żieda fil-prezzijiet tal-materja prima tal-ikel li laqtet is-swieq dinjija, komplejna nagħtu sussidju għall-importazzjoni tad-dqiq u l-ġwież tal-annimali, fejn is-sena l-oħra ħallasna €15-il miljun. Din l-iskema se tkompli wkoll is-sena d-dieħla, b'allokazzjoni ta' €17-il miljun biex b'hekk niggarantixxu s-sigurtà tal-ikel lokali. (Onor. Membri: Hear, hear) Nafu li s-settur tal-agrikoltura huwa mibni min-numri differenti ta' intrapriżi agrikoli li għandhom karatteristiċi differenti.

Għalhekk hemm bżonn li tinbena sistema fejn dawn il-kategoriji jiġu identifikati u klassifikati sabiex jibdew jiġu żviluppati policies speċifiċi għal dawn il-kategoriji skont il-produzzjoni tagħhom. Sabiex isir dan, kif se nkun qiegħed nispjega aktar 'il quddiem, se jsir investiment fis-settur tal-agrikoltura sabiex jiġi stabbilit mekkaniżmu għall-aċċess sħiħ u ċentralizzat ta' informazzjoni dwar is-settur. Din il-pjattaforma se tkun qafas sabiex kwalunkwe informazzjoni jew data li tintuża għad-deċiżjonijiet fir-rigward ta' proposti leġislattivi, għajnuniet lis-settur, riċerka u innovazzjoni jew skopijiet oħrajn tkun tista' tingħabar b'mod affidabbli u tkun disponibbli fil-pront.

Sur President, sejrin inkomplu wkoll b'investiment sabiex noffru aktar servizzi u għarfien fis-settur dwar il-biedja organika. B'hekk se jitkompla t-taħriġ iffokat fuq il-biedja organika kemm lill-uffiċjali tad-Direttorat kif ukoll lill-bdiewa direttament. Se jsir ukoll investiment sabiex jiġu stabbiliti proġetti pilota sabiex iservu ta' punt ta' referenza għall-bdiewa li jridu jipproduċu b'mod aktar sostenibbli. Wara diversi laqgħat u konsultazzjonijiet mal-Koperattiva Produtturi tal-Ħalib u t-tmexxija tal-MDP dwar ir-ristrutturar tas-settur tal-ħalib u titjib bil-għan li ntejbu l-effiċjenza tal-irziezet tal-baqar, se nkunu qed nallokaw is-somma ta' €6 miljun.

Kif imwiegħed, is-sena d-dieħla se jinfetaħ l-ewwel bank nazzjonali tal-ġenetika tal-pjanti u jibda jitħaddem. Dan se jkun l-ewwel bank f'Malta li se jservi bħala repożitorju tar-riżorsi ġenetiċi li se jippermettilna naddattaw għall-kondizzjonijiet ambjentali li qegħdin jinbidlu u jiżviluppaw uċuħ reżiljenti u b'hekk insaħħu s-sigurtà tal-ikel. F'dan il-bank se noħolqu kollezzjoni komprensiva ta' materjal ġenetiku tal-pjanti, fejn nistgħu nikkonservaw u namministraw b'mod effettiv id-diversità fl-uċuħ tar-raba' lokali ta' pajjiżna. L-agrikoltura bdiet minn kultivazzjoni ta' pjanti slavaġ, u sal-lum il-ġurnata dan is-settur għandu jiddependi fuq id-diversità ġenetika li tinstab fl-abitat naturali. B'hekk ir-rwol tal-bank ġenetiku se jkun ukoll biex jaħżen ir-riżorsi botaniċi li nsibu madwar il-gżejjer tagħna.

Madanakollu rridu nirrikonoxxu li dan ir-repożitorju jġib miegħu sfidi kbar u obbligi ġodda, u se jkun essenzjali li negħlbu r-restrizzjonijiet finanzjarji, jiġu stabbiliti sħubijiet b'saħħithom u li l-kompetenza xjentifika u l-oqsma leġiżlattivi jkunu fis-seħħ. Permezz ta' sforzi kollaborattivi nistgħu nagħmlu dan il-proċess suċċess kbir u naħsdu l-benefiċċju tiegħu għall-futur agrikolu u sostenibbli ta' Malta. F'dan il-post se nkunu nistgħu nilqgħu riċerkaturi u studenti li jkunu qegħdin jistudjaw f'dan il-qasam.

Sur President, għas-sena li ġejja se nkomplu nimxu fuq il-White Paper li varajna s-sena l-oħra u se naħdmu fuq qafas legali li għandu l-għan li jżid il-livell ta' protezzjoni għall-art agrikola. Se nkunu qegħdin inħarsu lejn il-policies u l-liġijiet eżistenti sabiex nikkonsolidawhom u nassiguraw li l-art agrikola qed tintuża għal skop agrikolu. Pass importanti ieħor f'dan il-qasam huwa t-twaqqif tal-aġenzija ġdida li se tkun qed twettaq l-għanijiet kif ġew imfassla fir-riforma li tnediet bħal dan iż-żmien sena. Waħda mid-diversi responsabbiltajiet li se jkollha din l-aġenzija hija

li se tkun qed toħloq reġistru tal-artijiet u tibda r-reġistrazzjoni tal-kirijiet tar-raba' privata bil-għan li jiġi inċentivat il-kiri tar-raba' lill-bdiewa professjonali u nagħmlu wkoll ġustizzja mas-sidien tar-raba' li jikru art privata.

Se tkun qed titneħħa t-taxxa tas-suċċessjoni minn fuq art agrikola li tkun qed tiġi mikrija u maħduma. B'hekk komplejna nsaħħu r-riformi kbar li diġà twettqu f'dan il-qasam permezz ta' tibdiliet tant importanti għall-Kapitlu 199 tal-Liġijiet ta' Malta li jirregola l-qbiela. Fl-aħħar mill-aħħar, l-għan tal-Gvern se jkun li nassiguraw li r-raba' jibqa' jinħadem mill-bdiewa u, għaldaqstant, se ninċentivaw u nagħtu opportunità lil dawk il-bdiewa żgħażagħ jibbenefikaw minn strumenti finanzjarji sabiex ikunu jistgħu jakkwistaw art agrikola.

Niġi issa għall-Aġenzija għall-Governanza tal-Bioriżorsi Agrikoli (GAB). Wara diversi tentattivi ntlaħaq ftehim rigward il-problema nazzjonali li Malta kienet tiffaċċja sa ftit ta' xhur ilu minħabba li n-numru ta' raħħala kienu qed jiddisponu mid-demel likwidu direttament fis-sistema tad-drenaġġ. Dan il-ftehim intlaħaq mal-maġġoranza tar-raħħala li għandhom il-baqar u l-ħnieżer fir-razzett tagħhom sabiex id-demel li jkun qiegħed jiġi ġġenerat jiġi trasportat u trattat fl-impjant ta' Sant'Antnin ġewwa Marsaskala.

Biss aħna m'aħniex se niefqu hawn għax wara konsultazzjoni fis-suq sabiex insibu alternattiva oħra kif jiġi proċessat dan id-demel ibbażat fuq il-prinċipju tal-ekonomija ċirkolari, is-sena d-dieħla se nkunu qegħdin noħorġu sejħa pubblika għal dawk interessati sabiex jitfgħu l-offerta tagħhom u wara li tiġi evalwata jinbnew tliet impjanti, tnejn f'Malta u ieħor f'Għawdex, fejn id-demel li jirċievu mir-raħħala mhux biss ikun jista' jiġi proċessat imma wkoll tinħoloq riżorsa fil-forma ta' fertilizzant għall-użu fl-għelieqi tal-bdiewa u r-raħħala. B'hekk mhux biss tiġi konsolidata l-ekonomija ċirkolari b'impatt pożittiv fuq l-ambjent imma ukoll tiżdied aktar il-kompetizzjoni f'dan il-qasam, bi ksib ta' effiċjenzi ġodda għall-benefiċċju tal-bdiewa u r-raħħala.

Se ndur issa fuq id-Direttorat għas-Sistemi tal-Ikel, Sur President. Fis-settur tal-ikel il-ħidma tagħna hija mmarata biex inkomplu mmexxu b'responsabbiltà sħiħa u bl-għarfien tar-realtajiet tagħna. Bħala pajjiż anke jekk iċ-ċokon tagħna ma jippermettix li ma nimportawx ikel minn barra, għandna d-dmir li nsaħħu s-setturi tal-biedja u s-sajd bħala l-qofol tal-katina tal-ikel lokali. Dan huwa l-ħsieb wara d-direzzjoni li qegħdin nimxu fiha fis-settur tal-ikel; li nippromwovu s-sostenibbiltà għax jaqbel lil kulħadd. Xhieda ta' dan huwa l-Pjan Nazzjonali għall-Ikel Organiku li għadna kif ippubblikajna aktar kmieni din is-sena, li permezz tiegħu qed nikkommettu ruħna għall-mira ambizzjuża li jkollna 5% sehem tar-raba' ċertifikat organiku sas-sena 2030. Dan biex nimxu lejn il-viżjoni li l-konsumatur Malti jkollu għażla wiesgħa ta' ikel lokali organiku u fl-istess ħin il-produtturi jkollhom qligħ mistħoqq.

Bħalissa għaddejjin ukoll bi preparamenti sabiex fil-ġimgħat li ġejjin inkunu nistgħu nniedu għall-konsultazzjoni pubblika l-Abbozz ta' Liġi dwar l-Istrateġija għall-Ikel. Dik li għandna quddiemna hija n-narrattiva komuni għal strateġija bilanċjata li tintegra prinċipji mid-diversi oqsma, fosthom is-saħħa, l-edukazzjoni u t-turiżmu, mingħajr ma tippreġudika dak li diġà qiegħed isir b'suċċess. Fir-rigward tal-istrutturi tat-tmexxija u tal-kompetenza rrid ngħid li wara li s-sena li għaddiet ħadna f'idejna r-responsabbiltà tal-Kummissjoni għas-Sigurtà fl-Ikel, aktar kmieni din is-sena waqqafna d-Direttorat għas-Sistemi tal-Ikel bil-ħsieb li din l-entità tkompli tfassal u timbotta l-implimentazzjoni tal-Istrateġija Nazzjonali dwar l-Ikel. Dan anke fil-kontest tal-ħidma tagħna sabiex ikollna Awtorità għas-Sigurtà tal-Ikel. Il-pass li jmiss huwa li nkomplu nibnu fuq ir-riżultati tar-riforma li qed nagħmlu biex il-bdiewa, ir-raħħala u s-sajjieda ta' pajjiżna jkollhom aċċess aħjar għall-art, għas-swieq, għall-informazzjoni u għall-finanzi li tant għandhom bżonn.

Sur President, se nkunu qegħdin noħolqu sistemi ġodda biex ikollna l-infrastruttura meħtieġa fil-qasam tal-ikel organiku. Il-Gvern se jwaqqaf forom li jservu bħala pjattaforma li ġġib flimkien il-partijiet interessati f'dan il-qasam. Qegħdin naħsbu biex ikollna wkoll pjan dettaljat ta' kif jista' jiġi mqassam l-operat tal-miżuri fi ħdan il-Pjan Nazzjonali għall-Ikel Organiku. Huwa anke fil-ħsieb li nutilizzaw fondi Ewropej għal dan il-għan.

Fl-istess waqt għaddejjin bil-ħidma sabiex inressqu l-bdiewa lejn il-miżuri ta' għajnuna u t-taħriġ speċjalizzat u anke ristoranti u stabbilimenti li jistgħu jixtru prodotti organiċi b'mod dirett. Apparti mit-twettiq tal-Istrateġija

dwar is-Sigurtà tal-Ikel se nkunu qegħdin nagħmlu studju dwar ir-riskji marbuta ma' dan is-settur, dejjem fil-kontest tar-realtajiet ta' pajjiżna. Dan l-istudju għandu jwassal għar-rakkomandazzjonijiet dwar il-bżonn ta' infrastruttura, kemm fiżika u kemm diġitali, fosthom osservatorju dwar is-sigurtà tal-ikel.

Niġi issa għall-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali (ARPA). Permezz tal-ħidma tal-Aġenzija rajna u se nkomplu naraw kif jiġu utilizzati fondi Ewropej bil-għan li nkomplu nsostnu lill-bdiewa u lir-raħħala. Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra informazzjoni dwar l-ammonti li l-Aġenzija ħallset din is-sena minn fondi nazzjonali kif ukoll minn fondi Ewropej, b'valur ta' €26 miljun. (Onor. Membri: Hear, hear) Fis-sena 2023 il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat qafas għall-għajnuna eċċezzjonali temporanja kofinanzjat mill-Fondi Ewropej u dawk nazzjonali.

Din l-għajnuna ssarrfet fil-miżura 22 li ġiet imdaħħla taħt il-Programm tal-Iżvilupp Rurali ta' Malta 2014/2022 u ngħatat lir-raħħala eliġibbli li jrabbu l-bovini, l-ovini u l-kaprini. L-għan ewlieni ta'din l-għajnuna hija sabiex intaffu ftit mill-effetti negattivi ekonomiċi li qegħdin jiffaċċjaw ir-raħħala minħabba l-prezzijiet għoljin fis-suq riżultat tal-gwerra ġewwa l-Ukrajna. Tali għajnuna ngħatat bħala pagament dirett lir-raħħal eliġibbli, bil-ħlasijiet totali li nħarġu fl-2023 taħt din il-miżura jammontaw għal madwar €1,600,000.

Apparti mill-miżura 22, il-Ministeru kompla għaddej ukoll bl-implimentazzjoni ta' miżuri oħrajn, inkluż taħt il-programm 2014/2022, fejn saret ħidma estensiva mill-ARPA sabiex ikomplu jingħalqu l-proġetti pendenti filwaqt li jiġu proċessati pagamenti dovuti fil-ħin lill-benefiċjarji kollha taħt il-programm. Din is-sena ġew ipproċessati €13-il miljun għall-miżuri ta' investiment, flimkien ma' €5 miljuni oħra maħruġa taħt skemi ambjentali klimatiċi. Dan l-ammont jinkludi wkoll il-€1.6 miljun maħruġa taħt miżura 22.

L-għajnuna f'pagamenti diretti 2014/2022, li hija tant importanti għas-sostenibbiltà u l-għajxien tas-settur agrikolu lokali, komplew jiġu proċessati fl-2023, fejn intnefqu total ta' ftit aktar minn €5 miljun, finanzjati b'mod sħiħ mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija. Dawn intnefqu taħt diversi skemi, inkluż il-pagament bażiku u l-pagament tal-bdiewa żgħar u għall-bdiewa żgħażagħ, l-għajnuna volontarja akkoppjata u għal pagament ieħor ekoloġiku. Taħt dawn il-miżuri, flimkien mal-miżuri ambjentali klimatiċi msemmija aktar 'il fuq, ibbenefikaw 'il fuq minn 6,000 bidwi u raħħal lokali.

B'mod parallel għall-implimentazzjoni tal-programm 2014/2022, l-ARPA wettqet il-preparamenti kollha neċessarji sabiex jibdew jinħarġu l-ewwel skemi taħt il-pjan strateġiku l-ġdid li qiegħed jissostitwixxi l-programm preċedenti u li se jkopri l-miżuri u l-iskemi kollha taħt il-Politika Agrarja Komuni għas-sena 2027. Għaldaqstant ġew imwettqa numru ta' azzjonijiet ta' pubbliċità u informazzjoni matul is-sena biex jiġi żgurat li l-informazzjoni importanti dwar il-benefiċċju u l-potenzjal tal-ħlas li jeżistu taħt l-iskemi u l-miżuri ġodda ikunu jistgħu jseħħu. Ġew organizzati diversi sessjonijiet ta' informazzjoni sabiex nilħqu udjenza wiesgħa u ninkoraġġixxu lill-bdiewa u r-raħħala sabiex japplikaw għal diversi possibbiltajiet ta' għajnuna li jeżistu taħt il-pjan.

Insegwitu ta' dan ġew imnedija perjodu ta' darba u applikazzjonijiet eċċezzjonali sabiex dawn il-benefiċċji, b'mod partikolari taħt l-iskema tal-pagament diretti, u miżuri marbutin mal-art jew mal-annimali kollha jkunu disponibbli għal dawk eliġibbli mingħajr dewmien. Huwa ppjanat ukoll li fil-ġimgħat li ġejjin jerġa' jinfetaħ perjodu eċċezzjonali ieħor li jkopri wkoll xi miżuri ġodda ambjentali u klimatiċi. Dan il-perjodu se jkun akkumpanjat minn kampanja informattiva oħra kif jixraq.

Apparti dawn l-iskemi ta' pagamenti diretti u marbutin mal-art jew mal-annimali, il-Ministeru qiegħed jappoġġja wkoll il-preparamenti neċessarji għall-implimentazzjoni ta' skemi ta' investiment, li huma mistennija li jibdew jinħarġu għall-aħħar ta' din is-sena mill-Awtorità ta' Ġestjoni li taqa' taħt il-Ministeru responsabbli għall-fondi Ewropej. L-ewwel pagament taħt dan il-Pjan Strateġiku 2023/2027 jammonta għal madwar €3.4 miljun u huwa mistenni li jiġi effettwat lejn l-aħħar tal-2023. Flimkien ma' dan kollu huwa tajjeb li nsemmu wkoll li taħt l-interventi maħsuba għas-settur tal-apikultura ġew maħruġa kważi €24,000, kofinanzjati mill-Fondi Ewropej u dawk nazzjonali, bit-total ta' 45 naħħal eliġibbli.

Sur President, b'mod komplementari mal-miżuri u l-programmi msemmija l-Ministeru kompla wkoll bit-twettiq tal-Istrateġija Nazzjonali għall-Implimentazzjoni tal-Iskema tal-Iskejjel tal-Unjoni Ewropea 2017/2023. Din l-iskema għandha l-għan li tippromwovi l-konsum tal-ikel nutrittiv u tajjeb għas-saħħa tat-tfal sa minn età żgħira u tikkontribwixxi wkoll għall-implimentazzjoni ta' miżuri baġitarji 62 u 63.

Taħt din l-iskema ġiet żviluppata sistema ġdida li permezz tagħha t-tqassim ta' frott, ħaxix u ħalib frisk ġewwa l-iskejjel mhux biss qiegħed jitqassam kull ġimgħa mid-distributur konċernat iżda qed isiru wkoll attivitajiet edukazzjonali u informattivi magħrufin bħala 'Road Shows' li qed jitwettqu ġewwa l-iskejjel primarji parteċipi mill-inqas darba fis-sena. Fis-sena skolastika 2022/23 ipparteċipaw total ta' 107 skejjel eliġibbli, li jkopru madwar 38,000 student u li jibbenefikaw minn tali tqassim. Il-pagamenti taħt din l-iskema fis-sena 2023 ammontaw għal ftit aktar minn €800,000, li fil-maġġorparti tagħhom ħerġin minn fondi nazzjonali.

Flimkien ma' dan kollu qegħdin isiru l-preparamenti neċessarji sabiex jiġi ingaġġat distributur ħalli t-tqassim tal-frott, ħaxix u ħalib frisk jiġi estiż ukoll għall-iskejjel sekondarji permezz tal-fondi nazzjonali. Dan bil-għan li l-benefiċċju tal-iskema tal-iskejjel titwessa' u ssir waħda aktar effettiva u huwa mistenni li din id-distribuzzjoni tibda ssir darba fix-xahar mix-xhur li ġejjin. L-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali wettqet ukoll numru ta' miżuri finanzjati minn fondi nazzjonali. Kif imsemmi diġà aktar qabel, l-invażjoni tar-Russja ġewwa l-Ukrajna qed tkompli jkollha impatt negattiv qawwi fuq is-setturi u l-ekonomija tal-pajjiżi madwar id-dinja, inkluż fuq is-settur agrikolu lokali minħabba l-ispejjeż elevati fis-swieq.

Sabiex jinxtraw prodotti essenzjali għall-biedja ġiet żviluppata skema nazzjonali ta' għajnuna għax-xiri ta' fertilizzant ġewwa Malta u Għawdex b'valur ta' €2 miljun. Din l-iskema ġiet implimentata bid-distribuzzjoni ta' vouchers lil dawk eliġibbli, li setgħu jintużaw għal xiri ta' fertilizzant minn dawk il-ħwienet li applikaw biex jipparteċipaw. B'hekk ġew imtaffija ftit l-ispejjeż ulterjuri li jridu jidħlu għalihom il-bdiewa fil-ħidma tagħhom.

L-ARPA żviluppat u nediet ukoll skema nazzjonali mmirata lejn in-naħħala lokali sabiex tipprovdi kumpens finanzjarju minħabba t-telf esperjenzat b'riżultat taż-żieda tal-bagħal taż-żunżan, li huma speċi invażiva li tattakka lin-naħla. Permezz ta' din l-għajnuna bbenefikaw total ta' 164 naħħal, li ġew inċentivati wkoll sabiex jixtru nases apposta għall-bagħal taż-żunżan biex b'hekk titnaqqas il-popolazzjoni ta' din l-ispeċi invażiva. It-total tal-pagamenti li nħarġu taħt din l-iskema fl-2023 jammontaw għal €45,000 minn fondi nazzjonali.

Matul din is-sena wkoll reġgħet inħarġet skema nazzjonali oħra li hija importanti għas-settur lokali, skema li tipprovdi għajnuna finanzjarja sabiex bdiewa żgħażagħ ikollhom aċċess għall-prattika agrikola fl-azjenda ta' bdiewa stabbiliti, flimkien ma' tagħlim rilevanti teoretiku provdut mill-MCAST. Tali għajnuna tikkontribwixxi għall-għan li jsir ġid lis-settur agrikolu lokali billi jiġi faċilitat aċċess għall-bdiewa żgħażagħ ġo settur fejn l-età medja dejjem qiegħda tikber. Il-pagamenti maħruġa taħt din l-iskema kienu maqsumin bejn il-bdiewa żgħażagħ, il-bdiewa stabbiliti u ospitanti u l-MCAST bħala kordinatur tal-iskema. Fl-2023 dawn ammontaw għas-somma ta' €42,000 minn fondi nazzjonali.

Barra minn dawn l-iskemi nazzjonali msemmija tħabbret ukoll l-implimentazzjoni ta' skemi oħrajn li ħarġu fis-snin ta' qabel, fosthom l-iskema ta' għajnuna minħabba l-COVID-19, ġew ipproċessati pagamenti ta' madwar €37,000 lil 28 benefiċjarju, skema ta' benesseri fis-settur tal-majjali, ġew ipproċessati pagamenti ta' madwar €434,000 lil 82 benefiċjarju u pagamenti taħt l-FADN. Ġew ipproċessati wkoll pagamenti ta' madwar €24,000 lil 430 benefiċjarju u pagamenti oħrajn ta' madwar €34,000 lil 21 benefiċjarju. Fis-sena 2023 l-ARPA żviluppat skema oħra li ġiet sottomessa għall-approvazzjoni neċessarja tal-Kunsill Ewropew fil-ġimgħat li għaddew. Hekk kif tiġi approvata huwa ppjanat li din l-iskema titnieda fil-bidu tal-2024 taħt il-Qafas Temporanju tal-Unjoni Ewropea għall-Miżuri ta' Għajnuna mill-Istat maħsuba biex jindirizzaw l-ekonomija minħabba l-gwerra ġewwa l-Ukrajna. L-għajnuna finanzjarja, li tammonta għal ftit aktar minn €700,000, se tingħata lil madwar 5,000 bidwi eliġibbli.

Sur President, ninforma lill-Kamra li l-Kummissjoni Ewropea wettqet awditjar fuq l-ARPA bejn Mejju u Ġunju 2023 bil-għan li tivverifika l-preparamenti u l-proċessi stabbiliti għall-implimentazzjoni tal-pjan il-ġdid.

B'sodisfazzjon kbir ninforma li dan l-awditjar kien wieħed ta' suċċess, fejn l-awdituri faħħru lill-awtoritajiet Maltin għall-ħidma u l-preparamenti tagħhom bħala detentriċi tal-Premju tas-Servizz ta' Kwalità. L-ARPA kompliet tara kif se ttejjeb u tħaffef numru ta' operattivi li wettqet b'tali mod li dejjem tipprovdi servizz ta' kwalità u ħolistiku lill-klijenti tagħha, li huma primarjament il-bdiewa u r-raħħala.

Niġi issa għall-Aġenzija Maltija għall-Ikel. Matul is-sena li għaddiet l-Aġenzija Maltija għall-Ikel kompliet twettaq diversi ħidmiet sabiex twassal għal aktar sostenibbiltà fost il-katina tal-ikel lokali. L-Aġenzija kompliet bil-ħidma tagħha fuq ir-riforma tal-Pitkalija billi implimentat miżuri ġodda li jsaħħu t-trasparenza. Ġew imnedija wkoll aktar servizzi elettroniċi bl-introduzzjoni ta' sistemi minn fejn il-bdiewa u x-xerrejja jista' jkollhom informazzjoni relatata mal-bejgħ u x-xiri minn fuq il-mobile. Flimkien mal-Koperattiva Ċentrali tal-Bdiewa twettaq il-proċess ta' grading u ppakkettjar tal-patata u l-basal bl-introduzzjoni ta' magna apposta. Permezz ta' dan il-proġett se jibdew jiġu implimentati standards u ppakkettjar li se jgħin sabiex itejjeb il-kwalità tal-prodott lokali u l-konvenjenza għall-konsumatur.

Sur President, tkompla wkoll xogħol sabiex jissaħħaħ il-Farmers Market u ġie miftuħ suq ġdid ġewwa l-Kottonera. Barra minn hekk ġie mniedi branding ġdid għal dan il-Farmers Market. L-Aġenzija ħadmet ħafna wkoll fuq xogħol ta' promozzjoni ta' prodotti lokali kif ukoll għamlet diversi taħditiet rigward swieq alternattivi minn fejn il-bdiewa u s-sajjieda jkunu jistgħu jbigħu l-prodotti tagħhom. Fost dawn l-inizjattivi kien hemm bidu ta' proġett pilota li se jwassal għaċ-ċertifikat lill-istabbilimenti li jużaw il-prodott lokali. Sar ukoll proġett pilota fejn marka li turi l-oriġini tal-prodott ġiet imwaħħla fuq id-dulliegħ. Fir-rigward tal-Pixkerija ġiet implimenta sezzjoni ġdida tal-ipproċessar tal-ħut kif ukoll tkompla x-xogħol ta' manutenzjoni u titjib tal-faċilitajiet. Saru laqgħat kontinwi mal-koperattivi u għaqdiet tal-bdiewa u tas-sajjieda li wasslu għall-iffirmar ta' ftehim ta' koperazzjoni ma' Koperattivi Malta.

Matul is-sena li ġejja l-Aġenzija se tkompli taħdem sabiex tkabbar is-sostenibbiltà tal-prodott lokali. Dan se nagħmluh billi nkomplu nippromwovu l-użu tal-prodotti lokali kif ukoll nintroduċu t-tikketti li jiddistingwu dawn il-prodotti u jipprovdu traċċabbiltà għall-ħaxix, frott u ħut frisk. Barra minn hekk se nniedu kampanja ta' informazzjoni u għarfien dwar it-tisjir tal-ħut lokali li mhuwiex daqstant popolari mal-konsumatur. Wasal ukoll iż-żmien li Malta jkollha prodotti Maltin reġistrati bħala 'protected designation of origin'. Hekk kif għedna fil-manifest elettorali, is-sena d-dieħla se naraw li l-ewwel prodotti jiġu reġistrati. Sabiex nesponu l-prodott Malti, is-sena d-dieħla l-Ministeru se jerġa' jorganizza mill-ġdid l-AgriFair.

Sur President, matul din is-sena se nkunu investejna aktar minn €0.5 miljun fil-Biċċerija Pubblika biex ngħinu lis-settur tal-laħam lokali jkompli jagħmel qabża fil-kwalità u jkun jista' jikkompeti fuq l-istess livell tal-laħam importat. Fl-istess ħin dan l-investiment sostanzjali qiegħed ukoll jgħin biex tisseddaq l-effiċjenza fl-operat tal-Biċċerija u jgħin biex jitjieb ukoll id-dħul u għalhekk il-qligħ tar-raħħala. Sar investiment sostanzjali biex jiġi megħjun b'mod partikolari s-settur tal-majjal li jlaħħaq mal-85% tal-produzzjoni lokali ta' majjal fil-Biċċerija. Dan kien jinkludi l-pjan ġdid għat-tqattigħ u l-ispulpjar, impjant ta' madwar 400 metru kwadru li se jippermetti lill-Koperattiva ta' Min Irabbi l-Majjal biex iżżid l-effiċjenza tagħha fit-tqattigħ u l-ispulpjar.

L-investiment jinkludi makkinarju ġdid li, fost oħrajn, se jippermetti t-tqattigħ u l-ippakkjar tal-laħam tal-majjal kif ukoll it-trattament tiegħu biex ma jixxuttax waqt it-tisjir. L-impjant ġie disinjat b'mod li waqt li jissodisfa l-kriterji tal-iġjene u s-separazzjoni neċessarja bejn prodott u ieħor, jintlaħaq bilanċ bejn l-ekonomija tal-iskala meħtieġa biex is-settur tal-majjal ikun aktar kompetittiv u fl-istess ħin aktar ekonomiku, bl-iskop li jippermetti l-aħjar użu tar-riżorsi investiti. Dan huwa investiment li qed jgħin diġà b'mod tanġibbli biex tiżdied il-kompetittività tal-majjal lokali għax b'hekk dan jista' joħroġ mill-Biċċerija mqatta' lest skont il-ħtieġijiet tal-produtturi jew il-bejjiegħa tal-laħam.

Permezz ta' investiment ta' aktar minn €150,000 l-Biċċerija Pubblika stallat sistema ta' klassifikazzjoni mill-ifjen permezz ta' sistema ta' cameras awtomatiċi li jieħdu r-ritratti ta' parti mis-sinsla fuq il-ġenb tax-xellug tal-karkassi, li b'magna tislet 19-il kejl minn dawn ir-ritratti li permezz tagħhom jinħadem il-proporzjon tal-laħam dejf tal-karkassa. Fl-istess ħin, abbażi ta' sistema ta' intelliġenza artifiċjali, tislet kalkoli

dwar id-daqs u l-proporzjon tal-laħam dejf u tax-xaħam fit-tqattigħ ewlieni tal-karkassa, fosthom l-ispalla, il-koxxa, iż-żaqq u l-flett. Din l-informazzjoni se tgħin lir-raħħala jiksbu prezzijiet ogħla għal-laħam ta' kwalità ogħla li jipproduċu. Fl-istess ħin ir-raħħala se jkunu jistgħu anke jaddattaw it-tagħmir u t-trobbija tal-annimali skont il-ġenetika tal-popolazzjoni lokali kif ukoll jaddattaw il-prodott tagħhom skont dak li qed jintalab fis-suq.

Komplejna ninvestu sostanzjalment fl-ipproċessar u fi prodotti spontanji biex aktar prodotti jitpoġġew fis-suq. Bi pjaċir ngħid li l-kirxa kollha li qed tiġi rilixxata fis-suq, id-domanda għad-demm u anke l-produzzjoni tal-mazzit żdiedet ġmielha tant li l-Biċċerija kellha ssaħħaħ il-kapaċità tal-produzzjoni biex tlaħħaq mad-domanda. Għamilna investiment biex inkunu nistgħu nipprovdu din ir-riżorsa anke f'pakketti żgħar għall-komunitajiet barranin, fosthom għall-użu tal-industrija tal-catering. Bdejna nirrilaxxaw ukoll firxa iżjed wiesgħa ta' prodotti tradizzjonali oħrajn li kienu għoddhom mitlufa.

Bi pjaċir ngħidu li saħħaħna r-reżiljenza tal-Biċċerija quddiem riskji differenti li b'mod jew ieħor jistgħu jaffettwaw l-impjant, li hija faċilità ewlenija fil-produzzjoni tal-ikel f'Malta. Dan jinkludi t-tisħiħ tal-kapaċità tal-friża, id-diversifikazzjoni tas-sorsi tal-enerġija kif ukoll it-tisħiħ tar-riżorsi tekniċi u umani. Dan l-investiment jiżgura li l-Biċċerija tkun tista' tibqa' taħdem minkejja ħsarat li jistgħu jseħħu fi kwalunkwe impjant, filwaqt li komplejna nsaħħu l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija u l-ilma tal-impjant.

Dan il-Baġit se jkompli jgħinna nkomplu nibnu fuq dawn il-kisbiet, b'mod partikolari b'investiment li se jgħinna nkomplu ntejbu l-kwalità tal-prodott lokali b'investiment ta' fuq il-linji ta' produzzjoni f'apparat ġdid biex il-majjal jitnaddaf aħjar u f'tagħmir għall-ipproċessar ta' prodotti sekondarji, investiment biex tisseddaq l-effiċjenza tal-produzzjoni kif ukoll investiment fir-riċerka u żvilupp ta' prodotti ġodda.

Niġi issa għad-Dipartiment għas-Saħħa u t-Trattament Xieraq tal-Annimali billi nagħti ħarsa lejn il-ħidma tiegħu. Matul din is-sena dan il-qasam tant sensittiv reġa' għamel avvanzi kbar u kruċjali sabiex l-annimali f'pajjiżna jingħataw id-dinjità u l-protezzjoni li s-soċjetà tagħna tant temmen fiha u tħaddan bil-bosta. Għal dan il-għan saret ħidma biex jiġu abbozzati u emendati numru ta' regolamenti sabiex il-wegħda ta' dan il-Gvern li jiġu aġġornati diversi liġijiet fil-qasam li jinvolvi s-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimal titwettaq. Minn dan l-eżerċizzju ġew revokati għadd ta' regolamenti individwali li kienu skaduti u ngħaqdu kollha f'regolament wieħed.

Dan wassal ukoll għall-immodernizzar u għall-armonizzazzjoni ta' dawn ir-regolamenti biex jirregolaw aħjar il-qasam rispettiv tagħhom. Dan ukoll biex ikunu jistgħu jagħtu poteri ta' aktar infurzar lid-Direttorat għat-Trattament Xieraq tal-Annimali u d-Direttorat dwar ir-Regolamentazzjoni Veterinarja fi ħdan id-Dipartiment għas-Saħħa u t-Trattament Xieraq tal-Annimali. Ix-xogħol varja minn emendar u l-konsolidazzjoni ta' regolamenti attwali, bħal dawk għat-trasport għall-annimali, l-iġjene tal-oġġetti tal-ikel, il-metodi ta' teħid ta' kampjuni tal-għalf tal-annimali, is-saħħa tal-annimali u l-mard li jittieħed, ir-regolamenti uffiċjali tal-kontroll u ħafna aktar.

Fid-9 ta' Ottubru tal-2023 ġiet varata konsultazzjoni pubblika dwar il-White Paper dwar ir-regoli tal-pet grooming, pet sitting, pet boarding u dog breeding. Dan il-proċess ġie segwit minn żewġ sessjonijiet ta' konsultazzjoni pubblika li saru fit-16 ta' Ottubru ġewwa Għawdex u 17 ta' Ottubru ġewwa Malta. Dan il-proċess estensiv ta' konsultazzjoni wassal għall-proposti ta' diversi partijiet interessati ewlenin.

Sur President, wara konsultazzjoni pubblika li saret fl-2022 qed jiġi mħejji dokument għall-Istrateġija Nazzjonali għat-Trattament Xieraq tal-Annimali. Sar xogħol relatat mal-viżjoni u l-miri kif ukoll it-tematika ta' dan l-argument li għaddej b'ritmu mgħaġġel. Dan id-dokument se jkun varat matul is-sena d-dieħla u se jipprovdi qafas strateġiku importanti f'dan is-settur. Il-Laboratorju Veterinarju Nazzjonali issa laħaq l-akkreditazzjoni tiegħu bħala laboratorju nazzjonali ta' referenza għall-marda tad-deni Rift Valley, għall-marda Surra fiż-żwiemel u anke għar-reżistenza antimikrobika. Il-Laboratorju Veterinarju kompla wkoll jaħdem biex jestendi l-akkreditazzjoni u tip ta' analiżi għar-residwi, u ġew implimentati miżuri relatati mal-istrateġija tal-AMR 2020/2028 bil-għan li tittejjeb il-biosigurtà fl-irziezet u l-użu prudenti tal-antimikrobiċi.

Għaddejjin ukoll bil-proċess tal-ippjanar ta' laboratorju nazzjonali ġdid. Tlestew il-pjanti tal-bini l-ġdid u ġiet sottomessa l-applikazzjoni lill-Awtorità tal-Ippjanar. Dan il-laboratorju huwa maħsub biex itejjeb il-proċessi tal-analiżi u jżid il-firxa ta' analiżi akkreditata u għaldaqstant ittejjeb is-servizz offrut mil-laboratorju. Il-ġbir dwar id-data tal-bejgħ tal-antibijotiċi fl-2022 ġie konkluż u mgħoddi lill-Organizzazzjoni Dinija tas-Saħħa tal-Annimali u l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini.

Il-ħidma fuq ir-reklutaġġ tal-uffiċjali addattati għal dan il-kompitu kompliet matul is-sena u l-fondi tal-Unjoni Ewropea għal dan ir-reklutaġġ ġew provduti kmieni fl-2023. L-infurzar tqawwa u ttieħdu miżuri biex jitneħħew mis-suq prodotti mediċinali veterinarji li ma kinux konformi mal-aħħar rekwiżiti dwar l-użu prudenti tal-antibijotiċi u ġew abbozzati avviżi legali ġodda fuq il-prodotti mediċinali veterinarji u għalf medikat. Dan l-avviż legali se jkun qed ikopri s-settur veterinarju fir-rigward tal-mediċini li jagħtu effett sħiħ lir-regolamenti tal-Unjoni Ewropea dwar il-prodotti mediċinali veterinarji u għalf medikat.

Matul din is-sena spiċċa x-xogħol tal-kostruzzjoni fi ħdan il-Kwarantina tal-Annimali Żgħar biex b'hekk jiġu mtejba l-faċilitajiet. Fl-20 ta' Ġunju tal-2023 ġie varat il-proċess ta' riforma fi ħdan id-Direttorat għat-Trattament Xieraq tal-Annimali, fejn ġiet stabbilita riforma strateġika b'sett ta' prinċipji ta' gwida u azzjonijiet għall-implimentazzjoni effettiva u effiċjenti tal-kontrolli u tal-miżuri operazzjonali għad-Direttorat għat-Trattament Xieraq tal-Annimali. Dan id-dokument ta' riforma ġie żviluppat wara konsultazzjoni mal-partijiet konċernati u r-riforma ġiet stabbilita fuq seba' pilastri ewlenin.

Matul is-sena 2023 id-Direttorat għat-Trattament Xieraq tal-Annimali rċieva total ta' 3,744 sejħa għall-assistenza. Minn dawn is-sejħiet ġew salvati total ta' 1,735 annimal. (Onor. Membri: Hear, hear) Id-Direttorat wettaq 866 spezzjoni, s'issa diġà nħarġu 17-il kwerela, għaxar multi amministrattivi u għaxra oħra qegħdin fil-proċess li jiġu evalwati legalment biex ikunu jistgħu jinħarġu. Fil-21 ta' Ġunju tal-2023 ġiet varata l-kampanja tat-tiswija tal-massa tal-qtates u bdew jiġu msewwija l-qtates mir-reġjuni kollha ta' Malta. Sal-ġurnata tal-lum ġew imsewwija 2,258 qattus. L-implimentazzjoni tal-Kampanja Nazzjonali tat-Tiswija u l-Iċċippjar tal-Qtates tat-Triq se titkompla matul is-sena 2024 u se nestendu din il-kampanja biex issir kampanja nazzjonali oħra mmirata biex issir tiswija tal-klieb.

Sur President, komplejna wkoll ix-xogħol fuq l-iskemi relatati mat-trattament xieraq tal-annimali, fosthom Adopt A Pet, Animal Welfare Fund, skemi għall-kunsilli lokali u skemi ta' servizzi veterinarji għas-santwarji. Dawn l-iskemi se jitkomplew is-sena d-dieħla kif ukoll se nkunu qegħdin invaraw skema ġdida li permezz tagħha se nibdew ngħinu b'mod dirett fix-xogħol tat-tiswija u manutenzjoni fis-santwarji. Kompla wkoll ix-xogħol relatat mal-ippjanar taċ-Ċentru tal-Animal Rehoming, fejn qed issir evalwazzjoni ta' dan il-proġett u studju aktar profond ta' kif jista' jiġi operat aħjar ix-xogħol relatat ma' dan iċ-ċentru bil-ħsieb li tiġi sottomessa l-applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar.

Peress li s-Segretarju Parlamentari għadha kemm tat spjegazzjoni dettaljata tal-ħidma tad-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura mhux se nirrepeti dak li diġà ntqal, però nixtieq nagħmel enfasi partikolari fuq l-għajnuniet li l-Gvern diġà offra lis-sajjieda u dawk ippjanati għas-sena li ġejja. Id-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura joffri diversi servizzi lis-sajjieda ta' pajjiżna u, fuq kollox, jimplimenta diversi proġetti li għandhom l-għan li joffru servizzi aħjar għas-sajjieda fil-bżonnijiet tagħhom ta' kuljum kif ukoll jassiguraw sostenibbiltà u futur lil dan is-settur għall-benefiċċju tas-sajjieda Għawdxin u Maltin u l-familji tagħhom.

Din is-sena tajna għajnuna lis-sajjieda full-time għall-fuel bil-għan li nsostnuhom fi żmien ekonomikament diffiċli minħabba ż-żieda fil-prezzijiet tal-fuel ikkawżata mill-gwerra tar-Russja fl-Ukrajna. Wara li s-sena l-oħra ġew allokati €700,000 din is-sena ingħatat għajnuna ta' madwar €1 miljun lis-sajjieda mill-Gvern biex itaffu l-ispejjeż operattivi li jużaw is-sajjieda Maltin u Għawdxin waqt is-sajdiet tagħhom.

Sur President, matul is-sena li ġejja se nkunu qed inżidu wkoll diversi skemi u inizjattivi li huma mmirati għas-sajjieda żgħażagħ. Nemmnu bis-sħiħ li rridu nħarsu lejn il-futur tas-settur bl-importanza neċessarja u għalhekk qed naħdmu biex nagħmlu dan is-settur iżjed attraenti għal min irid jibda karriera f'dan il-qasam. Se nkunu qegħdin ninċentivaw lis-sajjieda li għandhom

aktar minn bastiment wieħed sabiex jimpjegaw magħhom sajjieda żgħażagħ li jkunu jixtiequ jibdew jaħdmu f'dan is-settur. Mis-sena d-dieħla wkoll se nintroduċu strumenti finanzjarji li jkunu aċċessibbli għas-sajjieda li jridu jixtru l-ewwel bastiment tagħhom. Sabiex inkomplu nkabbru l-industrija tal-akkwakultura, hekk kif ħabbar il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol, fil-ġimgħat li ġejjin se noħorġu sejħa għal sottomissjonijiet ta' interess sabiex jiġi attirat investiment tal-akkwakultura fiż-żona ekonomika esklużiva ta' pajjiżna.

Niġi issa għad-Direttorat għall-Iżvilupp tal-Politika u Implimentazzjoni tal-Programmi. Matul din is-sena dan id-Direttorat kien strumentali sabiex jassisti d-diversi direttorati fi ħdan il-Ministeru sabiex japplikaw u jiġu approvati diversi proġetti finanzjarji minn fondi Ewropej fil-qasam tal-agrikoltura u s-sajd. Mill-aspett tal-politika Ewropea d-diskussjonijiet fil-fora Ewropea matul din is-sena komplew ikunu dominati mill-effetti tal-gwerra fl-Ukrajna.

Din tal-aħħar ġabet magħha diversi sfidi għal diversi setturi, fosthom l-agrikoltura u s-sajd. Għaldaqstant fid-diversi kumitati, working parties u speċjalment fil-kunsilli tal-ministri responsabbli mill-agrikoltura u s-sajd, li jien ta' kull xahar attendejt, ressaqt 'il quddiem id-diffikultajiet li qed jiltaqgħu magħhom il-bdiewa, ir-raħħala u s-sajjieda Maltin, fosthom iż-żieda sostanzjali fil-prezzijiet tal-fertilizzanti, pestiċidi, ġwież u anke għalf għall-industrija tal-akkwakultura. Fil-fatt, flimkien mal-Istati Membri l-oħrajn irnexxielna nikkonvinċu lill-Kummissjoni Ewropea sabiex tieħu diversi miżuri, fosthom li tiskatta l-fond ta' Agricultural Crisis Reserve, l-estensjoni tal-qafas temporanju għall-għajnuna mill-Istat speċifikament minħabba l-gwerra fl-Ukrajna, kif ukoll diversi miżuri ta' flessibbiltà fl-użu ta' fondi Ewropej taħt il-programm attwali tal-iżvilupp rurali.

Matul din is-sena wkoll 47 skola primarja minn madwar Malta u Għawdex ħadu sehem fl-ewwel edizzjoni tal-programm Best of Farming, li permezz tiegħu lqatna aktar minn 14,000 student ta' bejn l-erbgħa u l-għaxar snin.

Dwar it-tonn, aħna konxji mill-kompetittività u n-neċessità sabiex inkomplu niddiversifikaw is-swieq fl-esportazzjoni tat-tonn tagħna u għalhekk komplejna bin-negozjati mal-awtoritajiet Ċiniżi sabiex l-operaturi tal-fish farms Maltin ikunu jistgħu jibdew jesportaw it-tonn tagħhom lejn iċ-Ċina. Dan kien proċess rigoruż fejn l-awtoritajiet u l-operaturi Maltin kienu soġġetti għal numru ta' spezzjonijiet mill-awtoritajiet Ċiniżi sabiex jassiguraw li l-prodott Malti jkun konformi mal-liġijiet sanitarji u veterinarji Ċiniżi.

B'ħidma konġunta flimkien mal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ għadna kif ikkonkludejna ftehim ta' protokoll maqbul bejn l-awtoritajiet Maltin u l-awtoritajiet Ċiniżi li se jkun qed jagħmilha possibbli li l-operaturi Maltin jibdew jesportaw it-tonn lejn l-akbar suq fid-dinja. Dan huwa ftehim storiku minn diversi aspetti, fosthom ekonomiku, kummerċjali u diplomatiku. Huwa tajjeb li ngħidu li din l-esperjenza ta' diplomazija kummerċjali qed nirreplikawha ma' numru ta' ambaxxati Maltin f'numru ta' pajjiżi li qed jgħinuna nagħmlu l-kuntatti u nesponu aktar il-prodotti Maltin f'diversi expos barra minn Malta.

Dwar l-Information Management Unit irrid ngħid li l-għan tal-uffiċċju tas-CIO huwa li jservi lid-dipartimenti kollha li jaqgħu fi ħdan il-Ministeru u jassistihom f'kulma jkollhom bżonn relatat mat-teknoloġija tal-informatika. Fost il-ħidma ta' dan l-uffiċċju fid-Dipartiment tas-Sajd u Akkwakultura ġiet imnedija faċilità online għall-operaturi tal-fish farms, li qed tippermetti lill-operaturi jkollhom l-informazzjoni kollha dwar il-fish farms tagħhom f'post wieħed. Beda wkoll il-proċess ta' tendering għas-sistema l-ġdida tad-Dipartiment tas-Sajd u Akkwakultura. Fi ħdan id-Direttorat tal-Agrikoltura kompla l-proġett pilota dwar l-użu tal-intelliġenza artifiċjali fl-agrikoltura, fejn is-sena l-oħra bdejna proġett pilota ieħor bl-użu tat-teknoloġija tar-robotika.

Sar xogħol addizzjonali fuq is-sistemi eżistenti biex il-bidwi jkun jista' jitlob rapport li jinkludi linji gwida għall-użu ta' pestiċidi. Kull rapport se jkun personalizzat u bbażat fuq il-prodotti li l-istess bdiewa jkabbru fl-għalqa tagħhom. Fl-ARPA qed isir titjib u żvilupp kontinwu fuq is-sistema eżistenti li tintuża biex jiġu maniġġjati diversi miżuri li jaqgħu taħt iż-żewġ fondi. Ġiet ukoll imġedda l-mobile app BiedjaCam, fejn saret integrazzjoni mal-BiedjaInfo biex b'hekk ir-raħħala jkunu jistgħu iktar faċilment jaċċessaw is-servizzi kollha li għandhom bżonn minn post wieħed.

Saħansitra żdiedu aktar servizzi mill-mobile app, fejn wieħed jista' japplika mingħajr ma joqgħod

iżur l-uffiċini tal-front office tal-ARPA. Fid-Dipartiment għas-Saħħa u t-Trattament Xieraq tal-Annimali u l-Biċċerija Pubblika qed tiġi implimentata sistema ġdida għal-laboratorju, li hija intiża għall-immaniġġjar tal-kampjuni kif ukoll kif jinħarġu r-riżultati tat-testijiet, filwaqt li tkompla x-xogħol fuq l-implimentazzjoni tas-sistema l-ġdida li qed tieħu post in-National Livestock Database.

Sur President, kif rajt, il-ħidma tagħna kienet bla waqfien. Minkejja li dan il-Partit issa ilu għaxar snin fil-gvern, l-enerġija, l-ideat u l-viżjoni tagħna huma ċari u ffokati. (Onor. Membri: Hear, hear) Ma bżajniex nibdlu. Fejn xogħolna kien għadu ma laħaqx dak mistenni minna mill-poplu tagħna, komplejna nibnu fuq dak li kien tajjeb u ħloqna opportunitajiet ġodda fejn ħaddieħor kien qata' qalbu. Fuq kollox dejjem dawwarna l-isfidi f'opportunitajiet. "Malta Ġusta" tfisser Gvern li dejjem jibqa' jgħin lill-Għawdxin u l-Maltin kollha! (Onor. Membri: Hear, hear). "Malta Ġusta" tfisser Malta kompetittiva, fejn dejjem jitkattru opportunitajiet ġodda! "Malta Ġusta" tfisser Malta progressiva li dejjem tkompli tfittex l-avvanzi u t-tiġdid! "Malta Ġusta" tfisser investiment fiż-żgħażagħ u d-dinjità għall-bdiewa, raħħala u s-sajjieda! "Malta Ġusta" tfisser Gvern Laburista! (Onor. Membri: Hear, hear).

Sur President, fl-aħħar nett inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

> Tagħrif dwar pagamenti magħmula mill-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali.

**ID-DEPUTY CHAIRPERSON:** Grazzi. Skada l-ħin fil-Kumitat ta' Provvista. Skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 183 tal-31 ta' Ottubru 2023, id-diskussjoni fuq il-Voti tal-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali hija konkluża, u l-mistoqsija fuq l-emenda u l-voti mressqa huma posposti għat-18 ta' Diċembru 2023 skont kif indikat min-naħa tal-Gvern.

*Il-Kamra rriżumiet u d-Deputy Speaker irrapporta li skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 183 tal-31 ta' Ottubru, 2023 id-diskussjoni fuq il-Voti tal-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali ġiet konkluża u li l-mistoqsija fuq l-emenda u l-voti mressqa kienu posposti għat-18 ta' Diċembru, 2023 skont kif indikat min-naħa tal-Gvern fil-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra.*

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Sar il-ħin. Il-Ministru Anton Refalo, jekk jogħġbu, iressaq l-Aġġornament tal-Kamra.

## AĠĠORNAMENT

ONOR. ANTON REFALO: Sur President, nipproponi l-Aġġornament tal-Kamra għal nhar it-Tnejn, 20 ta' Novembru, 2023, fid-9.00 a.m. b'din l-aġenda:

**Ordnijiet tal-Ġurnata**

**Estimi Ġenerali 2024 - Kumitat ta' Provvista**

**It-Tmien Seduta Stabbilita – Ministeru għat-Turiżmu**

Vot 32 - Ministeru għat-Turiżmu
Vot XV - Ministeru għat-Turiżmu – Kapital

*Skont il-Mozzjoni ta' Proċedura 183 tal-31 ta' Ottubru 2023:*

**Mozzjonijiet**

L-Ewwel Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Mozzjoni 192)

L-Ewwel Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Mozzjoni 193)

Jew xi aġenda oħra li tista' tiġi komunikata aktar tard.

Ninforma lill-Kamra li skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 183 tal-31 ta' Ottubru, 2023, id-diskussjoni fuq il-voti tal-Ministeru għat-Turiżmu m'għandhiex tieħu aktar minn tliet sigħat, bil-ħin jinqasam indaqs bejn kelliema tal-Gvern u kelliema tal-Oppożizzjoni, bl-aħħar nofs għall-Gvern.

Ninforma wkoll lill-Kamra li f'din is-seduta, mistoqsijiet parlamentari jistgħu jsiru bejn l-4.00 p.m. u l-4.30 p.m. u l-ħin tal-Aġġornament ma jitteħidx.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Il-Kamra hija aġġornata għal nhar it-Tnejn, 20 ta' Novembru 2023 fid-9.00 a.m. bl-aġenda kif ikkomunikata mill-Ministru.

*F'12.38 p.m. il-Kamra aġġornat skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 183 tal-31 ta' Ottubru 2023.*

## MISTOQSIJIET GĦAL TWEĠIBIET ORALI MWIEĠBA BIL-MIKTUB

### ASSISTENZA GĦAL DIŻABILITÀ SEVERA - DIĊEMBRU 2016

**11282. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm persuni li bbenefikaw mill-Assistenza għal Diżabilità Severa f'Diċembru tal-2016 u kemm kienet l-ispiża?

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li n-numru ta' benefiċjarji għas-sena 2016 kien ta' 3,080 bi spiża ta' €15.7 miljuni.

### ASSISTENZA GĦAL DIŻABILITÀ SEVERA - DIĊEMBRU 2017

**11283. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm persuni li bbenefikaw mill-Assistenza għal Diżabilità Severa f'Diċembru tal-2017 u kemm kienet l-ispiża?

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li n-numru ta' benefiċjarji għas-sena 2017 kien ta' 3,275 bi spiża ta' €16.9 miljuni.

Wara li fl-2015 ġie emendat l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Kap. 318), fl-2017 bis-saħħa ta'riforma oħra introdotta, ġew emendati wkoll anomaliji fl-istess liġi bħal, pereżempju, li persuna trid bilfors ikollha ż-żewġ dirgħajn jew iż-żewġ riġlejn b'malfunzjoni sabiex tibbenefika mill-assistenza.

### ASSISTENZA GĦAL DIŻABILITÀ SEVERA - DIĊEMBRU 2018

**11284. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm persuni li bbenefikaw mill-Assistenza għal Diżabilità Severa f'Diċembru tal-2018 u kemm kienet l-ispiża?

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li n-numru ta' benefiċjarji għas-sena 2018 kien ta' 3,238 bi spiża ta' €16.4 miljuni.

### ASSISTENZA GĦAL DIŻABILTÀ SEVERA - DIĊEMBRU 2019

**11285. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm persuni li bbenefikaw mill-Assistenza għal Diżabilità Severa f'Diċembru tal-2019 u kemm kienet l-ispiża?

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li n-numru ta' benefiċjarji għas-sena 2019 kien ta' 3,291 bi spiża ta' €17.2 miljuni.

### ĊENTRI LEAP - ATTENDENZA GĦAL TAĦRIĠ

**11397. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm persuni attendew għal taħriġ organizzat miċ-ċentri LEAP, immirat lejn dawk f'riskju ta' faqar, sabiex jakkwistaw ħiliet u għarfien dwar il-benesseri tal-ħajja, f'dawn l-aħħar sentejn?

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Nibda billi ngħarraf lill-Onor. Interpellant li b'seħħ minn Jannar 2019, ix-xogħol li kien jagħmel il-programm LEAP ġie parti mis-servizzi tal-komunità tal-Aġenzija għas-Servizzi Terapewtiċi u fil-Komunità (ACTS) fi ħdan l-FSWS. L-għan ta' din l-Aġenzija huwa li tiġġieled kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali filwaqt li ssaħħaħ l-iżvilupp soċjali tal-komunità.

Fis-snin 2021 u 2022, total ta' 807 parteċipanti attendew fiċ-Ċentri tas-Servizzi fil-Komunità jew fi spazji oħra fil-lokalitajiet rispettivi għal taħriġ immirat sabiex il-parteċipanti jakkwistaw tisħiħ tal-kapaċitajiet u l-ħiliet dwar il-benesseri tal-ħajja. Dan it-taħriġ jingħata permezz ta' edukazzjoni informali u non-formali, l-iktar bi prattiċi bbażati fuq proġetti u diversi inizjattivi.

Min-naħa l-oħra, 502 parteċipanti attendew programmi mmirati għall-Ġenituri u l-Ulied -

The Incredible Years®. Dan il-programm jagħti sapport u jiggwida lill-ġenituri fl-immaniġġjar ta' mġiba diffiċli, li jindirizza sitwazzjonijiet fejn it-tfal ikollhom diffikultajiet soċjali jew ta' żvilupp.

It-tabella ta' hawn taħt turi dan it-tagħrif kollu b'mod aktar konċiż:

| Servizz | 2021 | 2022 | TOTAL |
|---|---|---|---|
| Servizzi fil-Komunità | 378 | 429 | 807 |
| Incredible Years® Parenting Programme. | 267 | 235 | 502 |

**DJAR RESIDENZJALI TAL-ANZJANI - LISTI TA' STENNIJA**

**11398. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid bħalissa kemm hemm anzjani li qegħdin fil-lista ta' stennija biex jidħlu f'dar residenzjali tal-Gvern, jew li jużaw sodod mixtrija mill-Gvern f'residenzi privati?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11319, liema tweġiba ngħatat fis-seduta 162 tal-31 ta' Ottubru 2023.

**'EYLEA' 40MG/ML**

**11399. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-mediċina 'Eylea' 40mg/ml hijiex qiegħda fuq il-Formolarju tal-Gvern u jekk le, jista' l-Ministru jgħid kemm tiswa?

**ONOR. CHRIS FEARNE (Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa):** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi din il-mediċina mhux qiegħda fuq il-formolarju tal-Gvern.

**SCREENING TAL-PROSTATA**

**11400. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm intbagħtu rġiel għall-iscreening tal-prostata u l-etajiet tagħhom, fil-perjodu bejn l-2022 u l-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi bħal ħafna pajjiżi oħra Ewropej, Malta ma għandhiex programm ta' screening tal-prostata.

**JUDICIAL STUDIES COMMITTEE - MEMBRI**

**11403. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid min huma l-membri li jmexxu jew huma involuti fit-tmexxija/kordinazzjoni tal-Judicial Studies Committee? Jista' jgħid ukoll meta nħatru u x'inhuma l-kwalifiki tagħhom?

**ONOR. JONATHAN ATTARD (Ministru għall-Ġustizzja):** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija 11440.

**MEMBRI TAL-ĠUDIKATURA LI ŻARU S-SETT TAL-FILM GLADIATOR 2**

**11404. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid min kienu l-membri tal-Ġudikatura li f'Marzu li għadda ġew meħuda jżuru s-sett tal-film Gladiator 2?

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija numru 11440.

**PROPRJETAJIET/ARTIJIET LI NGĦATAW B'KONĊESSJONIJIET**

**12875. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 8734 u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-lista ta' proprjetajiet/artijiet li ngħataw b'konċessjonijiet jew saret estensjoni tal-konċessjoni mit-8 ta' Marzu 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, inkluż lil min ingħataw, fejn ingħataw (indirizz sħiħ), għal liema skop u kemm ġew mitluba jħallsu, ġewwa Għawdex u Kemmuna?

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI (Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet):** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex ikun aktar speċifiku fit-talba tiegħu peress li kif inhi tirrikjedi ammont konsiderevoli ta' ħin u riżorsi sproporzjonati sabiex tinġabar, anke peress li l-maġġoranza tar-rekords huma manwali.

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX - ANIMAL WELFARE OFFICERS**

**12876. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid fiex wasal il-proċess biex toħroġ is-sejħa ta' Animal Welfare Officers fis-Sezzjoni tal-Animal Welfare fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex sabiex meta jkun hemm bżonn ta' infurzar ġewwa l-gżira ta' Għawdex ma joqogħdux jiġu uffiċjali mill-Animal Welfare ta' Malta sabiex jagħtu l-għajnuna ġewwa Għawdex?

**ONOR. CLINT CAMILLERI (Ministru għal Għawdex):** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Ministeru għal Għawdex m'għandux rwol regolatorju iżda rwol operattiv.

**GOZO CHANNEL – TENDER GĦALL-KIRI TA' VAPUR - PROĊESS TA' AĠĠUDIKAZZJONI**

**12877. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid fiex wasal il-proċess ta' aġġudikazzjoni dwar l-aħħar sejħa li nħarġet mill-Ministeru għal Għawdex 'for the hire of one ropax vessel under a time charter agreement (bimco ropaxtime)' biex jinkera r-raba' vapur għall-Gozo Channel?

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li din is-sejħa nħarġet mill-Gozo Channel Operations Ltd u mhux mill-Ministeru għal Għawdex. Il-proċess ta' aġġudikazzjoni dwar l-aħħar sejħa biex jinkera r-raba' vapur - 'for the hire of one ropax vessel under a time charter agreement' (bimco ropaxtime)' - ġiet magħluqa għax ħadd ma ssottometta offerta għal din it-tender.

**GĦAWDEX – FONDI GĦAL TOROQ RURALI**

**12878. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 8727 u jgħid liema huma t-toroq (isem tat-triq u r-raħal) ġewwa Għawdex li l-Ministeru għal Għawdex applika għalihom biex isiru matul is-snin 2022 u 2023 mill-programm 'Rural Development Programme - European Agricultural Fund for Rural Development' u jgħid liema minnhom ġew aċċettati u liema ma ġewx aċċettati u kemm se jingħata flus il-Ministeru għal Għawdex minn dan il-fond għal dawn it-toroq?

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Ministeru għal Għawdex applika għall-fondi mill-programm 'Rural Development Programme - European Agricultural Fund for Rural Development' biex isiru t-toroq li hemm indikati fit-tabella li tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin ta' Tqegħid ta' Karti.

**IR-RABAT GĦAWDEX – ĊENTRU TAS-SAĦĦA ĠDID**

**12879. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid fiex wasal il-proġett ta' ċentru tas-saħħa ġdid fir-Rabat, Għawdex, li ilu jiġi mwiegħed diversi snin u meta hu ppjanat li jinfetaħ uffiċjalment għall-pubbliku? Jista' jgħid ukoll jekk dan iċ-ċentru hux ser ikun miftuħ għall-pubbliku l-ġurnata kollha (24 siegħa kuljum) bħalma jinfetħu ċentri oħra simili f'Malta?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi ċ-ċentru tas-saħħa ġdid fir-Rabat Għawdex se jiġi inawgurat fil-ġranet li ġejjin.

**GĦAWDEX - INĊIDENTI TAT-TRAFFIKU**

**12880. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Fid-dawl tal-inċidenti anke serji li seħħew f'dawn l-aħħar xhur u ġimgħat fi Triq Borg Għarib u Triq il-Qala, Għawdex, fejn saħansitra anki faċċati tad-djar spiċċaw imġarrfa,

jista' l-Ministru jgħid x'miżuri qed jittieħdu jew beħsiebhom jittieħdu mill-Gvern jew l-entitajiet tiegħu sabiex tiġi indirizzata l-problema ta' sewqan eċċessiv jew abbużiv f'dawn it-toroq?

**ONOR. AARON FARRUGIA (Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali):** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Transport Malta bħalissa qiegħda tiddisinja traffic calming measures għal din iż-żona bl-intenzjoni li dejjem jitnaqqas ir-riskju ta' inċidenti kif imsemmija.

**ĦAL TARXIEN - JOANNA GARDENS - XOGĦLIJIET**

**12931. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11344 dwar xogħlijiet fil-Joanna Gardens ġewwa Ħal Tarxien, jista' l-Ministru jgħid kemm kienet l-istima oriġinali u kemm attwalment se jitħallas għall-istess xogħlijiet?

**ONOR. OWEN BONNICI (Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali):** Mill-Kunsill Lokali ta' Ħal Tarxien preżentement m'hemm l-ebda fattura mħallsa fir-rigward ta' dan il-proġett.

Intant, l-ammont oriġinali tat-tender kien ta' €42,880.25 (VAT eskluż).

**KONTRAVVENZJONIJIET GĦAL NUQQAS TA' UŻU TAL-INDIKATUR**

**12932. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm inħarġu kontravvenzjonijiet tul din is-sena għal sewwieqa li ma jużawx l-indikatur kif tgħid il-liġi?

**ONOR. BYRON CAMILLERI (Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza):** Kien hemm 969 kontravvenzjoni li nħarġu kontra sewwieqa ta' vetturi talli ma użawx l-indikatur skont il-liġi fil-perjodu ta' bejn Jannar u l-aħħar ta' Ottubru 2023.

**TWAĦĦIL TA' LIFTS F'APPARTAMENTI TA' AKKOMODAZZJONI SOĊJALI - NEFQA**

**12933. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11299 dwar l-istallazzjoni ta' lifts fi blokok ta' akkomodazzjoni soċjali, jista' l-Ministru jgħid kemm kienet l-ispiża biex ġew stallati l-lifts indikati fl-istess tweġiba? Jista' jgħid ukoll fejn għad hemm bżonn li jiġu stallati lifts oħra?

**ONOR. RODERICK GALDES (Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli):** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-investiment fuq il-lifts stallati skont it-tweġiba għal mistoqsija parlamentari 11299 kienet ta' €331,891.49. Bħala applikazzjonijiet pendenti għal stallar ta' lifts fl-istess lokalitajiet imsemmija hemm tlieta f'Ħal Għaxaq u tlieta fiż-Żejtun.

**AWTORITÀ TAD-DJAR - TWAĦĦIL TA' LIFTS F'APPARTAMENTI F'RAĦAL ĠDID, ĦAL TARXIEN, SANTA LUĊIJA, IL-GUDJA U L-FGURA**

**12934. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11300 dwar l-istallazzjoni ta' lifts fi blokok ta' akkomodazzjoni soċjali, jista' l-Ministru jgħid kemm kienet l-ispiża biex ġew stallati l-lifts indikati fl-istess tweġiba? Jista' jgħid ukoll fejn għad hemm bżonn li jiġu stallati lifts oħra?

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-investiment fuq il-lifts stallati skont it-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 11300 kienet ta' €649,530.53. Bħala applikazzjonijiet pendenti għal stallar ta' lifts fl-istess lokalitajiet imsemmija hemm tnejn fil-Gudja, tnejn f'Raħal Ġdid, tlieta f'Santa Luċija u wieħed f'Ħal Tarxien.

**ĦAL GĦAXAQ - SKOLA PRIMARJA – NEFQA FUQ XOGĦLIJIET**

**12935. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11301 dwar xogħlijiet fl-Iskola Primarja ta' Ħal Għaxaq, jista' l-Ministru jgħid kemm kienet l-ispiża attwali?

**ONOR. CLIFTON GRIMA (Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni):** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-investiment fuq l-iskola msemmija huwa ta' madwar €6 miljun.

**UNIVERSITÀ – REFURBISHMENT**

**12936. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11302 dwar refurbishment fl-Università ta' Malta, jista' l-Ministru jgħid meta attwalment se jsir dan ir-refurbishment?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11302.

**PJAN TAN-NORTHERN HUB**

**13160. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid x'se jsir mill-pjan tan-Northern Hub minħabba li fil-Baġit ta' din is-sena (viżjoni 2024) ma ġew investiti l-ebda flus fih?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għar-risposta tal-mistoqsija parlamentari 13153.

**SPTAR MATER DEI - OUTPATIENTS**

**13161. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jagħti data meta se jkun qed jopera l-Outpatients blokk il-ġdid fl-Isptar Mater Dei?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għar-risposta tal-mistoqsija parlamentari 13153.

**SPTAR MATER DEI – PARKEĠĠ ĠDID GĦALL-ISTAFF**

**13162. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Fid-dawl li ġimgħa ilu d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa semma l-parkeġġ il-ġdid għall-istaff fl-Isptar Mater Dei waqt il-ħin tal-mistoqsijiet parlamentari, jista' jgħid fejn qed isir il-parkeġġ il-ġdid?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-proġett jikkonsisti fi tliet parkeġġi u wieħed minnhom jinsab lest biswit id-Dipartiment tal-Emerġenza.

**SEXUAL HEALTH POLICY – PJAN U SPIŻA**

**13163. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid x'inhu l-pjan tas-sexual health policy u kemm hi l-ispiża stmata għaliha?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-policy li semma hu se tkun ippubblikata għal perjodu ta' konsultazzjoni pubblika fil-ġimgħat li ġejjin.

**SPTAR MATER DEI – ŻIEDA TA' TEATRI TAL-OPERAZZJONIJIET**

**13164. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid meta se jiżdiedu t-teatri tal-operazzjonijiet fl-Isptar Mater Dei?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi fiċ-Ċentru Reġjonali Vincent Moran li se jinfetaħ fl-ewwel xhur tas-sena l-ġdida se jkun hemm numru ta' swali tal-operazzjonijiet ġodda u addizzjonali.

**SPTAR MATER DEI – PJAN BIEX JITNAQQSU L-LISTI TA' STENNIJA**

**13165. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid x'inhu l-pjan biex jitnaqqsu l-waiting lists fl-Isptar Mater Dei?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi hemm numru ta' inizjattivi sabiex ikomplu jitnaqqsu l-waiting lists fl-Isptar Mater Dei. Fosthom hemm:

- Operazzjonijiet li jsiru fil-Ħdud.

- Outsourcing sħiħ ta' proċeduri minuri u intermedjarji fis-settur privat li jħallas għalihom il-Gvern.

- Outsourcing sħiħ ta' operazzjonijiet maġġuri.

- Outsourcing parzjali tal-proċeduri kollha.

- Kiri ta' theatres fis-settur privat.

- Swali tal-operazzjonijiet ġodda fiċ-Ċentru Vincent Moran.

**ANIMAL WELFARE GOZO**

**13172. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-Animal Welfare Gozo taqax taħt il-Ministeru tiegħu?

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant sabiex tirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2811.

**ANIMAL WELFARE GOZO – RWOL TA' MANAGER**

**13173. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid għaliex m'hemm ħadd jokkupa r-rwol ta' manager ġewwa l-Animal Welfare Gozo u x'qed isir biex dan l-irwol f'din l-entità jimtela?

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fl-aħħar sejħa li ħarġet għal manager f'din is-sezzjoni ma kien hemm l-ebda kandidat eliġibbli. Il-Ministeru qed iħejji sejħa oħra f'dan ir-rigward.

**ANIMAL WELFARE GOZO – SERVIZZ GĦAL ANNIMALI MIĠBURA**

**13174. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid jekk għadux qed jingħata attenzjoni u servizz mediku 24/7 lill-annimali li jinġabru mill-Animal Welfare Gozo u jindika liema kliniċi qed jagħtu dan is-servizz? Jista' jgħid ukoll fejn qed jinżammu dawn l-annimali wara li jiġu misjuba?

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-kura u s-servizz mediku li jkun hemm bżonn qed jingħata kemm mill-veterinarju residenti kif ukoll minn veterinarju estern meta jkun hemm il-ħtieġa. L-annimali misjuba u li jingħataw il-kura jinżammu fil-kwartieri tal-istess Animal Welfare Gozo fiż-żona tal-Farm Esperimentali fix-Xewkija.

**ANIMAL WELFARE GOZO - ĦADDIEMA**

**13175. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni jaħdmu fil-unit tal-Animal Welfare Gozo u x'inhu r-rwol tagħhom?

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant sabiex tirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3643.

**ANIMAL WELFARE GOZO**

**13176. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid f'din l-aħħar sena:

a. kemm instabu annimali midruba ġewwa Għawdex;
b. kemm minnhom ġew salvati;
c. kemm minnhom ġew addottati; u
d. kemm fondi ġew allokati għall-Unit tal-Animal Welfare Gozo?

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Matul l-2022 instabu 1,098 annimal midrub/a jew morda jew

bla sid. Sal-aħħar ta' Ottubru 2023 instabu 1,052 annimal midrub. Filwaqt li jsir minn kollox biex l-annimali jingħataw l-aħjar kura possibbli, mhux dejjem ikun possibbli li l-annimal isalva mill-ġrieħi li jkun ġarrab jew mard li jkun instab fih. Matul l-2022 ġew salvati 756 qattus u fl-2023 ġew salvati 729. Is-sezzjoni taħdem biex l-annimali jsibu familja li tilqagħhom. Matul l-2022 saru 132 adozzjoni filwaqt li sa Ottubru ta' din is-sena saru 152 adozzjoni mill-istess sezzjoni. Numru ta' qtates u klieb oħra marru għand santwarji oħra. Dawn kienu jammontaw għal 238 matul 2022 u 167 sal-aħħar ta' Ottubru 2023. Fl-2023 u fl-2024, is-sezzjoni tal-Ħarsien tal-Annimali ta' Għawdex għandha allokati €120,000 għal kull sena.

**BENEFIĊĊJI SOĊJALI – FONDI RKUPRATI**

**13179. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm fondi ġew irkuprati lura minn dawk li nstabu ħatja mill-Qorti b'rabta mal-abbuż fl-għoti tal-Benefiċċji ta' Diżabilità Severa, sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

**BENEFIĊĊJI SOĊJALI – FONDI RKUPRATI**

**13180. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm fondi ġew irkuprati lura minn dawk li nstabu ħatja mill-Qorti b'rabta mal-abbuż fl-għoti tal-Benefiċċji ta' Diżabilità Severa, sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

**ONOR. CLYDE CARUANA (Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol):** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

**OPERATURI TA' SERVIZZI TA' TRASPORT TAL-PASSIĠĠIERI U KIRI TA' VETTURI - LIĊENZJI TA' OPERATURI U VETTURI REĠISTRATI**

**13186. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 12907 u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista sħiħa tal-Liċenzji ta' Operaturi (skont il-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 499.68) u għal kull waħda jgħid kemm hemm vetturi reġistrati magħha?

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Il-lista sħiħa tal-liċenzji ta' operatur u l-vetturi bil-pjanċi jispiċċaw bl-ittri 'GY' u 'LY' abbinati ma' kull liċenzja tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin tat-Tqegħid ta' Karti.

**VETTURI BIL-'GY' U 'LY' PLATES - OPERATURI**

**13187. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 12908 u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista sħiħa tal-pjanċi tal-vetturi li jispiċċaw bl-ittri 'GY' u 'LY' u f'kull każ jgħid ma' liema Liċenzja ta' Operatur (skont il-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 499.68) huma reġistrati?

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Il-lista sħiħa ta' vetturi bil-pjanċi jispiċċaw bl-ittri 'GY' u 'LY' u l-Liċenzja ta' Operatur abbinata magħhom tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin tat-Tqegħid ta' Karti. Inżid ukoll li dawk il-vetturi fil-lista mmarkati bil-kulur griż huma vetturi ggaraxxjati jew bil-liċenzja taċ-ċirkulazzjoni skaduta minn qabel id-dħul fis-seħħ tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 499.68. Għaldaqstant, is-sidien ta' dawn il-vetturi, għalkemm informati, għadhom ma ġewx japplikaw għal Liċenzja ta' operatur. Infurmat ukoll li l-Awtorità għat-Trasport f'Malta ħadet il-miżuri meħtieġa sabiex qabel ma l-vetturi jiġu liċenzjati, is-sidien għandhom jiġu konformi mar-regolamenti msemmija.

## VETTURI BIL-'GY' U 'LY' PLATES - DRIVER'S TAG

**13188. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 12909 u jgħid kemm hawn persuni li għandhom fil-pussess tagħhom driver's tag valida (għall-vetturi li jispiċċaw bl-ittri 'GY' u 'LY') u jqassam l-informazzjoni skont in-nazzjonalità tal-persuna?

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Sat-13 ta' Novembru 2023, in-numru ta' persuni li għandhom fil-pussess tagħhom driver's tag valida ta' xufiera ta' vetturi żgħar għall-ġarr tal-passiġġieri jammonta għal 13,901. L-Awtorità għat-Trasport f'Malta ma żżommx rekords bin-nazzjonalità tal-persuna iżda bin-numru tal-karta tal-identità u/jew bid-dokument tar-residenza maħruġa minn Identità.

## VETTURI BIL-'GY' U 'LY' PLATES - DRIVER'S TAG MAĦRUĠA

**13189. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 12910 jgħid kemm inħarġu Drivers' Tags (għall-vetturi li jispiċċaw bl-ittri 'GY' u 'LY') mill-2017 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena?

**ONOR. AARON FARRUGIA:** L-ammonti ta' permess ta' xufier/ tags maħruġa għax-xufiera ta' vetturi żgħar għall-ġarr tal-passiġġieri mill-2017 sat-8 ta' Novembru 2023 (maqsumin sena b'sena) kien kif isegwi:

| **Sena** | **Ammont** |
|---|---|
| 2017 | 2,138 |
| 2018 | 4,425 |
| 2019 | 3,090 |
| 2020 | 1,247 |
| 2021 | 1,205 |
| 2022 | 3,270 |
| 2023 | 3,079 |
| **TOTAL** | 18,454 |

## SKEJJEL – LOCKERS – RIFUŻJONI TAD-DEPOŻITU

**13217. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk hux infurmat b'xi skola jew skejjel li għadhom ma tawx lura d-depożitu għall-użu tal-locker matul is-sena skolastika li għaddiet?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** It-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

## SKEJJEL STATALI: LIVELL PRIMARJU - TRASPORT BLA ĦLAS

**13218. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm studenti li jattendu l-iskejjel statali primarji li qed jużaw it-trasport bla ħlas?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Minn 22,017 student hemm 4,225 student li jagħmlu użu mit-trasport bla ħlas fl-iskejjel statali primarji.

## SKEJJEL STATALI - LIVELL MEDJU - TRASPORT BLA ĦLAS

**13219. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm studenti li jattendu l-iskejjel statali medji li qed jużaw it-trasport bla ħlas?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Minn 5,108 student hemm 4,858 student li jagħmlu użu mit-trasport bla ħlas fl-iskejjel statali medji.

## SKEJJEL STATALI: LIVELL SEKONDARJU - TRASPORT BLA ĦLAS

**13220. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm studenti li jattendu l-iskejjel statali sekondarji li qed jużaw it-trasport bla ħlas?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Minn 7,693 student hemm 5,401 student li jagħmlu użu mit-trasport bla ħlas fl-iskejjel statali sekondarji.

## SKEJJEL PRIMARJI TAL-KNISJA - TRASPORT BLA ĦLAS

**13221. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm studenti li jattendu l-iskejjel primarji tal-Knisja li qed jużaw it-trasport bla ħlas?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Hemm 7,075 student li jagħmlu użu mit-trasport bla ħlas fl-iskejjel primarji tal-Knisja.

## SKEJJEL SEKONDARJI TAL-KNISJA: TRASPORT BLA ĦLAS

**13222. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm studenti li jattendu l-iskejjel sekondarji tal-Knisja li qed jużaw it-trasport bla ħlas?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Hemm 6,535 student li jagħmlu użu mit-trasport bla ħlas fl-iskejjel sekondarji tal-Knisja.

## MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, IL-FONDI EWROPEJ U L-ARTIJIET: POSITIONS OF TRUST - SALARJI

**13238. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm hu l-valur totali tas-salarji kollha għall-persuni kollha li jokkupaw position of trust fil-Ministeru jew xi entità li taqa' taħtu għas-sena 2022?

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-lista ta' karigi/pożizzjonijiet ingaġġati fuq bażi ta' fiduċja, (persons of trust jew positions of trust), fil-Ministeru hija skont il-manwal li kopja tiegħu diġà tpoġġiet fuq il-Mejda tal-Kamra.

## MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI, IL-VOLONTARJAT U D-DRITTIJIET TAL-KONSUMATUR: POSITIONS OF TRUST - SALARJI

**13239. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill-Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tgħid kemm hu l-valur totali tas-salarji kollha għall-persuni kollha li jokkupaw position of trust fil-Ministeru jew xi entità li taqa' taħtha għas-sena 2022?

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI (Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur):** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-lista ta' karigi/pożizzjonijiet ingaġġati fuq bażi ta' fiduċja, (persons of trust jew positions of trust), fil-Ministeru, hija skont il-manwal li kopja tiegħu diġà tpoġġiet fuq il-Mejda tal-Kamra.

## MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U L-PROĠETTI KAPITALI: POSITIONS OF TRUST - SALARJI

**13240. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid kemm hu l-valur totali tas-salarji kollha għall-persuni kollha li jokkupaw position of trust fil-Ministeru jew xi entità li taqa' taħtu għas-sena 2022?

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-lista ta' karigi/pożizzjonijiet ingaġġati fuq bażi ta' fiduċja (persons of trust jew positions of trust) fil-Ministeru hija skont il-manwal li kopja tiegħu diġà tpoġġiet fuq il-Mejda tal-Kamra.

## MINISTERU GĦAL GĦAWDEX: POSITIONS OF TRUST - SALARJI

**13241. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid kemm hu l-valur totali tas-salarji kollha għall-persuni kollha li jokkupaw position of trust fil-Ministeru jew xi entità li taqa' taħtu għas-sena 2022?

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 20989.

**MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ, IR-RIFORMI U L-UGWALJANZA: POSITIONS OF TRUST - SALARJI**

**13242. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm hu l-valur totali tas-salarji kollha għall-persuni kollha li jokkupaw position of trust fil-Ministeru jew xi entità li taqa' taħtu għas-sena 2022?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Il-lista ta' karigi/pożizzjonijiet ingaġġati fuq bażi ta' fiduċja, (persons of trust jew positions of trust), fil-Ministeru hija skont il-manwal li kopja tiegħu diġà tpoġġiet fuq il-Mejda tal-Kamra.

**MINISTERU GĦAT-TURIŻMU - POSITIONS OF TRUST - SALARJI**

**13243. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid kemm hu l-valur totali tas-salarji kollha għall-persuni kollha li jokkupaw position of trust fil-Ministeru jew xi entità li taqa' taħtu għas-sena 2022?

**ONOR. CLAYTON BARTOLO (Ministru għat-Turiżmu):** Il-lista ta' karigi/pożizzjonijiet ingaġġati fuq bażi ta' fiduċja (persons of trust jew positions of trust) fil-Ministeru hija skont il-manwal li kopja tiegħu diġà tpoġġiet fuq il-Mejda tal-Kamra.

**ĊERTIFIKATI MICRO INVEST - STENNIJA**

**13311. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid matul l-2022 u l-2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kemm kien iż-żmien medju, massimu u minimu li l-Malta Enterprise ħadet biex inħarġu ċertifikati tal-Micro Invest?

**ONOR. MIRIAM DALLI (Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża):** Ninforma lill-Onor. Interpellant li matul l-2022 u din is-sena kien hemm aktar minn 7,000 applikazzjoni.

Matul l-2022 u l-2023, iċ-ċertifikati tal-Micro Invest ħarġu f'medja ta' 110 ġranet. Bħala minimu dawn inħarġu fi ftit jiem, u bħala massimu ġieli qabżu 500 ġurnata. Dewmien fl-ipproċessar isir meta l-applikazzjoni ma tkunx kompluta, meta jkun hemm bżonn ta' iktar verifiki u anke meta jkunu "late applications", u għalhekk ma jkunux prijorità għaliex iċ-ċertifikat jkun jista' jintuża biss is-sena ta' wara.

**TIBDIL FID-DITTI TAL-MEDIĊINI**

**13312. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid liema ditti ta' mediċini li jġib il-Gvern inbidlu matul is-sena 2022 u l-2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, u jgħid għalfejn regolarment ikun hemm tibdil fid-ditti tal-mediċini?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Id-Dipartiment jipprokura skont l-ispeċifikazzjonijiet ġeneriċi indipendenti mill-marka. F'każijiet fejn il-fornitur jonqos milli jikkonsenja l-ordni, issir ordni urġenti, u proċess ġdid jista' jirriżulta f'bidla fil-marka.

**TENDERS GĦAT TOROQ - DEADLINES**

**13313. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid mit-tenders li nħarġu u ġew awarded mill-2017 'l hawn biex toroq jinbnew mil-ġdid jew jiġi rranġat l-asfaltar u/jew is-servizzi tat-triq, f'kemm minn dawn inqabeż id-deadline stipulat sakemm tlestew u ġew iffinalizzati x-xogħlijiet, u f'kull każ jgħid b'kemm inqabeż?

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Biex tiġi kkompilata l-informazzjoni kollha kif mitlub, se jispiċċa jinqabeż l-advisory cost limit.

## KUMMISSARJU GĦALL-ISTANDARDS FIL-ĦAJJA PUBBLIKA - KAŻ TA' INDIVIWDU

**13332. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' l-Ministru jgħid x'passi kienu ttieħdu mill-Ministeru tiegħu dwar l-individwu, li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika kif jidher f'paragrafu 81 tar-rapport Case No. K023 datat 20 ta' Jannar 2020?

**ONOR. IAN BORG (Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ):** It-tagħrif għadu qed jinġabar.

## MINISTERU GĦAS-SAĦĦA - KONSULENTI

**13343. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: B'referenza għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 12484 u 12784, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid min huma l-konsulenti ingaġġati, x'remunerazzjoni għandhom u x'inhi l-kariga ta' kull wieħed jew waħda minnhom rispettivament?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għar-risposta tal-mistoqsija parlamentari 12484.

## MINISTERU GĦAL GĦAWDEX - KONSULENTI

**13344. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għal Għawdex: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12895 rigward kemm-il konsulent kien hemm ingaġġat miegħu f'din is-sena, u ċjoè bejn Ottubru 2022 u Ottubru 2023, jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija fl-intier tagħha u jipprovdi l-isem u l-kunjom tal-konsulenti fi Skala 7?

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li data personali ta' persuni li jokkupaw karigi inqas mill-iskali ta' management ma jingħatawx sabiex jitħaddem il-prinċipju tal-bilanċ bejn il-protezzjoni tad-data u l-interess pubbliku.

## MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, IL-FONDI EWROPEJ U L-ARTIJIET - KONSULENTI

**13345. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12897, jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija oriġinali 12490 fl-intier tagħha u jgħid kemm-il konsulent kien hemm ingaġġat miegħu f'din is-sena, u ċjoè bejn Ottubru 2022 u Ottubru 2023 u jgħid min huma l-konsulenti, x'remunerazzjoni għandhom u x'inhi l-kariga ta' kull wieħed jew waħda rispettivament?

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li data personali ta' persuni li jokkupaw karigi inqas mill-iskali ta' management ma jingħatawx sabiex jitħaddem il-prinċipju tal-bilanċ bejn il-protezzjoni tad-data u l-interess pubbliku.

## MELLIEĦA, SAN PAWL IL-BAĦAR, QAWRA, NAXXAR - TRASPORT GĦALL-ISKEJJEL PRIMARJI

**13350. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 12792 u jgħid kemm hemm studenti fl-iskejjel primarji tal-Mellieħa, San Pawl il-Baħar, il-Qawra u n-Naxxar, li jitwasslu l-iskola permezz ta' trasport ipprovdut mill-Ministeru u kemm jintużaw vetturi għal dan it-trasport?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Qed jintużaw 25 vettura biex jagħtu servizz ta' trasport lil 502 student fl-iskejjel imsemmija.

## TRANSPORT MALTA – TAĦRIĠ TAS-SEWQAN SPEĊJALIZZAT GĦAL PERSUNI B'DIŻABILITÀ

**13351. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 13035 u jgħid jekk Transport Malta (TM) għamlitx xi sejħa biex instructors tas-sewqan jingħataw taħriġ speċjalizzat biex ikunu jistgħu

jgħallmu lil persuni b'diżabilità biex ikunu jistgħu jġibu l-liċenzja tas-sewqan? Jekk iva, jista’ l-Ministru jgħid meta ħarġet is-sejħa, kemm kien hemm instructors li fil-fatt applikaw għal dan it-taħriġ, u kemm minnhom temmew it-taħriġ?

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Filwaqt li nirreferi lill-Onor. Interpellant għall-mistoqsija 13045, ninfurmah li Transport Malta qatt ma għamlet jew ħarġet sejħa għat-taħriġ biex għalliema tas-sewqan ikunu speċjalizzati li jistgħu jgħallmu lil persuni b'diżabilità biex ikunu jistgħu jġibu l-liċenzja tas-sewqan.

**PERSUNI B'DIŻABILITÀ – PENSJONIJIET – TIBDIL FIL-LIĠIJIET**

**13352. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 13037 u jgħid jekk sarx jew hux mistenni li jsir fil-futur qarib tibdil fil-liġijiet dwar il-pensjoni ta' persuni b'diżabilità, biex dawk il-persuni b'diżabilità severa (li sal-lum jistgħu jaħdmu u fl-istess ħin jingħataw il-benefiċċji) li jilħqu l-età pensjonabbli fil-fatt ikomplu jirċievu l-istess benefiċċji, minkejja li jkunu qed jieħdu l-pensjoni?

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Waħda mill-miżuri tal-manifest elettorali *Malta Flimkien* tindirizza proprju l-materja msemmija.

Fil-fatt, matul din il-leġiżlatura se jiddaħħal tibdil sabiex meta tali persuni jirtiraw u jibdew jieħdu pensjoni kontributorja, ikollhom żieda fil-pensjoni sabiex din tilħaq il-Paga Minima Nazzjonali jew żieda ta’ mhux inqas minn 10% tal-Assistenza għal Diżabilità Severa fuq il-pensjoni, liema tiġi l-ogħla.

**SPTAR MATER DEI – SPIŻJARA U PHARMACY TECHNICIANS**

**13364. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista’ d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hemm spiżjara u/jew pharmacy technicians li għalqu s-60 sena u li għalqu l-61 sena fl-Isptar Mater Dei? Jista’ jgħid ukoll kemm hemm minnhom li qegħdin fuq long sick leave?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi fl-Isptar Mater Dei hemm ħames Senior Pharmacy Technicians u Principal Pharmacy Technician wieħed li għalqu 60 sena. Hemm Senior Pharmacy Technician wieħed li qiegħed fuq long sick leave.

**BAĠIT 2024 - MEDICAL SCHOOL**

**13365. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista’ d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid meta ser titlesta l-Medical School sabiex tibda tilqa’ fiha l-istudenti tal-Mediċina u tal-Health Sciences? Jista’ jgħid ukoll kemm hemm flus allokati għal dan il-proġett fil-Baġit 2024?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex tirreferi l-mistoqsija tagħha lill-Ministru kkonċernat.

**SPTAR KARIN GRECH - STANDARD OPERATING PROCEDURES**

**13366. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista’ d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk fi żmien li l-Isptar Karin Grech kien taħt it-tmexxija ta’ Vitals Global Healthcare (VGH) u Steward inżammux l-istess standard operating procedures bħalma jsir fi sptarijiet oħra li huma mmexxija mill-Gvern? Jista’ jgħid ukoll jekk record keeping u statistika humiex aġġornati fis-servizzi kollha offruti fl-Isptar Karin Grech?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Fiż-żmien li l-Isptar Karin Grech kien taħt it-tmexxija ta’ Vitals Global Healthcare u Steward Health Care inżammu l-istess standard operating procedures bħalma jsir fi sptarijiet oħra li huma mmexxija mill-Gvern.

**SPTAR MATER DEI - CANTEEN**

**13367. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista’ d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid meta l-ħaddiema fl-

Isptar Mater Dei se jkunu jistgħu jagħmlu użu mill-canteen li tteħditilhom biex saret ward?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Se jsir xogħol sabiex ikun ippublikat tender sabiex jinbena canteen ġdid.

**BAĠIT 2024 - MEDICAL SCHOOL**

**13368. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid meta se titlesta l-Medical School sabiex tibda tilqa' fiha l-istudenti tal-Mediċina u tal-Health Sciences? Jista' jgħid ukoll kemm hemm flus allokati għal dan il-proġett fil-Baġit 2024?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** It-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

**IL-MAGĦTAB – PROĠETT ECOHIVE - BINI TA' INĊINERATUR**

**13369. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 5820, tista' l-Ministru tgħid min kien responsabbli għall-iskavar tas-sit tal-impjant tal-Ecohive? Tista' tgħid ukoll kemm ħareġ materjal minn dan l-iskavar, x'sar minnu dan il-materjal u x'valur għandu dan il-materjal?

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 867. Infakkar li l-proġett Ecohive li qed tieħu ħsiebu l-WasteServ huwa l-ikbar investiment li qatt sar f'pajjiżna fil-qasam tal-immaniġġjar tal-iskart. Bħala parti minn dan il-proġett, s'issa tneħħew madwar 8,902 metru kubu ta' materjal. Il-kejl kollu ta' dan ix-xogħol sar b'surveys *in situ* u dan sabiex jkun evitat ir-riskju ta' żbalji jew fatturi oħrajn li jistgħu jagħtu totali mhux korretti. Infakkar ukoll li l-kuntratt relattiv għadu attiv u l-ammont finali jkun ikkonfermat meta jittieħed l-aħħar survey.

**AWTORITÀ GĦAT-TRASPORT – SERVIZZI LEGALI**

**13376. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid min qed joffri servizzi legali lill-Awtorità għat-Trasport u x'inhuma l-kundizzjonijiet/remunerazzjoni li tingħata għall-għoti ta' dawn is-servizzi legali?

**ONOR. AARON FARRUGIA:** It-tweġiba se tingħata f'seduta oħra.

**ŻONA TA' SAN PAWL IL-BAĦAR – CCTV CAMERAS**

**13381. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Ministeru wettaqx xi studji partikolari għal dak li jikkonċerna l-ħtieġa ta' CCTVs fl-inħawi ta' San Pawl il-Baħar (il-lokalità kollha) u, jekk iva, jista' jagħti tagħrif dwar x'kienu r-riżultati ta' dawn l-istudji? Jista' jgħid ukoll jekk il-Kunsill Lokali għamilx talbiet biex il-Ministeru jipprovdi tali CCTVs? Jista' jgħid jekk tali CCTV cameras għandhomx bżonn ta' permessi mill-Ministeru qabel jiġu installati?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Fil-Baġit għas-sena 2024 il-Gvern qed jerġa' jalloka investiment qawwi fis-sigurtà, inkluż sigurtà megħjuna bit-teknoloġija. L-għażla tal-ewwel lokalitajiet imsemmija fil-Baġit saret wara analiżi tal-krimini anke hekk kif provdut fil-crime reports. Minbarra hekk, hemm diversi kunsilli lokali li investew f'mezzi teknoloġiċi, inkluż cameras, wara li ħadu fondi mill-Aġenzija LESA sabiex jattakkaw l-abbuż.

**MALTA U GĦAWDEX – CCTV CAMERAS**

**13382. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Ministeru għandux sistema ċentralizzata li magħha huma mqabbda s-CCTV cameras kollha li hawn madwar Malta u Għawdex? Jekk le, jista' jagħti tagħrif dwar jekk il-Ministeru hux qed jipprepara biex f'Malta jkollna sistema ċentralizzata b'dan il-mod?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex tirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13381.

## MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL - SERVIZZI MOGĦTIJA

**13383. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid liema servizzi qed jingħataw mid-dipartimenti jew awtoritajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru tiegħu minn xi uffiċċju li l-Gvern għandu f'San Pawl il-Baħar (lokalità kollha)? Fejn jinsabu dawn l-uffiċċji li minnhom qed jingħataw dawn is-servizzi?

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Is-servizzi tal-FSWS lill-komunitajiet ta' San Pawl il-Baħar, Qawra, Xemxija u Burmarrad jingħataw miċ-Ċentru tal-Komunità li jinsab fi Blokk B 4, Triq il-Frejgatina, San Pawl il-Baħar SPB 1273.

Il-Fondazzjoni għas-Servizzi ta' Ħarsien Soċjali (FSWS) permezz tal-Aġenzija għas-Servizzi Terapewtiċi u tal-Komunità (ACTS) tipprovdi servizzi ta' ħidma soċjali, commuity mentoring, servizzi ta' psikoterapija, terapija tal-familja u counselling, kif ukoll gwida fit-trobbija tal-ulied għall-individwi u familji. Fuq livell ta' komunità, is-servizz jipprovdi community development worker biex issir ħidma mal-imsieħba soċjali u mal-komunitajiet fuq bażi kollettiva.

Inżid ngħid li diversi servizzi oħra, speċjalment dawk offruti mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, fejn jirrigwarda applikazzjoni u/jew mistoqsijiet dwar pensjonijiet u benefiċċji, qegħdin ukoll jintlaħqu f'diversi komunitajiet, inkluż il-komunità ta' San Pawl il-Baħar, permezz tal-uffiċini li huma responsabbli minnhom is-Servizz.Gov.

## TIBDIL FIL-MAPPA ĠEOLOĠIKA TA' MALTA

**13390. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jagħti spjega għalfejn il-mappa ġeoloġika ta' Malta (Bedrock Geology of the Maltese Islands) ippublikata fl-2022 fuq is-sit www.continentalshelf.gov.mt, inbidlet minn dik tal-1993? Jista' jispjega x'hemm differenti? Jista' jagħti spjega dwar kif u għalfejn Fil-parti fejn hemm iż-żona li tiġi viċin il-lokalitajiet ta' Santa Venera, Ħal Qormi u l-Ħamrun jidher li nbidlet it-tip ta' ġebla minn Middle Globigerina fl-1993 għal dik ta' Lower Globigerina fl-2022?

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Il-mappa tal-1993 kellha skala ta' 1:25000 filwaqt li l-mappa tal-2022 għandha skala ta' 1:10000. Dan ifisser li millimetru issa jirrappreżenta 10 metri u mhux 25 metru. Il-mappa ġiet aġġornata permezz ta' tender li ngħata lill-British Geological Survey (BGS). Sitt ġeologi barranin u ġeologu lokali wieħed ġew ingaġġati mill-BGS għall-aġġornament tal-mappa.

Il-mapep ġeoloġiċi huma interpretazzjonijiet, dedotti minn varjetà ta' evidenza diretta u indiretta. Interpretazzjonijiet suċċessivi ġeoloġiċi ta' żona jistgħu jinbidlu hekk kif issir disponibbli evidenza ġdida, jinbidlu l-konċetti ġeoloġiċi u jintużaw metodi ġodda ta' mappjar ġeoloġiku. Il-mappa tal-2022 hija bbażata fuq l-evidenza disponibbli fiż-żmien tal-istħarriġ, riċerka xjentifika u kunċetti ġeoloġiċi aktar moderni.

Id-differenzi ewlenin bejn il-mappa tal-2022 fuq skala 1:10,000 u l-mappa tal-1993 fuq skala 1:25,000, jinkludu bidliet fil-pożizzjonijiet tal-konfini u l-istrutturi ġeoloġiċi dedotti (eż. faults) biex tittejjeb ir-relazzjoni bejn il-ġeoloġija u t-topografija u biex tkun konsistenti mal-evidenza disponibbli, inklużi l-osservazzjonijiet fuq il-post, kif ukoll mal-prattiki moderni tal-immappjar ġeoloġiku. Ċerti units ġew ikklassifikati mill-ġdid (eż. l-età tal-blat) biex ikunu konsistenti mal-aħħar riċerka xjentifika.

Il-lokalitajiet imsemmija huma żviluppati u urbanizzati ħafna, b'infrastruttura jew djar li jkopru l-biċċa l-kbira tal-art f'din iż-żona, u għalhekk l-espożizzjoni tal-blat hija limitata ħafna. Informazzjoni addizzjonali minn investigazzjonijiet fuq l-art u boreholes li kienet disponibbli fiż-żmien tal-istħarriġ hija wkoll skarsa.

Il-mappa ġeoloġika tal-1993 turi linja mhux kontinwa (dashed) madwar il-Middle Globigerina Limestone f'din iż-żona, li jfisser li l-estent ġie dedott minn informazzjoni limitata u mhux osservat direttament mill-ġeoloġi.

L-outcrop tal-Middle Globigerina Limestone fil-qtugħ tat-triq fin-Nofsinhar tal-Mina ta' Santa Venera huwa rqiq u mhux kontinwu. Pereżempju, huwa stmat mill-immaġini ta' Google Street View li jkun bejn wieħed u ieħor 0.2 sa 0.3 metri. Din hija irqaq mir-'regola ta' metru' li hija applikata mill-BGS għall-bedrock units meta mmappjati fuq skala 1:10,000. Dan ifisser li kwalunkwe bedrock units irqaq minn metru huma tipikament esklużi minn mapep ġeoloġiċi fuq skala 1:10 000 favur l-unit ta' taħt. Din il-prattika tneħħi l-kumplessità ġeometrika li ma tistax tiġi rappreżentata b'mod prattiku fl-iskala tal-immappjar.

Il-mapep ġeoloġiċi jippreżentaw ġeneralizzazzjoni tal-ġeoloġija, bil-livell tad-dettall ikun xieraq għall-iskala tal-mappa. Il-mapep ġeoloġiċi huma maħsuba biex jiggwidaw, iżda mhux jissostitwixxu, investigazzjoni xierqa tas-sit, inklużi studji fuq skala lokali.